

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR 2015 – DIĊEMBRU 2016

Nru 189

# "JIEN ĠEJT FOSTKOM MINN QALBI"



f'din il-ħarġa



6



9



10



14



23

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Merħba, Arċipriet!

Għal ħafna minna din żgur mhix l-ewwel darba li għexna bidla fit-tmexxija tal-Parroċċa. Hija realtà li kull tant żmien u b'mod naturali kull komunità tgħix, kull meta l-Isqof Djoċesan jagħżel ragħaj ġdid fit-tmun tagħha.

Huwa minnu li spiss wieħed ikun dara l-karattru u l-istil ta' Arċipriet. Allura ma jistax jonqos li bidla taf taffettwa fit-tajjeb u fil-ħażin. Wieħed bla dubju jistaqsi wkoll x'ser ikunu l-prijoritajiet tal-Arċipriet il-ġdid. Madankollu, hu dejjem fid-dmir tal-parruċċani li juru koperazzjoni mar-ragħaj il-ġdid li l-Isqof jibgħat, f'dan il-każ fil-persuna ta' Mons. Joseph Curmi, biex flimkien miegħu dejjem jaħdmu u jistinkaw ħalli l-komunità parrokkjali tissokta tikber fil-fidi u tisseddaq fil-ġid li Alla jrid isawwab fuqha.

Illum qed ngħixu f'realtà fejn il-Knisja hi leħen fost oħrajn fis-soċjetà Maltija, u wieħed li mhux dejjem għadu jiġi awtomatikament mismugħ. Għalhekk ma għadux iż-żmien li neħduha bħala ħaġa ovvja li s-siġġijiet tal-Bażilika ħa jimtlew, jew li għandna xi garanzija dejjiema ta' għadd b'saħħtu ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. F'dan iż-żmien ta' sfidi, il-komunità Nisranija trid tħabrek iżjed minn qatt qabel biex isaħħaħ il-preżenza tagħha u tkompli tagħmel lilha nfisha – u allura l-Vanġelu – relevanti.

Għalhekk, għażiż Arċipriet, lilek qed nilqgħuk fostna b'din ix-xewqa sinċiera. Irridu naraw it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jirċievu formazzjoni b'saħħitha, ħalli jistgħu jaffrontaw il-ħajja tal-lum bil-valuri tal-fidi; u lill-għarajjes u l-miżżewġin tagħna jagħrfu dejjem aktar jibnu ħajjithom fuq "il-ferħ tal-Vanġelu". Dan jista' jseħħ b'aktar okkażjonijiet ta' formazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti, bil-kura u l-attenzjoni lejn il-morda u l-anzjani, u billi nkomplu nsaħħu l-ambjent fejn jistgħu jitrawmu vokazzjonijiet ġodda.

Aħna ċerti li dawn ix-xewqat huma żgur għal qalbek, u fiż-żmien li ġej ser inkunu qed naraw inizjattivi ġodda biex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet. Il-Mulej qed isejħilna, membri ta' din il-komunità, biex inkunu dejjem lesti li ngħinu u nappoġġjaw kull inizjattiva li tittieħed fil-Parroċċa.

Nafu li l-Arċipriet il-ġdid hu mħeġġeġ u mimli enerġija biex jagħmel minn kollox ħalli jkompli jibni fuq ta' qablu u jara li sseħħ ix-xewqa tal-poplu Ġorġjan, jiġifieri dik li l-Parroċċa ta' San Ġorġ tkompli tikber, mhux fid-daqs, daqskemm fis-sejħa Nisranija tagħha.

Hu doveruż ukoll li filwaqt li nifirħu, kif għamilna, bil-wasla tal-Arċipriet il-ġdid, nirringrazzjaw minn qalbna lil Mons. Pawlu Cardona li għal dawn l-aħħar disa' snin serva bħala Arċipriet ta' San Ġorġ, żmien li fiha saru diversi proġetti, imma li fuq kollox il-komunità stagħniet b'tant ġid spiritwali u pastorali.

Din l-edizzjoni, barra li tkopri sentejn sħaħ ta' ħajja parrokkjali, tinkludi suppliment speċjali dwar iċ-ċelebrazzjonijiet kollha marbuta mal-bidu tal-ministeru pastorali ta' Mons. Joseph Curmi bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

## KRONAKA PARROKKJALI

***Membri ġodda fil-komunità parrokkjali***

10/01/2015 **Leonardo Dylan**, bin Stefano Dylan Caltagirone u Debora Perricone
11/01/2015 **Francesco**, bin Sam Cefai u Mariella Spiteri
31/01/2015 **Aaliyah**, bint Frank Attard u Chantelle Sonia Muscat
04/04/2015 **Miguel**, bin Michael Mejlak u Moira Cassar
04/04/2015 **George Matthews**, bin Matthew Cilia u Louise Zammit
05/04/2015 **Eliza Marie**, bint Edwin Ciantar u Mariella Camilleri
05/04/2015 **Clarissa Rose**, bint Louis Muscat u Jane Debrincat
17/04/2015 **Geordie**, bint George Vella u Melissa Mercieca
19/04/2015 **Maria Madalena**, bint Jamie William Camilleri u Simone Grech
19/04/2015 **Logan Thomas**, bin Thomas Ponyntz u Melina Vella
19/04/2015 **Enya Marie**, bint George Camilleri u Angela Mifsud
17/05/2015 **Anais Monique**, bint Brian Farrugia u Maria Zammit
27/04/2015 **Kadisha**, bint Debbie Said
24/05/2015 **George**, bin David Camilleri u Isabel Zammit
24/05/2015 **Jake**, bin Joseph Camilleri u Melissa Grima
24/05/2015 **Phoebe**, bint Joellson Bezzina u Ruth Portelli

*jissokta f'paġna 4...*

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



archpriestsgeorge@gmail.com

## Inħallu l-Vanġelu jbiddilna għall-aħjar!

Waħda mill-iktar frażijiet imfittxija fuq *Google* hi: "Kif tbiddel ħajtek?".

Xħin tħares lura lejn dak li jiġri fil-ħajja u tibda tiftakar tant ġrajjiet u affarijiet li tgħaddi minnhom, tibqa' mistagħġeb kif għaddew. Affarijiet li qatt ma ħlomthom u ġieli anki ġrajjiet li allaħares tkun taf li se jiġru. Imma l-Vanġelu tagħna jħeġġiġna nħarsu lura biex nagħrfu x'għamel magħna l-Mulej. L-istorja tgħinna nħarsu lejn il-futur b'iktar ħeġġa u tama.

**Bidla**

Fil-ħajja ftit huma l-affarijiet li verament ma jinbidlux. Anzi, il-bidla hi importanti ħafna għax l-ilma għandu xeħta joqgħod u jinten mingħajr ftit riħ li joħloq il-mewġ. L-Ispirtu s-Santu hu mqabbel ħafna mal-bidla. Hu li jġedded il-wiċċ tal-art, hu li minn irġiel maħkuma mill-biża' jagħmel appostli mħeġġa jxandru l-Vanġelu. Hu li ta l-qawwa lil San Ġorġ ixerred demmu għal Kristu. Din hi l-fidi tagħna. Kull bidla fiha l-inċertezzi tagħha li lilna jafu jbeżżgħuna. U ġieli nħarsu lura u ngħidu: "Kemm konna aħjar meta konna agħar"! Imma dak ukoll hu biża' li ma jwassal imkien.

Il-Parroċċa tagħna fl-4 ta' Novembru 2016 għaddiet minn bidla fl-Arċipriet. Din il-bidla m'għandhiex tbeżżagħna, imma flimkien nimtlew bil-kuraġġ biex naqdu l-Knisja. Aħna s-saċerdoti msejħin inkunu aġenti tal-bidla. U meta l-Mulej jitlob minna li nibdlu l-ministeru tagħna rridu nkunu lesti nwieġbu: "Jien biss qaddej li ma niswa għal xejn, għamilt dak li kelli nagħmel", u b'serenità nħallu l-post tal-qadi tagħna u naraw fejn il-Mulej qed isejħilna mill-ġdid. Anki għalina iebsa l-bidla, għax meta tkun drajt u tħossok stabbli, jerġa' jitqalleb kollox. Imma ma nistgħux nibqgħu ankrati fil-passat.

**Spazju**

Waħda mill-iktar tentazzjonijiet li ninħakmu fiha u li ma tħallix spazju għall-bidla hi l-frażi: "Għax dejjem hekk sar". Kultant qisu l-motto tagħna jkun: "Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem". Iżda fil-ħajja sew dawk li jibżgħu mill-bidla u sew dawk li jridu jaqilbu d-dinja għandhom l-istess problema: jibżgħu mir-realtà kif inhi u ma jridux jaffaċċjawha.

Irridu naħdmu biex ma nsirux knisja li tiġbor kollox u ma tarmi xejn (*hoarder*). Mhux kull ma għandna li fil-passat kellu valur, illum għad baqagħlu l-istess valur. Mhux kull tradizzjoni hi verament ta' ġid għall-komunità Nisranija tal-lum. Ma nistgħux inħallu li dak li dejjem sar jeħdilna l-ispazju ta' dak li jeħtieġ isir biex il-messaġġ jasal lid-dinja tal-lum. Ma nistgħux nimponu fuq il-ġenerazzjoni tal-lum li għax konna aħna li bnejna knisja u għamilna affarijiet b'ċertu stil, dawn huma vanġelu u d-dinja se tispiċċa jekk dawn jinbidlu.

**Għaqal**

Dan kollu jitlob ħafna għaqal u dixxerniment. Xi spazji ġodda hemm bżonn fil-parroċċa tagħna? Liema hu l-'imbarazz' li qed itellef il-vuċi tal-Vanġelu? Liema huma l-affarijiet li għandna nibqgħu ngħożżuhom u liema għandna nixħtu fil-mużew u fil-folklor? Dan isir bit-talb u l-komunikazzjoni flimkien bħala parroċċa u bħala Knisja. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu d-don tal-għaqal li jħarisna sew min-nuqqas ta' prudenza imma wkoll li jagħtina l-kuraġġ ninbidlu.

**Il-bidu**

Kull bidla ġġib bidu. Nixtieq li f'dan il-bidu tal-ministeru tiegħi fostkom titolbu għalija. Kif ġa għidt diversi drabi, jien ġejt fostkom minn qalbi, iżda miegħi nġorr ukoll limiti u difetti bħal kull bniedem ieħor. Miniex hawn bħala Arċipriet għax jien perfett. Il-Mulej hu ċ-ċentru ta' dak kollu li nagħmlu u lilu rridu nitolbu l-għajnuna u l-għerf. Ejjew ma nikkuntentawx li nkunu biss prodott tal-passat, imma filwaqt li ngħożżu l-għeruq tagħna, naffaċċjaw ir-realtà tal-lum b'tama u ħeġġa. Il-Patrun tagħna San Ġorġ hu eżempju mill-iktar ċar ta' dan kollu. Nitolbuh iħarisna u jidħol għalina.



...jaqbad minn paġna 2.

## KRONAKA PARROKKJALI

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

07/06/2015 **Kenzie**, bint Ruben Said u Pauline Muscat
11/06/2015 **Ben**, bin Joseph Tabone u Monique Cassar
14/06/2015 **Ivy**, bint George Saguna u Maureen Cauchi
04/07/2015 **Kelsey**, bint Julian Farrugia u Pauline Borg
05/07/2015 **George,** bin Joseph Abela u Yana Mercieca
26/07/2015 **Jacob**, bin Michael Hili u Anna Marie Tabone
28/07/2015 **Anya**, bint Kevin John Grech u Alicia Catherine Azzopardi
02/08/2015 **Daekim**, bin David Grech u Kimberly Portelli
30/08/2015 **Finley**, bin Thesemel Gallo u Ashley Tipping
05/09/2015 **Mariah**, bint Joseph Bugeja u Sally Vella
06/09/2015 **Gabriel**, bin Joseph Gatt u Leanne Piscopo
26/09/2015 **Lee**, bin Marcel Vella u Ariane Vassallo
04/10/2015 **Alexander**, bin Simon Mizzi u Joanna Mercieca
17/10/2015 **Penelope**, bint Piotr Armatys u Simone Camilleri
18/10/2015 **Julia**, bint George Ogilvic u Carmen Galea
24/10/2015 **Kristina**, bint Joseph Bartolo u Dianna Attard
20/11/2015 **Leah**, bint Svetlana Invorvaia
21/11/2015 **Elisa**, bint George Farrugia u Mariam Dingli
04/12/2015 **Nicholas**, bin Daniel Pace u Maria Cremona
28/12/2015 **Sakura Hana**, bint Carmel Hili u Martina Maria Calleja
17/01/2016 **Kaiya**, bint Matthew Camilleri u Sarah Vella
24/01/2016 **Rafael**, bin David Grech u Miriam Theuma
30/01/2016 **Gabrijel**, bin Alan Cordina u Mariella Cassar
30/01/2016 **Paul**, bin George Vassallo u Frances Galea
06/02/2016 **Kate**, bint Neville Galea u Sabrina Attard
14/02/2016 **Logan Kai**, bin Kevin Cauchi u Nadine Mizzi
27/03/2016 **Carl**, bin George Cremona u Monica Vella
03/04/2016 **Estelle**, bint Angelo Portelli u Nicolette Camilleri
03/04/2016 **Jake**, bin Mark Formosa u Yana Marie Xuereb
09/04/2016 **Kurt**, bin Joseph Attard u Jeanette Portelli
09/04/2016 **Matthias**, bin Justin Borg u Maureen Rapa
08/05/2016 **Charlotte**, bint Jonathan Mizzi u Denise Mizzi
14/05/2016 **Sara**, bint Alessio Camilleri u Jenice Gatt
14/05/2016 **Matteo**, bin Jason Vella u Joanne Falzon
14/05/2016 **Lea Marie** bint Joseph Debrincat u Moira Fenech
15/05/2016 **Emily**, bint George Farrugia u Louisa Von Brockdorff
15/05/2016 **Leon**, bin Stefan Azzopardi u Christine Tabone
12/06/2016 **Danilo**, bin Noel Saliba u Louise Grech
19/06/2016 **Ralph**, bin Brian Cardona u Amanda Cachia
25/06/2016 **Julia**, bint Eric Borg u Charlene Galea
05/07/2016 **Mya**, bint Matthew Ray Muscat u Katya Galea
05/07/2016 **Liam**, bin James Grima u Elaine Pavia
09/07/2016 **Liam**, bin Kenneth Agius u Amanda Attard
09/07/2016 **Samara**, bint Sam Cefai u Mariella Spiteri
11/08/2016 **Francesco**, bin Micahel Paul Lanzon u Maria Mallia
13/08/2016 **Kayden George**, bin Anthony George Borg u Nancther Portelli
14/08/2016 **Elizabeth**, bint Edward Smith u Francesca Attard
21/08/2016 **Hailey Marie**, bint Jeffrey Cauchi u Nicholine Cauchi
25/09/2016 **Savannah**, bint Mario Attard u Francene Borg
30/09/2016 **Guido**, bin Filippo Giannini u Giovanna Basilotta
04/10/2016 **Estelle**, bint Pawlu Aquilina u Anna Saliba
23/10/2016 **Charlotte**, bint Charlton Cassar u Melissa Tabone
29/10/2016 **Therese**, bint Christopher Attard u Sue-Ellen Vella
06/11/2016 **John Paul u Jacques**, ulied Maximillian Zammit u Audrey Sultana
11/11/2016 **Harry George**, bin Thomas Ponyntz u Melina Vella
17/12/2016 **Ġorġ**, bin Manuel Buhagiar u Marion Portelli
26/12/2016 **Diego**, bin Shawn Pierre Bajada u Christiana Farrugia

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

18/04/2015 **Emanuel John Farrugia u Vicky Cini**
25/04/2015 **Matthew Ray Muscat u Katya Galea**
02/05/2015 **Daniel Cassar u Charlene Caruana**
16/05/2015 **Jeffrey Cauchi u Nicholine Borg**
17/05/2015 **George Xerri u Jessica Pauline Vella**
23/05/2015 **Jason Attard u Claudia Haber**
05/06/2015 **Matthew Cutajar u Georganete Farrugia**
06/06/2015 **Adrian Said u Maria Desira**
06/06/2015 **Paul Aquilina u Anna Saliba**
12/06/2015 **Reinhard Attard u Charlene Formosa**
13/06/2015 **Jonathan Sultana u Suesan-Marie Muscat**
19/06/2015 **Shawn Pierre Bajada u Christiana Farrugia**
20/06/2015 **Michael Buttigieg u Annabel Cordina**
27/06/2015 **Daniel Joseph Cassar u Charmaine Mercieca**
28/06/2015 **Stefan Azzopardi u Christine Tabone**
03/07/2015 **Justin Vella u Marylene Cassar**
04/07/2015 **Marlon Mercieca u Miguela Portelli**
11/07/2015 **Charles-Louis Mercieca u Tara Marie Farrugia**
25/07/2015 **Reno Rapa u Marcelle Grima**
01/08/2015 **Derick Vella u Stephania Rapa**
02/08/2015 **Nicholas Raymond Xerri u Stephanie Attard**
08/08/2015 **Adam Lee Galea u Lisa Anne Collum**
19/09/2015 **Thomas Lyttleton Lawrence u Laura Frances Callaghan-Pace**
05/12/2015 **Charles Jason Spiteri u Pamela Debono**
16/04/2016 **James Gatt u Mariella Vella**
07/05/2016 **Joseph Mizzi u Sandra Portelli**
21/05/2016 **Gabriel Sillato u Alessia Camilleri**
27/05/2016 **Bertam Farrugia u Georgine Tabone**
28/05/2016 **Yosef Magro u Annelise Saliba**
04/06/2016 **Jonathan Buttigieg u Catherine Bartolo**
11/06/2016 **Mark Grima u Josette Vella**

| | |
|---|---|
| 18/06/2016 | Franklin Calleja u Kathleen Grima |
| 18/06/2016 | John Paul Grima u Chantell Azzopardi |
| 25/06/2016 | Jonathan Mizzi u Elena Farrugia |
| 25/06/2016 | Anthony Mercieca u Joanna Magro |
| 02/07/2016 | Nicholas Formosa u Ritianne Attard |
| 08/07/2016 | Mike James Morrison u Michaela Maria Dobbeck |
| 10/07/2016 | Michael Cauchi u Maria Chiara Camilleri |
| 20/08/2016 | Anthony Cauchi u Maronia Azzopardi |
| 27/08/2016 | Charlton Debono u Joanna Apap |
| 10/09/2016 | Andrew Zammit u Andreana Scerri |
| 05/11/2016 | Daniel Xuereb u Philippa Agius |

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 08/01/2015 | Victor Muscat |
| 21/01/2015 | Kan. Teol. Ġużeppi Sacco |
| 25/01/2015 | Joe Vella |
| 31/01/2015 | Carmel Portelli |
| 08/02/2015 | Giorgia Mizzi |
| 15/02/2015 | Carmen Pace |
| 27/02/2015 | Dolores Zammit |
| 27/02/2015 | Ġorġ Grech |
| 06/03/2015 | Victor Galea Pace |
| 07/03/2015 | Ġużeppi Formosa |
| 10/03/2015 | Maria Zerafa |
| 17/03/2015 | Maria Assunta Mercieca |
| 27/04/2015 | Maria Xerri |
| 05/05/2015 | Paul Cremona |
| 17/05/2015 | Ġużeppina Masini |
| 27/05/2015 | Catherine Scerri |
| 08/06/2015 | Ġużepp Aquilina |
| 16/06/2015 | Josephine Farrugia |
| 26/06/2015 | Josephine Debono |
| 29/07/2015 | Dominic Formosa |
| 01/08/2015 | Maria Assunta Gauci |
| 03/08/2015 | Maria Vassallo |
| 27/08/2015 | Maria Antonia Calleja |
| 27/08/2015 | Francis Grech |
| 11/09/2015 | Kan. Francis M. Vella |
| 02/11/2015 | Georgia Refalo |
| 17/11/2015 | Emanuel Scicluna |
| 24/11/2015 | Maria Casha |
| 01/12/2015 | Joseph Sultana |
| 15/12/2015 | Giovanni Maria Bajada |
| 28/12/2015 | Luigia Farrugia |
| 10/01/2016 | Maria Antonia Galea |
| 12/01/2016 | John Magro |
| 10/02/2016 | Carina Camilleri |
| 12/02/2016 | George Mercieca |
| 25/02/2016 | Thomas Sacco |
| 01/03/2016 | Georgia Galea |
| 21/03/2016 | Mons. Arċisqof emeritu Ġużeppi Mercieca |
| 24/03/2016 | Rita Formosa |
| 25/03/2016 | Pasquale Xerri |
| 04/05/2016 | George Caruana |
| 11/05/2016 | Maria Camilleri |
| 25/05/2016 | Maria Attard |
| 11/06/2016 | Paul Grech |
| 20/06/2016 | Dolora Vella |
| 13/07/2016 | Mary Eucharistica Zammit |
| 21/07/2016 | Maria Attard |
| 29/07/2016 | Maria Vella |
| 16/08/2016 | George Borg |
| 28/08/2016 | Teddy Mercieca |
| 24/09/2016 | Joseph Sacco |
| 05/10/2016 | Agatha Zammit |
| 14/10/2016 | Mary Grace Frendo |
| 04/11/2016 | Maria Rosa Sciortino |
| 20/11/2016 | Josephine Farrugia |
| 27/11/2016 | Francis Gauci |
| 06/12/2016 | Maria Portelli |
| 07/12/2016 | Georgia Fenech |
| 07/12/2016 | Josephine Bugeja |
| 15/12/2016 | Rose Agius |
| 20/12/2016 | Ġanna Cassar |
| 28/12/2016 | Ġorġ Gauci |

## DONAZZJONIJIET

Grazzi mill-qalb lil dawk li wieġbu għall-appell tagħna għal iktar donazzjonijiet b'riżq din ir-rivista: Mons. Coronato Grima (Victoria) – €10 | N.N. (Victoria) – €10 | George N. Cassar (Fontana) – €5 | Joe Cini (Victoria) – €20 | Mons. Alfred Xuereb (Vatikan) – €50 | George Grech (Santa Venera) – €30 | Maria Zammit (Victoria, l-Awstralja) – €10 | Michael Pace (Ħ'Attard) – €5 | Frank Schembri (l-Awstralja) – €20 | Mons. Felix Tabone (Victoria) – €20 | Rev. Ġużeppi Saliba (Żebbuġ), RIP – €10 | Rose Attard (Victoria) – €10 | G.G. (Victoria) – €10 | Marrine Gallagher (Victoria) – €20 | M.P. (Victoria) – €10 | C.X. (Victoria) – €10.

*Komplu għinuna, għax neħtieġu ħafna iżjed! Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom (f'ċekk indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) fuq l-indirizz tagħna, inkella wassluhom personalment fl-Uffiċċju Parrokkjali.*

## PROTESTA
### *dwar l-Ortografija*

Kif forsi nnutaw xi qarrejja fostkom li għandhom għal qalbhom l-Ilsien tagħna, sal-ħarġa li għaddiet ta' *Il-Belt Victoria*, b'rispett lejn l-ortografija tal-Malti stabbilita minn Ninu Cremona (1924), bqajna lura milli naġġornaw il-kitba tagħna skont id-"Deċiżjonijiet 1 dwar il-Varjanti Ortografiċi" imposti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti mill-25 ta' Lulju 2008. Billi jħossu moralment obbligat mir-rispett lejn il-Liġi u biex ma jikkawżax konfużjoni fost l-qarrejja li issa huma esposti għal dawn l-aħħar aġġornamenti fir-regoli tal-kitba bil-Malti, anki jekk ma jaqbilx ma' ħafna minn dawn id-*Deċiżjonijiet*, il-Bord Editorjali ddeċieda li minn din il-ħarġa jaġġorna l-ortografija f'din il-pubblikazzjoni għal dak mitlub mill-*Att dwar l-Ilsien Malti* (Kapitlu 470 tal-Kostituzzjoni Maltija).

OBITWARJU

# Il-Kanonku Ġużeppi Sacco (1935-2015)

Francesco Pio Attard

Meta filgħodu ta' nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar 2015 xterdet l-aħbar li kien ħalliena l-Kan. Ġużeppi Sacco, il-Knisja f'Għawdex u l-Parroċċa ta' San Ġorġ tassew kellhom għalxiex jibku.

Dun Ġużepp *is-Sakku*, kif kulħadd kien jafu, kien saċerdot ta' veru, bniedem għall-qalb ta' Alla li qiegħed lil Kristu u lill-Knisja qabel kull interess tiegħu. L-'iskruplożità qaddisa' li biha kien iġib ruħu fil-ħwejjeġ ta' Alla kienet ta' eżempju għal dawk kollha li messew miegħu f'ħajtu u tqiegħdu quddiemna anki issa, wara mewtu, bħala xempju ta' qdusija.

Ngħid għalija, Dun Ġużepp jibqa' fil-memorja tiegħi – u naf li hu hekk għal ħafna – bħala dak il-ministru twajjeb tal-misteri qaddisa, bi tbissima fuq fommu, b'qalb li ma xjaħet qatt, b'sensibbiltà ekkleżjali intelliġenti li għarfet taqbeż il-ħitan tal-mentalitajiet imsejkna li spiss jaħfnu lill-komunitajiet tagħna. Ragħaj tal-erwieħ b'animu soċjali u pastorali li ma ħalliehx mument kwiet, dejjem ħsiebu kif ħa jittrasmetti l-ferħ tal-Vanġelu lill-oħrajn, u fis-skiet tal-qalb tajba tiegħu jfittex li jħobb u jgħin kull fejn tagħfas il-ħtieġa. Fuq kollox bniedem ta' spiritwalità kbira, iġiblek sudizzjon fit-talb u fid-dinjità li biha kien jiċċelebra l-Liturġija u jġorr ma' sidru l-Ewkaristija, rasu baxxuta u mitluf fil-kontemplazzjoni, fi triqtu biex iqassamha lill-morda. Qassis b'viżjoni li ż-żmien m'għamilx bih u kien kapaċi jibqa' joħlom. Rikonċiljatur tal-erwieħ ma' Alla, hekk li ma niddejjaqx inqabblu ma' konfessuri kbar bħall-Vianney u l-Cafasso.



Mal-Arċipriet Cefai u l-Piccolo Clero ta' San Ġorġ wara Vestizzjoni, 6 ta' Ġunju 1965.

Ġużeppi Sacco twieled fil-5 ta' Awwissu 1935, bin Manwel u Rosa mwieleda Mizzi, u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Alfons M. Hili bl-ismijiet ta' Ġużeppi, Mikiel, Manwel u Ġorġ.

Fi tfulitu, kiber qrib l-altar bħala abbati f'San Ġorġ, u hawn ħass titqanqal fih is-sejħa għas-saċerdozju. Fl-istess passi tiegħu mbagħad mexa ħuh Dun Karm, li daħal mas-Salesjani, waqt li kellu oħtu li saret Soċja tal-Museum. Fil-familja kellhom l-eżempju sabiħ u ħabrieki ta' zijuhom Dun Karm, li kien l-ewwel Kantur tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

F'Ottubru 1953, Ġużeppi daħal jistudja s-Seminarju. Hu ġie ordnat saċerdot, flimkien ma' seba' ordinandi oħra, mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace fil-Katidral nhar it-2 ta' April 1960. L-Ewwel Quddiesa Solenni



Ibewwes idejh lill-familja fil-Prima Messa, 26 ta' Mejju 1960.

għamilha fil-Bażilika Ġorġjana fis-26 ta' Mejju, festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, u ppriedkalu l-Arċipriet Mikiel Cefai.

Mill-ewwel medd għonqu għall-ħidma fil-presbiterju tal-parroċċa tiegħu. Bejn l-1960 u l-1976 insibuh Direttur tal-Abbatini, qasam li kien tant għal qalbu u baqa' jsegwi sa mewtu. Fil-fatt, mhux darba u tnejn, anki fl-aħħar snin, kont tarah jinteressa ruħu fl-abbatini tal-parroċċa, iħallsilhom xi ħaġa tal-ikel jew tal-ħelu, jew saħansitra joffri lill-Arċipriet li joħroġhom hu. F'dan l-interess jidher iż-żelu li Dun Ġużepp kellu għall-vokazzjonijiet. Inżidu ngħidu li hu kien ġie magħżul ukoll bħala membru tal-ġurija għall-abbatini Għawdxin li jintgħażlu biex jitilgħu jagħtu servizz il-Vatikan.

L-entużjażmu tal-ewwel snin tas-saċerdozju għall-formazzjoni u l-aġġornament fit-tagħlim ma majna qatt f'iktar minn ħamsin sena ta' ħajja presbiterali. Tmien snin wara l-ordinazzjoni, fl-1968, imħeġġeġ mill-Isqof Cauchi, Dun Ġużepp mar Messina biex jagħmel kors fil-Pastorali fil-Kulleġġ *Ignatium*. Dan il-qasam tal-ħajja tal-Knisja, li kulma jmur kien qed isir iktar importanti, kien ħafna għal qalbu, għax kien jemmen li l-Knisja hemm bżonn tkellem



Waqt PPC tal-Leġjun ta' Marija f'Padova.

u twieżen lill-bniedem bl-imħabba ta' omm. Fehem bla problemi ta' xejn xi jfisser li l-"karità pastorali" trid tkun għal qalb kull saċerdot. Għax kien jemmen bis-serjetà li "t-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid", għal tmien snin lil Dun Ġużepp insibuh jgħallem il-Katekiżmu fil-Qasam tal-Museum, fejn kien jattendi wkoll għall-Assenjatur.

Lil Dun Ġużepp ħafna jassoċjawh ukoll mal-Leġjun ta' Marija. Dan għaliex sa mill-bidu tal-ministeru saċerdotali tiegħu ħa bis-serjetà d-direzzjoni spiritwali u l-appostolat fi ħdan dan il-moviment, u ħadem bis-sħiħ biex ixerred l-imħabba lejn Marija. Mhux darba u tnejn ukoll akkumpanja gruppi ta' Leġjunarji għall-*Peregrinatio pro Christo* barra minn Malta u fl-Afrika. Kienet tispirak il-ħeġġa tiegħu fl-evanġelizzazzjoni u biex jirbaħ iktar qlub għal Kristu u għall-Madonna.

Dun Ġużepp dejjem wieġeb b'ġenerożità għas-sejħat li għamillu l-Isqof biex jagħti sehmu fil-ħidma tal-Kurja u tad-Djoċesi. Dan għamlu bħala Segretarju tal-Kunsill Presbiterali Djoċesan, b'ħidma fl-Arkivju tal-Kurja mill-1973, kif ukoll bħala Delegat tal-Isqof għall-Edukazzjoni u l-Kultura sas-sena 2000. Dan barra s-servizz li dejjem ta mill-qalb f'bosta parroċċi u knejjes fejn kien jiġi mitlub iqaddes jew iqarar. Fejn oħrajn kienu jirrifjutaw, Dun Ġużepp kien dejjem jgħid iva, hekk li stajt torbot fuq id-disponibbiltà tiegħu ġejja minn qalb imwessgħa li fiha donnha riedet tħaddan il-Knisja kollha.

Kien konvint li l-imperattiv tal-Vanġelu kien ukoll wieħed soċjali. Għalhekk, diġà mill-ewwel snin wara li qaddes, Dun Ġużepp daħal b'ruħu u ġismu fil-Moviment Azzjoni Soċjali, imwaqqaf f'Għawdex minn Dun Nikol Ġ. Cauchi, aktar tard Isqof ta' Għawdex, u Dun Fortunato Mizzi. Hu serva sal-aħħar bħala Viċi-President tal-Moviment f'Għawdex, u ħa diversi inizjattivi ta' formazzjoni fil-ħidma soċjali tal-Knisja.

Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ il-ħidma li b'żelu kbir wettaq Dun Ġużepp hi bla tarf. Tispikka l-eżemplarità u l-fedeltà għall-ħwejjeġ ta' Alla u l-qadi tad-dmirijiet saċerdotali. Hu mhux biss kien membru tal-Kolleġġjata Ġorġjana sa mit-twaqqif tagħha fl-1975, fejn aktar tard ingħata l-uffiċċju ta' Teologu, imma kont issibu dejjem disponibbli għall-Quddies, il-Qrar, it-tqarbin, id-direzzjoni spiritwali, u f'kull impenn ieħor li kien jintalab minnu.

Bil-ġabra u t-talb, l-adorazzjoni Ewkaristika, l-eżempju tajjeb u xi kelma ta' ġid, ħadem biex ikattar il-qdusija tal-erwieħ u jħeġġeġ f'kulħadd, speċjalment fiż-żgħażagħ, l-imħabba għal Alla. Tiskanta kif, minkejja d-differenza fl-età, ħafna żgħażagħ kienu dlonk jidħlu f'sintonija miegħu. Mertu tiegħu wkoll huma bosta vokazzjonijiet saċerdotali, ħaġa li Alla biss jaf. Kien qassis tar-ruħ, imma daqstant ieħor kontinwament aġġornat biex jilqa' għall-isfidi ġodda li l-Knisja jkollha tħabbat wiċċha magħhom fi żmienna. Saħansitra, fl-aħħar żmien qabel ħalliena, offra li jgħin fil-ħidma pastorali sanitarja li l-Knisja tagħmel fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex: dan minkejja li hu stess kellu bżonn min idur bih! Fis-satra għamel ħafna iżjed minn hekk...

Saċerdot ubbidjenti li qatt ma ġera wara unuri, fl-umiltà tiegħu kien dejjem meqjus fi kliemu u jiftaħ fommu biss biex jgħid xi kelma għall-ġid. Qatt ma wieġeb bir-rabja għall-offiżi li jagħmlulu, u l-unika reazzjoni ta' korla tiegħu kienet tkun waħda qaddisa biex jiddefendi l-ħwejjeġ ta' Alla. Spiss sofra fis-skiet minħabba wħud li, imqar minn fost sħabu l-qassisin, ma fehmuhx, ikkritikaw b'mod inġust il-modi tiegħu, biex ma ngħidx ukoll ippruvaw iwaqqgħuh għaċ-ċajt.

Fl-aħħar snin ta' ħajtu, is-saħħa ta' Dun Ġużepp marret lura. Fil-fatt, wara xi żmien l-Isptar, fl-aħħar ġimgħat kien sar arranġament biex ma jibqax jgħix waħdu fid-dar tal-familja fi Triq Vajringa, imma jinżel joqgħod fiċ-Ċentru Pastorali *Ragħaj it-Tajjeb*. Imma rrid naħseb li bogħod minn San Ġorġ għamel f'qalbu, u ma damx ma mar. Id-determinazzjoni ta' qalb hekk ħawtiela issa bħal ċediet quddiem l-għeja fiżika ta' tant snin ta' ħidma bla heda. Miet fil-qdusija li biha għex, nhar il-21 ta' Jannar 2015, fl-10.30am, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-għomor ta' disgħa u sebgħin sena. Il-funeral sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar is-Sibt 24 ta' Jannar 2015, u kien midfun fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija tal-Belt Victoria.

Fl-omelija tal-Funeral, l-Isqof Mario Grech qal hekk dwar Dun Ġużepp: "Illum tlifna wieħed mill-aħjar tagħna! Tlifna ħabbar tal-Vanġelu. Dun Ġużepp, min jafu, jaf kemm kien dedikat biex fil-moħbi, b'mod l-iktar ordinarju, sempliċi, ma jitlifx l-okkażjoni u jkellemna dwar Ġesù, u jwasslilna l-Vanġelu. Jien nisma' ħafna – naturalment wara li wieħed imut – kemm kien jagħmel appostolat. U mhux f'din il-Bażilika biss, imma fil-periferiji, forsi zoni li aħna ttraskurajniehom. Imma Dun Ġużepp, mingħajr ma kien ikun jaf ħadd, kien jagħmlu dan ix-xogħol. U jien ngħid li Dun Ġużepp mhux biss kien ixandar il-Kelma, imma kien hu stess Bxara Tajba. Dan jikkonfermawh



Jiċċelebra Ġublew Presbiterali.



Fil-Purċissjoni tal-Festi Anniversarji Ġorġjani tal-2014.

dawk kollha li kellhom ix-xorti u l-grazzja li jkunu jafuh mill-qrib".

M'hemmx għalfejn ngħid li l-mewt ta' Dun Ġużepp ħalliet vojt kbir fil-Bażilika tagħna, fejn kien iqatta' sigħat twal fil-konfessjonarju u quddiem is-Sagrament, u fis-sagristija ta' San Ġorġ, fejn in-nies dejjem kienet issibu għall-qrar jew għal xi parir tajjeb. Imma l-ikbar vojt li ħalla hu fil-qlub ta' ħafna li għalihom Dun Ġużepp kien qassis ta' veru – umli, twajjeb, imma sod – li ma tiċċajtalux mal-prinċipji Nsara, u li ħabb lil Kristu u lill-Knisja qabel kull ħaġa oħra.

## Lil Dun Ġużepp Sacco

*Xahar fuq mewtu*

Kull tant nistenniek rieġa' lura l-knisja
biex toffri d-debħa mqaddsa fuq l-altar,
mitluf f'misteru kbir, miegħU mwaħħad,
ħerqan biex bla waqfien txandar l-Aħbar.

Kull tant mill-ġdid nisthajlek ġewwa t-tempju
tistenna kollok tjieba lill-għajjien.
Kemm drabi kull min fittxek b'qalb miksura
sabek hemm tistennieh, il-ħin kien x'kien!

Nixtieq nerġa' narak fuq dak is-siġġu
li tħalla vojt mid-dnub ta' l-apatija
ta' dawk illi stmaw ġieħhom qabel Alla,
għalkemm ministri tiegħu msemmija.

Kemm għandna, Dun Ġużepp, bżonn dik ħeġġietek
li tarmi l-fwieħa ħelwa tal-qdusija:
ragħaj mogħti b'saħħtek kollha għala l-merħla
li s-Sema f'idejk b'rahan mar iħalliha.

Li kien nittieħdu ftit minn dik l-imħabba
l'għamlitek ilsir tagħha, għax fis-sewwa,
bla trombi daqqejt b'feħ għanjet il-Kelma,
li n-noti tagħha għalik kienu ta' ġewwa.

B'rasek baxxuta, umli u fis-sikta,
'mma sod fir-rieda, bieżel, xejn mistħija,
minn triqtna għaddi kif kont tagħmel darba,
tagħfas ma' sidrek lill-Ewkaristija.

Mill-Ġenna int hu ħsiebna u nebbaħna:
ma naħlux żmien, la l-gwerra hi qaddisa
u r-rebħa żgura għal qaddejja bħalek
li d-dritt ta' Alla jfittxu b'ruħ mikbusa.

Francesco Pio Attard
18 ta' Frar 2015,
l-Erbgħa tar-Rmied



Fil-Funeral tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, 24 ta' Jannar 2015.

OBITWARJU

# Il-Kanonku Franġisk M. Vella
## (1929-2015)

F'inqas minn tmien xhur minn meta miet il-Kan. Ġużeppi Sacco, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata reġa' tilef membru ieħor. Mas-sebħ tal-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2015, tħabbar li l-Kan. Franġisk M. Vella għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-għomor ta' ħamsa u tmenin sena.



Lil Dun Franġisk konna nafuh bħala saċerdot kemxejn riservat, ta' ftit kliem, imma dejjem disponibbli għall-parroċċa. Ta' kuljum kont tarah għaddej minn Triq ir-Repubblika għall-Bażilika ta' San Ġorġ fejn kien jgħaddi n-nofstanhar ta' filgħodu għall-qadi tal-poplu ta' Alla fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni kif ukoll fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Fost il-ġimgħa kien iqaddes dik tal-10.00am jew tal-11.00am. Ma kienx ikun hemm xi ċelebrazzjoni kapitulari li ma konx tarah għaliha. Kien joffri wkoll il-ministeru tiegħu f'diversi parroċċi oħra, kemm f'Għawdex u kemm f'Malta.

Dun Franġisk, bin Ġużepp u Maria mwielda Meilak, twieled fid-29 ta' Settembru 1929, festa tal-Arkanġlu San Mikiel. Huwa għamel l-istudji tiegħu tat-Teoloġija fl-Università Pontifiċja Gregorjana. Ġie ordnat saċerdot nhar id-9 ta' April 1955 fil-Katidral ta' Għawdex mill-Isqof Ġużeppi Pace, u l-Ewwel Quddiesa Solenni ċċelebraha fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fis-17 ta' April tal-istess sena. L-omelija f'din l-okkażjoni kien għamilha Patri Ġużepp Mejlak SJ. Fl-1964, kompla l-istudji tiegħu u kiseb id-*Doctor Utrisque Juris*, jiġifieri d-Dottorat fil-Liġi tal-Knisja.

Huwa qatta' l-parti l-kbira tal-ministeru saċerdotali tiegħu fl-Istati Uniti tal-Amerika. Mill-1965 sal-1976 serva bħala Vigarju Parrokkjali f'żewġ parroċċi f'Kalifornja. Fl-1974, f'Kalifornja stess kompla l-istudji tiegħu fil-Psikoloġija u sar *Associate of Arts with Honours* f'Chabot College. Għal disa' snin sħaħ, minn Diċembru 1976, kien kappillan fil-*Veterans Administration Department*, u wara, sal-1985, serva bħala Mħallef fit-Tribunal Ekkleżjastiku fid-Djoċesi ta' Alexandria. Qabel ma rritorna Malta għalkollox, kien iservi fil-Parroċċa ta' Santa Marija f'Newington.

Fl-1998 ġie Malta u, anki jekk anzjan, beda s-servizz tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fejn fit-8 ta' Mejju 1998 ġie maħtur Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ flimkien ma' Dun George DeBrincat u Mons. Alfred Xuereb.

F'April 2015 Dun Franġisk iċċelebra s-sittin sena mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Dan l-anniversarju ġie ċċelebrat waqt Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 2015 fil-11.00am, ippreseduta minn Mons. Ġużeppi Gauci li wkoll fakkar il-ħamsin anniversarju presbiterali tiegħu. Ikkonċelebra magħhom ukoll Mons. Koronatu Grima, li għalaq erbgħin sena jqaddes.

Għal dawn l-aħħar snin, ir-residenza ta' Dun Franġisk kienet Villa San Lawrenz, dar residenzjali għall-anzjani fir-raħal ta' San Lawrenz. Huwa ħalla din id-dinja nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2015, fis-6.30am, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Il-funeral tiegħu sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru, festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes, fil-5.00pm, wara li l-fdalijiet tiegħu kienu tqiegħdu għall-qima pubblika fil-knisja ta' San Ġakbu u hemm il-Kapitlu talab l-Għasar tal-Mejtin. Il-Quddiesa *præsente cadavere* tmexxiet minn Mons. Tarcisio Camilleri, Vigarju Ġenerali ta' Għawdex, fl-assenza tal-Isqof, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan u bosta saċerdoti oħra.



OBITWARJU

# L-E.T. Monsinjur Ġużeppi Mercieca (1928-2016), Arċisqof emeritu ta' Malta

Mill-kleru tagħna wkoll, fil-21 ta' Marzu 2016, ħalla din l-art l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca (1928-2016), Arċisqof emeritu ta' Malta, li għal tletin sena sħaħ mexxa l-Knisja f'Malta bħala Arċisqof tagħha. Anki jekk kien ilu snin imbiegħed mill-parroċċa tiegħu, l-Arċisqof Mercieca baqa' jgħożż il-memorji ta' tfulitu u l-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu f'San Ġorġ.



Fl-Ewwel Quddiesa tiegħu, 27 ta' April 1952 [Midsea Publications].

## L-ewwel snin

Ġużeppi Mercieca twieled il-Belt Victoria fil-11 ta' Novembru 1928, l-ewwel wild minn sebgħa ta' Saverio u Giovanna mwielda Vassallo Kienu joqogħdu fi Triq il-Providenza, biswit il-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn ġie mgħammed. Missieru kellu ħanut tal-inbid fl-istess triq, u min jaf kemm ħaddiema kienu jmorru jqattgħu siegħa f'nofsinhar jew filgħaxija jgħidu kelma u jixorbu xi pinta nbid! Fl-awtobijografija tiegħu jirrakkonta li kien iqatta' ħafna ħin il-ħanut u jagħti daqqa t'id lil missieru filwaqt li jagħmel il-*homework* tal-iskola u jiekol hemm ukoll.

Ta' min isemmi li fl-imgħoddi kien hemm id-drawwa li f'Ottubru tingħad it-talba tar-Rużarju fil-bidu ta' Triq Providenza, proprju quddiem id-dverna tal-Familja Mercieca u quddiem id-dar ta' Anthony (Ninu) Attard li kienet tinsab biswit id-dverna.

Attenda l-ewwel skola għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù (Tal-Istilla), imbagħad kompla għall-Iskola Primarja tal-Gvern u wara għas-Seminarju ta' Għawdex.

Il-vokazzjoni għas-saċerdozju bdiet minn età żgħira. Kellu żewġ zijiet min-naħa ta' missieru li kienu saċerdoti, Dun Anton u Dun Ġorġ, li t-tnejn kienu saċerdoti ta' San Ġorġ u Monsinjuri tal-Katidral ta' Għawdex. Mons. Ġużeppi Pace kien issuġġerixxa li jmur jistudja fl-*Alma Collegio Capranica* f'Ruma, imma dan ma seħħx mill-ewwel minħabba li kienet għadha ma spiċċatx il-Gwerra. Għalhekk Mons. Pace kien bagħtu jistudja fis-Seminarju ta' Malta u fl-Università ta' Malta. Kien fl-1948 li mar Ruma u beda jistudja fl-Università Pontifiċja Gregorjana.

## Saċerdot

Kien reġa' lura Għawdex għall-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu nhar it-8 ta' Marzu 1952, minn idejn l-Isqof Pace fil-knisja ta' San Ġakbu. Dakinhar kienu tnejn li ġew ordnati; is-saċerdot l-ieħor kien Dun Franġisk Saver Calleja. L-Ewwel Quddiesa Solenni kienet saret nhar is-27 ta' April fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, u l-omelija kien għamilha zijuh Mons. Ġorġ Mercieca.

Kompla l-istudji tiegħu fil-Gregorjana u fl-Università tal-Lateran. Iggradwa fit-Teoloġija u l-Liġi tal-Knisja u ngħata wkoll id-diploma ta' Avukat tas-*Sacra Romana Rota*. Wara li ggradwa, għamel xi żmien jaħdem fit-Tribunal Matrimonjali tal-Knisja f'Ruma.

Lura Għawdex, fl-1959 beda jgħallem fis-Seminarju lill-istudenti fil-livell sekonadarju kif ukoll xi suġġetti tat-Teoloġija u l-Liġi tal-Knisja fis-Seminarju Maġġuri. Mill-1959 sal-1969 kien ukoll Rettur tas-Seminarju tagħna.

Fl-1969, inħatar Imħallef tas-*Sacra Romana Rota*, l-ogħla Tribunal tal-Knisja li jittratta każi ta' żwiġijiet u ta' drittijiet tal-bniedem, imma l-aktar li kien ikollu kienu problemi fi żwiġijiet. F'dak iż-żmien kien miet missieru, proprju fl-10 ta' Jannar 1970, u wara inqas minn sentejn, fit-30 ta' Ottubru 1971, mietet ommu

## Isqof

Fis-27 ta' Lulju 1974, il-Papa Pawlu VI ħatru Isqof Awżiljarju ta' Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, li dak iż-żmien kien għalaq disgħa u tmenin sena. Għal din l-aħbar, il-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ kienet ferħet bil-kbir li wild mill-parroċċa kien sar Isqof. Filgħaxija kienu ndaqqu l-qniepen b'mota solenni għal din il-ġrajja. Dak iż-żmien, Mons. Mercieca kien ukoll membru tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex.

Il-Konsagrazzjoni Episkopali kienet saret mill-Isqof Gonzi stess nhar id-29 ta' Settembru 1974, festa ta' San Mikiel. Kien sar Isqof Titulari ta' Gemellæ, fin-Numidja, u bħala motto kien għażel: "Ikoll Aħwa fi Kristu". Aktar tard huwa laħaq Vigarju Ġenerali, sakemm inħatar Arċisqof Metropolita ta' Malta.

Iż-żminijiet li fihom Mons. Mercieca kien Isqof Awżiljarju u wara Arċisqof ta' Malta ma kienu xejn sabiħ. Fis-sentejn li Mons. Mercieca kien Awżiljarju, kien diġà beda jberraq fil-bogħod li kien juri li ġej il-maltemp bejn il-Knisja u l-Istat Malti. Quddiemu bħala ragħaj spiritwali ta' Malta hu sab bosta sfidi Il-pajjiż kien għadu ferut minn sitwazzjoni politiko-reliġjuża diffiċli, u hu ra li kienet il-missjoni tiegħu dik li juri lill-poplu ta' Alla li l-Knisja kienet qribhom.



Fiż-żmien li fih kien għadu Monsinjur tal-Katidral qabel laħaq Isqof.

Kien nhar il-festa ta' Kristu Sultan tal-1976 li l-Arċisqof Gonzi ħabbar il-ħsieb tiegħu li jitlob lill-Papa li jeżentah mit-tmexxija pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta minħabba l-età tiegħu. Mons. Gonzi kien għamel tlieta u ħamsin sena ta' episkopat, għoxrin fid-Djoċesi ta' Għawdex u tlieta u tletin fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Għaddew tmien snin minn meta l-Arċisqof Gonzi rriżenja, meta fl-età ta' disgħa u disgħin sena, nhar il-Ħadd 22 ta' Jannar 1984, ftit wara nofsillejl, huwa mar jiltaqa' ma' Kristu Rxoxt. Wara li kien espost għall-pubbliku għal jumejn, sar il-funeral nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar fil-Konkatidral ta' San Ġwann u ġie midfun fil-Katidral tal-Imdina.



Mal-predeċessur tiegħu l-Arċisqof Gonzi wara li laħaq Isqof Awżiljarju.

### Arċisqof ta' Malta

Nhar id-29 ta' Novembru 1976 is-Santa Sede ħabbret in-nomina ta' Mons. Ġużeppi Mercieca bħala suċċessur ta' Mons. Gonzi fil-kariga ta' Arċisqof ta' Malta. Iċ-ċerimonja uffiċjali nżammet fil-Katidral tal-Imdina nhar it-12 ta' Diċembru 1976. Għall-okkażjoni tal-Ingress ta' Mercieca bħala Arċisqof ta' Malta, ġie Malta l-Arċisqof Agostino Casaroli li dak iż-żmien kien is-Segretarju tal-Kunsill għall-Affarijiet Pubbliċi tas-Santa Sede. Ir-rappreżentanta uffiċjali tal-Prim Ministru u tal-Gvern Malti fil-funzjoni kienet il-Ministru s-Sinjorina Agatha Barbara. Il-lezzjonijiet kienu nqraw minn Anton Mercieca, ħu Mons. Mercieca, u l-Prim Imħallef il-Prof. John J. Cremona. Għall-funzjoni tal-insedjament attenda wkoll il-President tar-Repubblika Sir Anthony Mamo. Ta' min isemmi wkoll li fl-istess xahar li fl-Arċidjoċesi ta' Malta daħal fil-missjoni tiegħu Arċisqof minn Għawdex, il-pajjiż ra wkoll id-dħul fil-kariga ta' President li wkoll kien minn Għawdex: nhar is-27 ta' Diċembru 1976, Dr Anton Buttigieg ġie elett bħala t-tieni President tar-Repubblika.

Kien xieraq li f'Lulju 1977, fl-ewwel Festa ta' San Ġorġ wara li ġie maħtur Arċisqof ta' Malta, il-Pontifikal ta' nhar il-Festa jiġi ppresedut mill-Arċisqof Mercieca. Kien nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju li l-Arċisqof Metropolita ġie mwassal mill-Palazz tal-Isqof fi Triq ir-Repubblika sal-Bażilika mill-Kapitlu Ġorġjan. Wara l-kant tat-Terza, l-istess Arċisqof mexxa l-ewwel Konċelebrazzjoni Pontifikali tiegħu f'Għawdex. Dakinhar niseġ innu ta' tifħir lil San Ġorġ il-Kan. Vincenzo Azzopardi. L-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu tagħna, assista mit-tron għal din il-Konċelebrazzjoni.

Is-sena ta' wara, fl-1978, kienu saru festi speċjali u ċentinarji fl-okkażjoni tat-tielet ċentinarju mill-bini tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'għamla ta' salib Latin, kif ukoll tal-kwadru titulari xogħol il-Kalabriż Mattia Preti. Nhar is-Sibt 22 ta' April filgħodu, Mons. Mercieca kien mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, filwaqt li filgħaxija kien assista flimkien mal-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi għall-Pontifikal immexxi mill-E.T. Mons. Arċisqof emeritu Mikiel Gonzi. F'Lulju ta' dik is-sena, l-Arċisqof Mons. Mercieca flimkien mal-Isqfijiet Cauchi u Gonzi kienu assistew għall-Pontifikal li kien ippresedut mill-Em.T. il-Kardinal Ermenegildo Florit.



Mal-Isqfijiet Cauchi u Gonzi fil-Festi Tri-Ċentinarji, Lulju 1978.

Imma l-episkopat ta' Mons. Mercieca ma kienx miżgħud b'festi biss, imma sfortunatament esperjenzajna kunflitt politiko-reliġjuż li laħaq il-quċċata fil-bidu tas-snin tmenin.

### Episkopat

Matul it-tletin sena episkopat tiegħu, l-Arċisqof Mercieca adotta stil ta' tmexxija li kien jurih bħala meqjus u ekonomiku ħafna fi kliemu, speċjalment f'ċirkustanzi ta' tqanqil fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin. Minħabba dan l-istil, fi żmien l-inkwiet kbir li seħħ bejn l-Istat u l-Knisja fis-snin tmenin, partikolarment dwar l-iskejjel u l-propjetà tal-Knisja, Mons. Mercieca ġieli kien jiġi kkritikat li kien iżomm fommu wisq magħluq. Kien skiet imħeġġeġ mill-konvinzjoni li hekk kien jitlob l-ogħla ġid komuni, ukoll jekk għalih dan kien ikun ifisser ħafna tbatija u sagrifiċċju.

L-għan tiegħu kien li jaħdem bis-sabar u d-dinjità kollha meħtieġa, fid-direzzjoni tar-rikonċiljazzjoni mibnija fuq il-ġid ta' soluzzjonijiet ġusti u fattibbli. Kien iħobb jgħid li kaptan tajjeb, fejn jista', jistenna l-mewġa tgħaddi qabel jgħaddas rasu, u jekk jinqabad fil-maltemp jixxarrab hu biex ikennen u jħares lill-baħrin tiegħu. Fl-omelija tal-Quddiesa funebri ta' Mons. Mercieca, l-Arċisqof Scicluna tenna li kien "ir-Ragħaj għal kull staġun".

L-espiskopat ta' Mons. Mercieca kien magħġun b'sens qawwi ta' rikonċiljazzjoni minsuġ f'tip ta' diplomazija ankrata fl-għaqal u ispirata mill-imħabba. Kien kemm kien kbir l-inkwiet, qatt ma nħakem mill-paniku, ir-rabja jew ir-riżentiment. Ġara x'ġara u għadda minn xiex għadda, baqa' jemmen u jsostni wkoll li f'kull bniedem hemm it-tajjeb. F'kull ċirkustanza diffiċli, hu nnifsu kien iħeġġeġ lil kulħadd li tinżamm il-kalma. Meta kien jiġi attakkat, dejjem baqa' lura milli jiddefendi ruħu. Il-prudenza tiegħu kienet akkumpanjata minn fermezza, iżda l-prudenza

tiegħu żgurat li s-sitwazzjonijiet ma jeskalawx. Kien baqa' jittama li fl-aħħar mill-aħħar l-ajru jiċċara u jisbaħ jum ġdid li jħoll l-għoqod li kienu feġġew u li t-trufijiet tagħhom kienu jidhru li ħarbu mill-idejn. L-umiltà u s-sens ta' smigħ tiegħu, li jibqgħu l-karatteristika tal-personalità modesta tiegħu, servew ta' bażi għall-espiskopat tiegħu.

U kif kien jgħid l-Arċisqof Mercieca, fl-aħħar il-maltemp għadda u nbena pont ta' kalma u serenità u maturità fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-Knisja. Dan kollu kien immarkat tassew fl-ispirtu tiegħu mill-motto li għażel, "Ilkoll Aħwa fi Kristu".

**Riformi u ġrajjiet storiċi**

Mons. Mercieca ta kontribut kbir lill-Knisja f'Malta u Għawdex fi żmien ta' tranżizzjoni u riformi importanti. Fi żmienu seħħu bosta żviluppi importanti fl-Arċidjoċesi, bħat-twaqqif ta' kunsilli djoċesani u parrokkjali, il-ħolqien tal-*Media Centre* u l-istazzjon tar-radju tal-Knisja *RTK*, kif ukoll il-ftehim bejn Knisja u Stat fuq il-propjetà tal-Knisja u l-iskejjel. Bħala parti mit-tiġdid fl-Arċidjoċesi, fl-1999 nieda Sinodu Djoċesan.

Kien sar ukoll Konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi. Fil-11 ta' Ġunju 1991 ġie maħtur membru tat-Tribunal Suprem tas-*Segnatura Apostolica*. Fl-1992 sar Konsultur tas-*Sacra Romana Rota* u aktar tard Imħallef tas-Segreterija Appostolika. Fl-1995 ġie maħtur membru tax-Xirka *Ġieħ ir-Repubblika*, u kien ukoll Kappillan Konwentwali *Gran Croce* tal-Ordni ta' Malta.



Mal-Arċipriet Cefai waqt fuzjoni fil-Bażilika fis-sebgħinijiet.

Mill-1974 sal-2006, Mons Mercieca ordna 343 saċerdot, bejn djoċesani u reliġjużi. Is-saċerdoti li ġew ordnati minnu jinkludu erbgħa li saru isqfijiet: l-Isqof Joseph Angelo Grech (1974), l-Arċisqof Joseph Spiteri (1984), l-Isqof Joe Bonello OFM (1985), u l-Arċisqof Charles Jude Scicluna (1986).

Matul it-tmexxija tal-Knisja f'Malta, l-Arċisqof Mercieca kellu l-opportunità jilqa' darbtejn lill-Papa San Ġwanni Pawlu II f'Malta, f'Mejju 1990 u f'Mejju 2001 meta kienu bbeatifikati Dun Ġorġ Preca, Swor Marija Adeodata Pisani u Nazju Falzon fuq il-Fosos tal-Furjana.

Fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju mill-ordinazzjoni tiegħu, nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu 2012, fil-11.00am,



Flimkien mal-Isqof Cauchi mal-Papa San Ġwanni Pawlu II [Midsea Publications].

l-Arċisqof Mercieca flimkien ma' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, u mal-membri tal-istess Kapitlu u l-kleru ta' San Ġorġ, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika Ġorġjana. Bħala tifkira tal-okkażjoni l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona ppreżentalu replika żgħira tal-kwadru titulari ta' Preti. Min-naħa tiegħu, l-Arċisqof Mercieca ta bħala rigal lill-Bażilika l-istess kalċi li z-zijiet tiegħu kienu tawh fl-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, u li dejjem kien juża biex jiċċelebra l-Quddiesa meta jiġi Għawdex.

Iżda din ma kinitx l-unika okkażjoni li fiha Mons. Mercieca kien jiġi. Kważi ta' kull sena kien jiġi jippresiedi l-Pontifikal tat-*Te Deum* nhar is-Sibt tal-Festa filgħodu.

**L-aħħar snin**

Fl-aħħar snin, saħħet Mons. Mercieca marret lura. Dan wassal biex fil-11 ta' Novembru 2003, hu offra lill-Qdusija Tiegħu l-Papa r-riżenja tiegħu minn Arċisqof ta' Malta, skont kif titlob il-Liġi tal-Knisja dwar l-isqfijiet djoċesani li jilħqu l-età ta' ħama u sebgħin sena. Hu rtira minn Arċisqof fit-2 ta' Diċembru 2006, fl-età ta' tmienja u sebgħin sena, u ġie maħtur Arċisqof ġdid Mons. Pawlu Cremona OP. Mons. Mercieca għażel li jirtira fil-Palazz tal-Isqof fl-Imdina.

Fis-26 ta' Jannar 2007 kien l-Isqof Konsagranti Prinċipali fl-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Pawlu Cremona OP, is-suċċessur tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta. Huwa sar Arċisqof Emeritu. Fl-2010 ingħata l-unur *Ġieħ Għawdex*.

Kien nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 li għall-ħabta tas-7.20am Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fuq *Twitter* ħabbar li Mons. Mercieca mar jiltaqa' mal-Ħallieq fl-età ta' sebgħa u tmenin sena. F'isem il-Knisja f'Għawdex l-Isqof



Fil-Ġublew Presbiterali tad-Deheb ta' ħuh Dun Ġwann, Lulju 2007.

Mario Grech sellem lil Mons. Ġużeppi Mercieca u appella lill-Knisja f'Għawdex biex toffri talb "b'suffraġju ta' dan l-iben distint tagħha". Fi stqarrija, il-Gvern Malti ħabbar li b'rispett lejn il-memorja tal-Arċisqof kien se jinżamm luttu nazzjonali għal tlett ijiem, li matulhom il-bnadar fuq bini pubbliku ttajru mezz'asta. Fl-aħħar sigħat ta' ħajtu, hu kien imdawwar mill-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, l-Isqof Mons. Mario Grech, u l-Arċisqof emeritu Mons. Pawlu Cremona OP.

Il-funeral tiegħu beda b'korteo mir-residenza privata tal-Arċisqof emeritu fiż-Żejtun għall-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu. Hemmhekk tqiegħed għall-qima tal-pubbliku. Saret ukoll velja ta' talb immexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna. L-għada t-Tlieta l-ġurnata kollha u l-Erbgħa filgħodu l-fdalijiet ta' Mons. Mercieca kienu għall-qima tal-poplu. Il-Quddiesa Funebri tmexxiet mill-Arċisqof Scicluna u bdiet fl-4.00pm, u wara sar korteo funebri bil-mixi mill-Konkatidral ta' San Ġwann għal Triq ir-Repubblika sa Bieb il-Belt. Wara, il-funeral tkompla f'għamla privata sal-Katidral tal-Imdina fejn saret id-difna.

Nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju 2016, saret Quddiesa b'suffraġju ta' Mons. Mercieca fil-Katidral tal-Assunta, immexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

**Bibljografija**

Buttigieg Charles, *Ilkoll Aħwa fi Kristu – Ġużeppi Mercieca – Memorji*, Malta 2014.

"Ħarsa lura lejn l-1974", f'Kumitat Storiku-Kulturali, *Bażilika San Ġorġ Martri, Ħidma–Storja–Tagħrif*, Victoria, Għawdex 1975, pp. 7-8.

"Il-Festa tal-1977", f'Kumitat Storiku-Kulturali, *Bażilika San Ġorġ Martri, Ħidma– Storja–Tagħrif*, Victoria, Għawdex 1978, p. 39.

"Il-Festi Tri-Ċentinarji", f'Kumitat Storiku-Kulturali, *Bażilika San Ġorġ Martri, Ħidma–Storja–Tagħrif*, Victoria, Għawdex 1978, p. 5.

"Nifirħu lill-Arċisqof il-ġdid", f'Kumitat Storiku-Kulturali, *Bażilika San Ġorġ Martri, Ħidma–Storja–Tagħrif*, Victoria, Għawdex 1977.



## L-Isqof George Bugeja fostna



Nhar id-29 ta' Settembru 2015, l-E.T. Mons. George Bugeja OFM, li xi ġimgħat qabel kien għadu kemm ġie kkonsagrat Isqof Koadjutur tal-Vigarjat Appostoliku ta' Tripli, fil-Libja, ġie mistieden imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika Ġorġjana, fl-okkażjoni tal-festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu.

L-Isqof Bugeja hu mix-Xagħra u twieled fl-1962. Hu ġie ordnat saċerdot fl-1986 mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. F'Jannar 2015 kien inħatar Gwardjan tal-Kunvent ta' Sant'Antnin ta' Padova, Għajnsielem u għal xi żmien ħadem f'Ruma fil-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli.

In-nomina tiegħu bħala Isqof tħabbret fl-10 ta' Lulju 2015 fis-Santwarju Ta' Pinu mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, u l-Ordinazzjoni saret fl-4 ta' Settembru fl-istess Santwarju. Fi Frar 2016, hu ġie wkoll maħtur mill-Papa Franġisku bħala Amministratur Appostoliku tal-Vigarjat ta' Benghazi.

# €106,000 mill-Ministeru għal Għawdex għar-restawr tal-faċċata u l-koppla



Il-Ministeru għal Għawdex daħal fi ftehim mal-Amministrazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ biex jitwettaq proġett ta' restawr fuq il-faċċata u l-koppla tal-knisja. Dan il-proġett qed jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex permezz ta' għotja ta' €106,000. L-iffirmar sar fil-Ministeru għal Għawdex fit-18 ta' Diċembru 2015, fil-preżenza tal-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, is-Sur John Borg, Segretarju Permanenti tal-istess Ministeru, u s-Sur Anthony Zammit, Direttur ta' EkoGħawdex. Kienu preżenti wkoll Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet ta' San Ġorġ, u Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex. Nhar il-25 ta' Diċembru, fi tmiem tal-Pontifikal Solenni tal-Milied, il-Ministru Refalo ppreżenta ċ-ċekk lill-Arċipriet Cardona, fil-preżenza tal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

Matul is-sena 2016 sar ħafna xogħol preparatorju biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni mal-Awtorità kompetenti. Ħafna mix-xogħol kien jinkludi studju xjentifiku tal-faċċata tal-Bażilika, fejn saret analiżi dettaljata tagħha, tal-kampnari, il-koppla u l-faċċati laterali. Dan sar biex ikun jista' jiġi ddeterminat l-istat ta' kull ġebla u l-istruttura tal-knisja. L-istudji kienu meħtieġa wkoll għal evalwazzjoni tax-xogħlijiet li jkunu jridu jiġu mgħoddija mal-applikazzjoni għar-restawr. Ix-xogħol u l-istudji xjentifiċi saru id f'id ma' u taħt is-superviżjoni tal-Perit Salvu Micallef, li min-naħa tiegħu ħa ħsieb li jitħejjew il-*method statement* u d-dokumenti burokratiċi kollha biex jitlesta x-xogħol preparatorju u tiddaħħal l-applikazzjoni.

Inħabbru li kemm l-istudji u l-applikazzjoni huma kważi lesti u ser jiġu mgħoddija lill-Awtorità tal-Ippjanar mill-aktar fis. Ix-xogħol li jmiss hu dak tat-tħejjija tad-dokumenti tat-*tenders* biex imbagħad tinħareġ sejħa pubblika għal kull min hu interessat.

Nirringrazzjaw lil Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, għall-interess li wera personalment f'dan il-proġett u għas-somma ta' flus li għadda lill-Bażilika ta' San Ġorġ.





Elevation 3



Elevation 4



Elevation 5

# F'sentejn il-Parroċċa ġabret kważi €55,000 għall-missjoni

**Jirrakkontaw l-istorja missjunarja tagħhom iż-żgħażagħ Ġorġjani Aaron Cini, Andrew u Maria Formosa, Noel u Lorraine Micallef, George Francis Vella, u Antonella Zammit**

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ f'dawn l-aħħar sentejn ħadmet bis-sfiq biex tgħin u tivvalorizza aktar il-ħidma missjunarja fil-pajjiżi inqas żviluppati. Kien proprju nhar id-19 ta' Lulju 2015 li Mons. Mario Grech, waqt il-Pontifikal Solenni tal-Festa ta' San Ġorġ, ta l-mandat lil grupp ta' żgħażagħ Ġorġjani li kienu ser jagħmlu l-ewwel esperjenza missjunarja tagħhom.

**#mission2ethiopia_2015**


Il-grupp kollu flimkien ma' Mons. Gebremedhin, Isqof ta' Jimma Bonga u Dun Ġorġ Grima.

U kif kien xieraq, l-ewwel esperjenza missjunarja ta' dan il-grupp mill-parroċċa tagħna kienet id f'id ma' wieħed minn uliedha, Mons. George Grima, fundatur u mexxej tal-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu*, fl-art Afrikana tal-Etjopja.

Il-preparamenti kienu ilhom li bdew, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Ma xtaqniex nitilgħu b'idejna vojta… ridna ntellgħu magħna l-qlub ġenerużi ta' tant Ġorġjani. U fil-fatt hekk kien. Permezz ta' tant ħidma u għajnuna, il-Parroċċa ġabret madwar €35,000, bis-somma kollha tmur għad-diversi proġetti.

U kif tasal fl-art missjunarja, tinduna kemm il-fondi li ġbart, għalkemm essenzjali, xorta jibqgħu qatra f'oċean għal tant faqar u miżerja li sibna ruħna fihom. Parti sostanzjali mill-flus miġbura marret għall-bini ta' knisja ġdida ddedikata lil San Ġorġ Martri fil-villaġġ ta' Madiwata.


Il-bini tal-knisja ddedikata lil San Ġorġ Martri li nbdiet fil-villaġġ ta' Madiwata.


Il-ftuħ ta' djar ġodda fil-villaġġ ta' Ambo.

Aħna li morna fil-villaġġ fejn kienet qed tinbena din il-knisja stajna naraw kif bini ta' knisja kien qed jagħti ħajja lill-komunità mifnija minn dak kollu li hu bażiku! Bini ta' struttura kien ifisser post fejn il-komunità tiltaqa', tistkenn mill-elementi tan-natura, tieħu t-tagħlim u l-edukazzjoni għall-komunità kollha, u fuq kollox post fejn jiltaqgħu ma' Kristu.

U minn dawn il-mumenti għexna ħafna aktar! Morna f'postijiet fejn id-dinjità tal-persuna kienet imkasbra, ikkalpestata u l-valur tal-ħajja mxejjen; żorna nies jgħixu fiċ-ċimiterji; binjiet li jospitaw nies li kellhom il-marda tal-ġdiem u l-*elephantiasis*; smajna l-karba tat-tfal għatxanin għal ftit imħabba; orfanatrofji ta' tfal żgħar u ommijiet jittallbu għal għaxja ta' lejla jew mitraħ fejn imiddu rashom. U kien f'dawn il-ħiem li tassew iltqajna ma' Ġesù fil-proxxmu.

Matul il-ħmistax-il gurnata li għexna l-Etjopja f'Settembru 2015, flimkien ma' Dun Ġorġ, għenna diversi nies u familji mill-flus li ġbarna; ħallasna boroż ta' studju lil żgħażagħ li jippromettu għal studji avvanzati; ħallasna diversi ikliet lil villaġġi sħaħ; tajna x'jilbes lil min ma kellux; ħallasna sebat idjar lil ommijiet bit-tfal u familjari oħra f'żewġ villaġġi differenti; u fuq kollox, tajna ftit ta' tama u mħabba lil min hu nieqes minnha jew lanqas jaf xi tfisser.

**#san ġorGuatemala**

Imħeġġa mill-entużjażmu u l-bżonn li nkunu ta' għajnuna għal min hu inqas ixxurtjat minna, il-Parroċċa ħasbet għal ħidma missjunarja ġdida, f'art aktar imbiegħda ma' qassis Rabti bħalna – Dun Anton Grech – mill-Parroċċa tal-Katidral tal-Assunta. Il-missjoni tiegħu hi fl-art tal-Gwatemala, fejn għal dawn l-aħħar snin hu bbażat f'dan il-pajjiż b'mod permanenti. U bħas-sena ta' qabel sar sforz biex il-parroċċa tgħin, anki b'mod finanzjarju, lill-missjoni ta' Dun Anton. Minbarra d-diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi, il-Parroċċa ħasbet biex jintbagħat kontejner fil-parroċċa ta' Dun Anton. Kienet ħaġa ġdida għalina. Fi żmien ħmistax li tħabbar li ser ikun qed jinġabar materjal għall-kontejner, dan imtela kollu (tul ta' erbgħin pied) u saħansitra kellna nirrifjutaw ħafna materjal. Il-grupp mill-parroċċa telaq fis-6 ta' Awwissu 2016, u wara kważi jumejn u nofs nivvjaġġaw, sibna lil Dun Anton jistenniena l-ajruport.

Pajjiż ġdid, esperjenza ġdida. Kienu tliet ġimgħat ikkaratterizzati minn klima ekwatorjali (ħafna sħana



Il-grupp kollu flimkien ma' Dun Anton Grech f'wieħed mill-villaġġi fil-Gwatemala.

tul il-jum u xita u maltempati filgħaxija); żjarat kontinwi fid-diversi parroċċi mferrxin madwar Izabal (it-territorju parrokkjali fejn qiegħed Dun Anton); għajnuna, anki materjali, lid-diversi persuni tal-madwar; żorna, flimkien ma' Dun Anton, il-ħabs tal-post fejn ta' kull ġimgħa jqaddes Quddiesa għal numru ta' ħabsin; għamilna rinnovar sħiħ u żebgħa ġdida tal-*ground* u s-*seating* biswit il-parroċċa (il-proġett dam sejjer tul it-tliet ġimgħat sħaħ) u l-ħatt tal-kontejner li l-Parroċċa stess kienet bagħtet aktar kmieni. Parti sostanzjali mill-flus li nġabru, barra l-ispiża biex jintbagħat il-kontejner u x-xiri taż-żebgħa, kienet biex jiġi ffinanzjat il-proġett ta' *borehole* fil-parroċċa fejn jgħix Dun Anton. L-iskop aħħari hu li jkun hemm provista kontinwa u b'xejn għal min ikun irid jagħmel użu minnha. Minkejja li hemm abbundanza ta' xita, il-ħażna tiegħu hi ineżistenti u allura b'dan il-proġett ikun possibbli li jittella' l-ilma mill-ħażna tal-pjan tul is-sena kollha.

Ser nibqgħu niftakru żgur iż-żewġ *posters* kbar, b'ritratt tal-istatwa ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ, li tajnieh tul iż-żmien li domna miegħu, u li llum jinsabu mdendlin fil-knisja. Kienu tliet ġimgħat fejn missejna b'idejna l-miżerja u l-faqar ta' nies jgħixu fil-miżbla; rajna l-biża' f'għajnejn persuni li ġarrbu qtil ta' xi familjari minħabba l-problema tad-droga; erfajna u ħattejna kaxxi u boroż mimlija ġenerożità ta' tant qlub Ġorġjani; qassamna ħwejjeġ u materjal ieħor utli lil tant familji; ferraħna lil tant tfal b'ġugarelli u ħwejjeġ ġodda; ivvjaġġajna fuq il-vann u mxejna fit-tul fil-foresti biex, flimkien ma' Dun Anton, naslu fil-villaġġi remoti u hemmhekk iqaddes il-Quddiesa ta' darba fix-xahar, u ħassejna l-entużjażmu ta' tant parruċċani waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Imma fuq kollox, għexna l-imħabba u l-passjoni li Dun Anton Grech għandu għall-parruċċani kollha fil-Gwatemala.

Minn hawnhekk, nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha – li huma ħafna – li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribut tagħhom biex seta' jsir tant ġid. Li ma kienx għall-għajnuna tagħhom, ma setgħux isiru tant proġetti siewja li fl-aħħar mill-aħħar minnhom qed igawdu n-nies fl-art tal-missjoni. Is-somma sostanzjali ta' flus hi waħda inkuraġġanti biex 'il quddiem isiru proġetti ġodda. Imma fuq kollox u minkejja kollox,



Rinnovar sħiħ u żebgħa ġdida tal-grawnd u s-seating.



Quddiem il-bini ta' *borehole* ġdida.

kienu huma stess, li għalkemm m'għandhom xejn materjali x'jagħtuna, tawna dak li ma jinxtarax bil-flus: tbissima sinċiera u ferħ f'qalbna.

Ta' min isemmi li dawn ma kinux l-uniċi żewġ esperjenzi li parruċċani Ġorġjani, b'inizjattiva personali jew fi gruppi, għamlu f'artijiet tal-missjoni f'dawn l-aħħar sentejn, bħala opra ta' ħniena li tassew xerqet lill-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena li għadu kemm intemm. Il-Mulej ibierek kull inizjattiva, pubblika jew moħbija, ta' mħabba u karità mal-foqra ta' żmienna.



Wieħed miż-żewġ posters, dak ta' San Ġorġ, li ngħata lil Dun Anton Grech, li llum jinsab mdendlin fil-knisja.

**Flus miġbura għall-missjoni**

Missjoni Etjopja: €33,953.56
Missjoni Gwatemala: €20,413.82

Total: €54,357.38

# L-Art Imqaddsa: Pellegrinaġġ speċjali

Aaron Formosa

Bejn id-9 u s-17 ta' Settembru 2015, flimkien ma' disa' parruċċani Ġorġjani oħra, kelli x-xorti li nagħmel Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa – l-art li fuqha terraq is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Dan il-pellegrinaġġ tmexxa minn Patri Twanny Chircop OFM, Kummissarju Malti tal-Art Imqaddsa, u mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.



Il-pellegrini Ġorġjani fuq ix-xatt tal-Baħar tal-Galilija.

L-ewwel post li żorna kien Nazaret tal-Galilija, fejn hemm il-Bażilika tal-Annuzjazzjoni li hi propjetà tal-Franġiskani. Hi binja pjuttost ġdida li nbniet fuq post ieħor mill-aktar antik li hi l-Grotta tal-Annuzjazzjoni. Din qiegħda fil-post eżatt fejn l-Arkanġlu Gabrijel ħabbar lill-Verġni Marija li kellha ssir Omm Alla.

Wara xi jiem Nazaret morna Betlehem, fejn il-Franġiskani għandhom 'lukanda' viċin il-Bażilika tan-Nativitá – waħda mill-knejjes l-aktar antiki fid-dinja. Il-knisja hi attwalment kustodita mill-Griegi Ortodossi. Hi mibnija sewwasew fuq dak l-għar li fih skont tradizzjoni antika twieled is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Meta nżilna f'dan l-għar ħassejt kommossjoni u paċi kbira. Il-post eżatt fejn twieled Ġesù hu mmarkat bi stilla li fiha hemm miktuba dawn il-kelmiet: *"Hic de Virgine Maria Jesus Christus natus est"* (Hawn il-Verġni Marija wildet lil Ġesù Kristu). Qaddisna f'dan l-għar, eżattament fil-kappella fejn Ġesù ġie mqiegħed fil-maxtura. F'Betlehem, fost postijiet oħra ta' qima, żorna s-Santwarju tar-Ragħajja li hu wkoll propjetà tal-Franġiskani. Hu mibni f'dik iż-żona fejn skont it-tradizzjoni l-anġlu tal-Mulej ħabbar lir-ragħajja li kien twieled is-Salvatur.

L-aħħar fażi tal-pellegrinaġġ tagħna kienet fil-Belt qaddisa ta' Ġerusalemm. Kien proprju f'din il-belt li Ġesù ġie msallab u eventwalment qam mill-imwiet. Qrib Ġerusalemm żorna l-ġnien tal-Ġetsemani fejn għad hemm imħawla siġar taż-żebbuġ li jmorru lura sa żmien Kristu. Laqtitni ħafna l-Bażilika tal-Ġetsemani jew tal-Agunija, knisja mill-isbaħ li fiha hemm kustodita l-blata li fuqha Kristu bata meta kien f'dan il-ġnien dritt qabel il-Passjoni tiegħu. Wara mxejna wkoll il-*Via Dolorosa* li hija t-triq tas-Salib li mexa Ġesù Kristu mingħand Ponzju Pilatu sal-Kalvarju.

Ovvjament il-qofol tal-pellegrinaġġ tagħna ntlaħaq fil-Bażilika tas-Santu Sepulkru, waħda mill-egħżeż u l-eqdem postijiet ta' qima tal-Kristjaneżmu. Din hi mibnija fuq il-Golgota, il-post fejn Kristu ġie msallab, u fuq il-Qabar ta' Kristu minn fejn hu qam mill-imwiet. Hi knisja tassew kbira u sabiħa – fejn l-aktar mument għażiż kien meta tlajna nqimu l-post eżatt fejn seħħet il-Kruċifissjoni u ċċelebrajna l-Quddiesa fil-post tal-Qabar.

F'Ġerusalemm kellna wkoll ix-xorti niltaqgħu mal-Isqof tagħna Mario Grech, li inzerta kien hemm jirrappreżenta lill-Konferenza Episkopali Maltija fl-Assemblea Plenarja tal-Kunsill għall-Konferenzi Episkopali Ewropej (CCEE). Miegħu wkoll, l-Arċipriet, f'ħanut ta' Palestinjani Nsara qrib il-Qabar ta' Kristu, għażel l-Evanġelarju prezzjuż li nxtara biex jibda jintuża fil-Liturġiji l-kbar fil-Bażilika Ġorġjana bħala sinjal taċ-ċentralità tal-Kelma.

Żorna ħafna postijiet oħra barra dawn li semmejt, imma diffiċli nsemmi kollox. Fuq fuq se nelenka xi postijiet oħra li morna fihom: Għemmaws, l-Għolja tal-Karmelu, Ġeriko, il-Qumran, il-Baħar il-Mejjet, ix-xmara Ġordan, il-muntanja Tabor fejn Kristu ttrasfigura ruħu, Kana tal-Galilija, il-Baħar tal-Galilija, Kafarnahum, Tel Aviv u ħafna oħrajn, imma fuq kollox Lidda, fejn fuq il-Qabar tal-Patrun tagħna tlabna l-Għasar ta' San Ġorġ u kantajna l-*Georgius natus est.*

Nista' ngħid li din kienet għalija esperjenza tassew unika li kompliet issaħħaħ fija l-fidi. L-Art Imqaddsa hija tassew "il-ħames Vanġelu" għal dawk il-pellegrini li jżuruha b'fidi u devozzjoni.



Mument mill-aktar emozzjonanti, l-Arċipriet ibus il-qabar ta' San Ġorġ.



Sodisfatti bit-'trattattivi' għax-xiri tal-Evanġelarju.

# Mons. Alfons Marija Hili (1865-1944)
## Isem li jidwi mal-Belt Victoria u li jitleħħen fil-Bażilika Ġorġjana
## (L-Ewwel Parti)

Fabian Mangion

Għawdex, għalkemm gżira ċkejkna u spiss imħollija barra minn fuq il-mapep tal-Mediterran, hu kburi għaliex għandu l-eroj u l-patrijotti li huma tiegħu stess. Wieħed minn dawn huwa Mons. Alfons Marija Hili. Dan il-ħjiel bijografiku fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin sena minn twelidu għandu jgħin lilek li qed taqra biex issir aktar familjari ma' dan ir-raġel li ħabb lil Għawdex u lill-Belt Victoria, saċerdot li ħajtu kollha kienet biss ta' servizz kontinwu lill-komunità tiegħu.



L-arma araldika tal-Arċipriet Hili.

Ftit xhur biss wara li Għawdex sar Djoċesi ġdida, Alfons Marija twieled fir-Rabat, Għawdex, fid-19 ta' Jannar 1865. Huwa kien l-ewwel mill-ħdax-il wild ta' Ġorġ Hili u Agata mwielda Grech. Twelidu mill-ewwel ġie mżejjen bil-qawwa tas-Sema mogħtija mis-sagrament tal-Magħmudija li huwa rċieva fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Kurat, il-Kanonku Franġisk Mercieca. Fil-Fonti, huwa ġie mogħti l-ismijiet ta' Mikiel, Alfonsu u Tumas. Il-parrini fil-Magħmudija kienu Tumas Grech, u Margerita mart Mikiel Hili.[1]

**Iben ġenituri twajba**

Missieru Ġorġ, filwaqt li kien is-sagristan tal-knisja ta' San Ġużepp magħrufa bħala 'tas-Suq', kien ukoll jaqla' l-għajxien għall-familja numeruża tiegħu billi jaħdem bħala skarpan. Jidher li din is-sengħa li kien iħaddem missieru ħalliet impatt fuq Alfonsu. Dan għaliex meta għadda ż-żmien u sar Arċipriet tar-Rabat, fil-Bażilika ta' San Ġorġ huwa waqqaf fondazzjoni ta' Quddies bil-prietka nhar il-festa ta' San Krispin u San Krispinjanu, liema festa kienet taħbat fil-25 ta' Ottubru. Kwadru mpitter biżżejt fuq it-tila ta' dawn iż-żewġ qaddisin skrapan martri jinsab fid-daħla għas-Sagristija tal-Bażilika ta' San Ġorġ.[2]



Profil tal-Arċipriet Alfons Maria Hili.

Il-familja ta' Alfonsu kienet waħda ta' valuri Nsara għolja. Il-ġenituri, Ġorġ u Agata, kienu ammirati minn bosta għas-sentimenti profondament reliġjużi u għas-sens ta' devozzjoni li bihom kienu mżejnin. Dawn il-ġenituri twajba ġew ippremjati bil-kbir għat-trobbija li huma taw lil frott imħabbithom. Erbgħa minn uliedhom semgħu lill-Imgħallem Divin isejħilhom biex jimxu warajh aktar mill-qrib u huma wieġbu b'ġenerożità għal din il-vokazzjoni. Dawn kienu Dun Alfonsu, Fra Ġorġ, Kapuċċin,[3] Dun Ġużepp,[4] u Dun Karm.[5]

Iċ-ċkejken Alfonsu kien ġie mogħti s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof minn idejn Mons. Anton Grech Delicata, Isqof ta' Għawdex.[6] Il-parrinu kien ħuh Dun Ġużepp Hili, li kien għadu djaknu.

*Xi wħud jiftakruk sew, oħrajn mill-inqas,*
*iżda min ma jafekx, żgur li sema' b'ismek,*
*għaliex warajk ħallejt isem mill-aqwa,*
*isem li ssokta jidwi sewwa f'moħħna,*
*jidwi mal-Belt Victoria, imma l-aktar*
*fil-knisja ta' San Ġorġ, f'qalb il-Ġorġjani.*[7]

**Lejn is-saċerdozju**

Sa minn tfulitu, iż-żagħżugħ Alfons Marija wera għerf u għaqal mhux komuni. Jgħidulna wkoll dawk li kienu jafuh sewwa li sa minn kmieni ħass fih ġibda kbira lejn il-ħwejjeġ ta' Alla. Meta spiċċa l-istudju sekondarju tiegħu, huwa ta bidu għall-kors tal-letteratura u x-xjenzi fis-Seminarju tal-Isqof ta' Għawdex.[8] Hemm fis-Seminarju, il-kjeriku Alfonsu mexa 'l quddiem fit-triq tal-għerf u tat-tjieba. Wera diliġenza fl-istudji, ħeġġa fl-orazzjoni, żelu fl-ubbidjenza u rettitudni quddiem ir-regola. Tassew kjeriku mudell![9]

L-Arċipriet Feliċ Refalo, f'relazzjoni dwar il-kjeriku Alfons Hili, kiteb hekk: "Jien hawn taħt li jidher ismi nixhed li l-kjeriku Alfons, seminarista, iben Ġorġ, matul il-vaganzi tas-Sajf serva fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ bil-ħwejjeġ ta' kjeriku fil-Ħdud u kien jersaq għas-Sagramenti".[10] Tliet snin wara, fid-19 ta' Novembru 1886, il-Kanonku Ġużepp Sultana, li kien is-surmast tal-kant Gregorjan, kiteb: "Niċċertifika li l-kjeriku Alfons Hili, student ta' dan is-Seminarju tal-Isqof, bl-ikbar diliġenza u profitt, jiġi għal-lezzjonijiet tal-kant Gregorjan li jingħata fil-komun f'dan is-Seminarju".[11]

Alfonsu mexa sewwa fit-triq tal-għerf u tal-qima; akkwista dak kollu li għalih il-Knisja tiġbor il-ġuvintur fis-Seminarju biex tiffurmahom għas-saċerdozju. Hu kien għalhekk lest biex isir saċerdot skont il-Qalb ta' Alla.[12] Fit-23 ta' Diċembru 1882, Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex,[13] għamel Ordinazzjoni ġenerali fil-knisja Katidrali tad-Djoċesi. Dakinhar, il-kjeriku Rabti ġie mogħti l-ewwel żewġ ordnijiet minuri, jiġifieri t-Tonsura




Ir-ritratt ta' Hili fost l-erba' membri tal-Grupp Parlamentari tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista fl-Ewwel Leġislatura tal-1921.

u l-Ostjarjat. Sena wara, fit-22 ta' Diċembru 1883, huwa ġie mogħti mill-istess Isqof l-ordnijiet minuri tal-Lettorat u l-Eżorċistat. Fl-20 ta' Diċembru 1884, l-eżorċista Alfonsu Hili ġie mogħti l-Akkolitat waqt Ordinazzjoni ġenerali mmexxija mill-Isqof Pace fil-Katidral ta' Għawdex. Miexi dejjem 'il quddiem u joqrob lejn l-Ordinazzjonijiet maġġuri, huwa ġie ordnat Suddjaknu fit-18 ta' Diċembru 1886.[14]

Is-suddjaknu Alfonsu Hili kien għad kellu biss tnejn u għoxrin sena. Għalhekk, nhar is-17 ta' Novembru 1887 huwa ressaq rikors quddiem Mons. Isqof Pietru Pace biex ikun jista' jiġi milqugħ fl-ordni tad-Djakonat. Alfonsu ġie ordnat Djaknu nhar it-30 ta' Novembru 1887 minn idejn l-Isqof Pace, waqt Ordinazzjoni ġenerali fil-knisja Katidrali. Fit-3 ta' April 1888, din id-darba b'dispensa speċjali mill-Papa, Alfonsu Hili ġie ordnat Saċerdot fil-kappella tas-Seminarju minn Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex.[15] Waqt din l-Ordinazzjoni, l-Isqof kien assistit mill-Kanonċi Pawl Camilleri u Salv Grech.[16]

*Qaluli, Dun Alfons, li minn ċkunitek*
*urejt għaqal u għerf mhumiex tas-soltu*
*u bħala kjeriku ġewwa s-Seminarju*
*kont il-mudell ta' sħabek, ġawhra sbejħa.*
*U kbirt u ndlikt qassis, il-ħolma tiegħek,*
*umli fil-moħħ u qalb u fl-aġir ħlejju.*[17]

**Saċerdot novell**

Bħala saċerdot novell, hu ħabrek kemm felaħ f'kull xorta ta' appostolat, l-iktar qalb it-tfal u ż-żgħażagħ. Billi kien magħruf għad-dehen tiegħu, il-patrijiet Ġiżwiti żammewh magħhom fis-Seminarju biex jgħinhom fl-opra tagħhom li tifforma l-qlub. Aktar tard, wara li telqu l-Ġiżwiti, il-katedra tat-Teoloġija ġiet fdata lilu.[18] B'hekk huwa sar professur tal-Iskrittura u tal-Liġi Kanonika.[19]

Mons. Ġwanni Marija Camilleri OESA, wara ftit li sar Isqof ta' Għawdex,[20] għażel lil Dun Alfons bħala kappillan privat u konsultur tiegħu. Wara erba' snin, fid-19 ta' Awwissu 1894, l-istess Isqof ħatru Rettur tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Hawn, bil-kelma u bil-pinna, ħadem kemm felaħ biex ixerred u jkattar id-devozzjoni lejn il-Verġni Assunta. Kien ukoll permezz tiegħu li sirna nafu b'mod preċiż meta kien il-jum li fih il-Madonna tkellmet max-xbejba Għawdxija Karmni Grima.[21] Kull min resaq lejh, għarfu bħala saċerdot skont il-qalb ta' Alla, u baqa' edifikat għax għaraf fih il-bniedem ta' Alla![22]

Aktar ma beda javvanza fil-ħajja saċerdotali, aktar bdew jispikkaw fih żewġ doti partikulari li kien imżejjen bihom. Sa minn kmieni, Dun Alfons ħa l-qagħda ta' predikatur, u l-imħabba li kellu lejn ix-xandir tal-Kelma wasslitu biex ikun oratur imfittex. Il-kelma tiegħu, ċara, persważiva u mqanqla, instemgħet tidwi minn fuq il-pulpti, kważi kollha, tal-gżejjer Maltin. Kienet kelma li tqaddes u tikkonverti l-erwieħ.[23]

Dun Alfons kien imżejjen ukoll bid-don ta' konfessur u direttur spiritwali. Matul il-medda ta' bosta snin, huwa wettaq, bil-moħbi u fis-skiet, din il-ħidma tant importanti u ta' ġid għall-Knisja. Permezz ta' din il-ħidma huwa dewwaq lil bosta l-ħniena u l-maħfra ta' Alla u żera' s-sabar f'bosta qlub għajjiena.

*X'pariri sbieħ, ħelwin, kont dejjem tagħti*
*lil min f'riġlejk jintefa' sabiex jerġa'*
*mill-ġdid jitħabbeb m'Alla l-Ħallieq tiegħu!*
*U direttur tal-ħajja spiritwali,*
*timraħ u tħuf fl-Għaqdiet, tferrex il-balzmu*
*fost dawk il-membri li f'dirgħajk jintelqu.*[24]

Fl-1899, l-Isqof Camilleri nieda konkors għal Kanonku Lettur tal-Katidral ta' Għawdex. Dun Alfons ħa sehem f'dan il-konkors u eventwalment, fil-21 ta' Frar 1899, ġie maħtur għal din il-kariga. Huwa ġie mogħti l-pussess fil-11 ta' Mejju tal-istess sena. Mons. Hili żamm din il-kariga għal tlettax-il sena li matulhom kien jipproponi u jħoll każijiet morali. Huwa wettaq dan l-inkarigu bi profitt kbir għall-kleru kollu.[25]

Aktar tard, fl-1915, huwa ġie mgħolli għad-dinjità ta' Kantur tal-istess Kapitlu fil-knisja Katidrali wara l-mewt ta' Mons. Salv Grech. Din in-nomina kienet ġiet imfaħħra minn bosta għaliex Mons. Alfons Hili kien saċerdot li, bla ebda pretensjoni, jidħol għal kull inkarigu li jingħatalu u għax kien żgur jagħmel unur lill-Kapitlu għall-kwalitajiet li bihom kien imżejjen.[26]

L-Isqof Camilleri ntebaħ bikri bid-doti ta' Mons. Hili u dejjem fittex igagħlu jħaddimhom. F'Settembru 1910, huwa għażlu bħala Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex fejn dam sa Settembru 1914.[27] Għall-intelliġenza tiegħu, Mons. Hili ġie magħżul minn Camilleri Eżaminatur Prosinodali, Eżaminatur tal-Kleru u Ċensur Ekkleżjastiku. Bħala mħallef li jagħti l-vot tiegħu fl-għażla fost dawk li jippreżentaw lilhom infushom għal xi konkors, Mons. Hili deher bħala bniedem ta' dehen u ta' karattru. Kien ukoll

id-Direttur djoċesan tal-Kongregazzjoni Universali tas-Sagra Familja li kienet imwaqqfa fil-parroċċi kollha ta' Għawdex.[28] Il-kelma tiegħu kienet dejjem imdawla b'għerf u b'esperjenza liema bħalhom.

Wara l-Motu Propju ta' San Piju X, l-Arċipriet Refalo, li kien qed iħossu jnin f'saħħtu, ħalla t-tifsir tal-Katekiżmu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'idejn Mons. Hili. Fil-knisja ta' San Ġorġ, Dun Alfons ma kienx jidher biss nhar ta' Ħadd biex jispjega l-Katekiżmu, imma ta' kuljum kien iqatta' sigħat fil-konfessjonarju. Bħala direttur spiritwali kien imfittex bil-bosta.

Ta' rieda tal-azzar, minn xejn ma kien jaqta' qalbu, basta għall-ġid tal-erwieħ. Iż-żelu tiegħu kien tassew tal-għaġeb; ma kien jieqaf qatt. Waqqaf żewġ Kongregazzjonijiet Marjani, waħda għand is-Sorijiet Franġiskani u oħra għand is-Sorijiet Dumnikani; kien Direttur djoċesan tal-Opra tal-Propaganda tal-Fidi; ħabrek u tħabat ħalli jinfetaħ l-Orfanatrofju ta' San Ġużepp għas-subien iltiema; irsista ħalli tinbena l-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, it-Triq tal-Għajn, u tinħatar parroċċa ġdida.[29] Insomma, ix-xogħol kien joħolqu. Bħala premju għal tant ħidma naraw lill-Papa Benedittu XV, fl-10 ta' Marzu 1918, jgħollih għad-dinjità ta' Prelat Domestiku.

Imma sa hawnhekk għadna ma missejniex il-qofol tal-ħidma ta' Mons. Alfons Marija Hili.

**Noti**

[1] Parroċċa San Ġorġ, Għawdex, *Liber Baptizatorum*, Vol. II (1858-1879), p. 162.

[2] Nikol Vella Apap, "L-Arċipriet Mons. Afonsu Marija Hili Prel. Dom.," f'*Festa San Ġorġ*, Victoria 1998, p. 37.

[3] Sfortunatament, Fra Ġorġ kien miet mas-sebħ tas-27 ta' Lulju 1903 meta kien għadu Suddjaknu, wara marda qalila. Huwa kien qed jistudja f'Ruma u ġie mibgħut lura fil-familja billi ma kienx għad baqa' tama ta' fejqan (*Id-Devot ta' Marija*, 1903, p. 128).

[4] Dan kien sar l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Fontana. Miet fit-8 ta' Marzu 1937.

[5] Aktar tard kien sar Monsinjur Kanonku tal-Katidral ta' Għawdex. Miet fit-18 ta' Diċembru 1955.

[6] Mons. Grech Delicata, imwieled il-Belt Valletta, kien Isqof ta' Għawdex mill-1868 sa mewtu fl-1876.

[7] Joe Mejlak, *Lill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili*, Jannar 1996.

[8] F'dik il-ħabta s-Seminarju kien jitmexxa mill-patrijiet Ġiżwiti li kienu reliġjużi rinomati għall-għerf u għall-qdusija.

[8] Mikiel Cefai, *Orazzjoni Funebri b'tifkir lil Mons. Alf. M. Hili, Arċipriet tal-Belt Vittoria, Prelat Domestiku*, li nqrat fil-Funeral Solenni ta' għeluq ix-xahar mill-mewt tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, fit-3 ta' Frar 1944, p 5.

[10] Din ir-relazzjoni ġġib id-data tat-13 ta' Novembru 1883.

[11] Nikol Vella Apap, "L-Arċipriet Mons. Afonsu Marija Hili Prel. Dom.", f'*Festa San Ġorġ*, Victoria 1998, p. 39.

[12] Mikiel Cefai, *Orazzjoni Funebri*, p. 5.

[13] Mons. Pietru Pace, imwieled ir-Rabat ta' Għawdex, kien Isqof ta' Għawdex mill-1877 sal-1889, meta kien ġie msejjaħ biex ikun Arċisqof ta' Malta. Huwa miet fl-1914.

[14] Arkivju tal-Kurja tal-Isqof, Għawdex, *Libro Sacre Ordinazioni*. Xieraq jingħad li dawn l-erba' dati li jissemmew f'dan il-paragrafu ħabtu dejjem is-Sibt tal-*Quattro Tempri* tal-Avvent Imqaddes. Il-*Quattro Tempri* huma erba' gruppi distinti ta' jiem fir-Rit Ruman tal-Knisja Kattolika, oriġinarjament marbuta mat-tqaddis taż-żmien fl-erba' staġuni u maħsuba biex jintradd ħajr lill-Providenza ta' Alla l-Missier għall-frott tal-art u l-ħidma tal-bniedem bħala parti mill-misteru ta' Kristu kif iċċelebrat fiż-żmien. Dawn il-ġranet huma kollha kkaratterizzati minn talb u riflessjoni kif ukoll minn sawm, u oriġinarjament kienu jitqiesu bħala adattati ħafna għall-ordinazzjoni tal-kleru. Għal kull staġun jikkorrispondi wieħed biss minn dawn l-erba' gruppi separati ta' jiem, u kull wieħed mill-*Quattro Tempri* huwa magħmul mill-istess jum, jiġifieri nhar l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt tal-istess ġimgħa. It-Tempora tax-Xitwa jaqa' bejn it-tielet u r-raba' Ħadd tal-Avvent, dak tar-Rebbiegħa bejn l-ewwel u t-tieni Ħadd tar-Randan, tas-Sajf bejn Pentekoste u l-Festa tat-Trinità Qaddisa, u tal-Ħarifa bejn it-tielet u raba' Ħadd ta' Settembru, jiġifieri wara l-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes (14 ta' Settembru). Minħabba l-istaġuni liturġiċi li fihom jiġu ċċelebrati, it-*Tempora* tax-Xitwa jissejħu wkoll *Tempora* tal-Avvent u dak tar-Rebbiegħa huwa msejjaħ *Tempora* tar-Randan. Minħabba s-solennità li tiġi qablu, tas-Sajf jissejjaħ *Tempora* ta' Pentekoste. Fl-aħħar nett, minħabba fix-xahar li fih dejjem jaqgħu, it-*Tempora* tal-Ħarifa jissejħu wkoll *Tempora* ta' Settembru.

[15] L-età kanonika biex wieħed jiġi ordnat saċerdot riedet tkun ta' ħamsa u għoxrin sena (Joseph Bezzina, *Fontana u Ġrajjietha*, p. 26).



L-Arċipriet Hili f'riġlejn it-taraġ ta' San Ġorġ waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni aktarx fit-tletinijiet.

[16] NIKOL VELLA APAP, "L-Arċipriet Mons. Afonsu Marija Hili Prel. Dom.", f'*Festa San Ġorġ*, Victoria 1998, p. 39.
[17] JOE MEJLAK, *Lill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili*, Jannar 1996.
[18] Fid-9 ta'Awwissu 1909, il-patrijiet Ġiżwiti Sqallin ħallew is-Seminarju ta' Għawdex u l-amministrazzjoni tiegħu waqgħet f'idejn Mons. Ġwanni Marija Camilleri OESA, Isqof ta' Għawdex. L-istess Isqof iddelega t-tmexxija tiegħu lill-kleru djoċesan. Taħt il-gwida tal-Isqof Camilleri u tas-suċċessuri tiegħu, is-Seminarju kompla jgawdi l-isem tajjeb li kien akkwista sa mit-twaqqif tiegħu. Fl-ewwel xhur, ir-Rettur kien il-qassis Taljan Don Domenico Nisi, imma wara l-1910, ħafna mir-Retturi kienu Għawdxin. Il-Ġiżwiti reġa' kellhom f'idejhom it-tmexxija tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex bejn l-1970 u l-1997 (JOSEPH BEZZINA, "The Gozo Seminary: A historical note", f'*Sacred Heart Major Seminary*, Directory No. 44 [2013-2014], p. 7).
[19] MIKIEL CEFAI, *Orazzjoni Funebri*, p. 9.
[20] Mons. Ġwanni Marija Camilleri, patri Agostinjan imwieled il-Belt Valletta, kien Isqof ta' Għawdex mill-1889 sa ma rriżenja fl-1924. Huwa miet fl-1924.
[21] JOSEPH GRECH CREMONA, "Il-bniedem meqjum u maħbub mill-Għawdxin", f'*Il-Ħajja f'Għawdex*, Nru. 1, 15 ta' Jannar 1965, p. 1.
[22] MIKIEL CEFAI, *Orazzjoni Funebri*, p. 6.
[23] Wara mewtu, Dun Alfons ħalla numru mhux żgħir ta' prietki, paneġierki u tridijiet. Ġixraq li hawn jingħad li meta kien għadu kjeriku, huwa niseġ paneġierku bit-Taljan lil San Lwiġi Gonzaga fil-kappella tas-Seminarju. Dan kien fil-21 ta' Ġunju 1883 u fil-preżenza ta' Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex (NIKOL VELLA APAP, "L-Arċipriet Mons. Afonsu Marija Hili Prel. Dom.", f'*Festa San Ġorġ*, Victoria 1998, p. 39).
[24] JOE MEJLAK, *Lill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili*, Jannar 1996.
[25] MIKIEL CEFAI, *Orazzjoni Funebri*, p. 8.
[26] *Id-Devot ta' Marija*, Ottubru 1915, p. 158.
[27] JOSEPH BEZZINA, "Rectors of the Gozo Seminary since its foundation", f'*Sacred Heart Major Seminary*, Directory No. 44 [2013-2014], p. 9
[28] *Guida Gnerale di Malta e Gozo 1939-1940*, p. 175-176.
[29] In-niċċa tas-Salvatur li tinsab quddiem dik li llum hija l-knisja parrokkjali tal-Fontana kienet l-ewwel xrara dawl sabiex tinbena kappella. Dun Alfons Marija Hili, flimkien ma' Dun Ġużepp Grima, Grezzja Grima u numru ta' sajjieda mill-inħawi, talbu lil Mons. Ġwanni Maria Camilleri, Isqof ta' Għawdex, biex jagħtihom permess sabiex jibnu knisja fil-Fontana. It-tqegħid tal-ewwel ġebla sar nhar id-29 ta' Jannar 1893. Tnax-il sena wara, fid-29 ta' Jannar 1905, l-Isqof Camilleri ddedika din il-knisja ġdida bit-titular tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Fis-27 ta' Marzu 1911, l-Isqof Camilleri waqqaf uffiċjalment il-Parroċċa tal-Fontana bl-ewwel Kappillan tagħha jkun Dun Ġużepp Hili. B'hekk jista' jingħad li Dun Alfons kien promutur ewlieni fit-twaqqif ta' din il-parroċċa ġdida.

...jissokta fil-ħarġa li jmiss

## PELLEGRINAĠĠI PARROKKJALI

**LOURDES** (1)
Mill-31 ta' Lulju sas-6 ta' Awwissu 2015

**L-ART IMQADDSA** (2)
Mid-9 sas-17 ta' Settembru 2015

**LOURDES** (3)
Mill-20 sas-26 ta' Lulju 2016


2




3

# Ġublew Straordinarju għall-azzjoni straordinarja

Dun Richard Nazzareno Farrugia




Il-Ġublew tal-Ħniena huwa mument fejn il-Knisja kollha hija msejħa sabiex b'mod aqwa twaqqaf ħarsitha fuq il-ħniena ta' Alla, dik il-ħniena li l-wiċċ tagħha huwa Ġesù. Huwa żmien speċjali, huwa "żmien tajjeb" għal kull Nisrani ħalli jiftaħ il-ħajja tiegħu għall-ħniena li tfejjaq mill-ġrieħi tad-dnub, tinfaxxa l-feriti tat-tbengil frott għażliet żbaljati li wieħed ikun għamel fl-istorja tiegħu, u tagħti l-grazzja biex il-bniedem idur mill-ġdid lejn il-Missier tiegħu u jgħix il-ħajja t-tajba tal-Vanġelu. Huwa għalhekk żmien straordinarju – mhux biss minħabba l-Bibien Imqaddsa miftuħa fil-Bażiliċi Maġġuri tal-Belt ta' Ruma, u, għall-ewwel darba f'Ġublew, anki fil-Bibien Imqaddsa miftuħa fid-djoċesijiet kollha tad-dinja – imma wkoll għaliex iservi ta' stimolu ħalli aħna d-dixxipli ta' Ġesù nerġgħu niskopru kemm hija kbira u bla qies l-imħabba ta' Alla għalina tant li mas-Salmista nistgħu ntennu bit-tifħir: "Roddu ħajr lill-Mulej għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem il-ħniena tiegħu!" (ara Salm 136).

Il-mistoqsija li kull wieħed u waħda min-nagħaġ tal-merħla tar-Ragħaj is-Sabiħ għandu jagħmel hija: X'ser nagħmel straordinarju f'dan il-Ġublew Straordinarju? L-għemil straordinarju mistenni min-Nisrani mhuwiex xi wieħed magħmul minn ġesti esterni jew li jillimita ruħu għal pellegrinaġġ bil-mixi lejn wieħed mill-Bibien. Dan huwa ġest importanti, iżda li jibqa' fqir jekk mhux misjuq minn tweġiba ħierġa mill-qalb għas-sejħa kollha tjieba u ħniena li biha l-Missier isejjaħ lil uliedu permezz ta' Ibnu l-Waħdieni li ġie mhux għall-ġusti (jew aħjar, mhux għal dawk li *jaħsbu* li huma ġusti), imma għall-midinbin (ara Mk 2:17). Din it-tweġiba titfisser f'atteġġjament aktar sinċier u matur li bih nersqu lejn is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni sabiex hemm bħall-Appostlu Missierna nkunu nistgħu nistqarru: "Sibt il-ħniena" (1 Tim 1:13) u nġarrbu fil-ħajja personali tagħna l-qawwa ta' Alla li tidher fl-aqwa tagħha propju fil-ħila li taħfer id-dnubiet u tagħti lill-bniedem il-ħelsien li jixraq lil ulied Alla. Filwaqt li din is-Sena Mqaddsa sservi ħalli l-konfessuri jifhmu dejjem aktar il-ministeru tagħhom bħala wieħed ta' ħniena u mhux bħallikieku xi uffiċjali ta' tribunal tat-tortura (ara Franġisku, *Il-ferħ tal-Vanġelu*, 44), in-Nisrani huwa mistieden jagħti aktar spazju lil dan is-Sagrament u jikber aktar fil-fiduċja tiegħu lejn il-ħniena infinita ta' Alla li "ma jegħja qatt jaħfer" (*Il-ferħ tal-Vanġelu*, 4). Għalhekk il-pellegrinaġġ li għandna nagħmlu matul dan iż-żmien ta' grazzja hu fuq kollox wieħed tal-qalb li bħall-iben tal-parrabbola terġa' lura għand il-Missier hija u tammetti quddiemu li dinbet kontra l-imħabba tiegħu (ara Lq 15:11-32).

Dak li jseħħ fl-istorja ta' kull persuna għandu wkoll jiġri fi ħdan il-komunitajiet Insara tagħna li lkoll jeħtieġu "jikkonvertu" minn mentalità ta' "min hu barra barra, min hu ġewwa ġewwa" għal waħda paterna-materna fejn l-atteġġjament ta' min qiegħed "ġewwa fid-dar" għandu jkun dejjem jixbah lil dak tar-ragħaj li joħroġ ifittex lin-nagħġa li ntilfitlu, tal-mara li ma tistrieħx sakemm ma ssibx id-drakma li waqgħet, tal-missier li jisħar barra mid-dar jittama bil-ħerqa r-ritorn ta' ibnu li ċaħdu u abbandunah (ara Lq 15). Dan jitlob li nieqfu milli nwaħħlu tikketti fuq xulxin li jagħżlu bejn "ġusti" u "midinbin" u minflok nifhmu li aħna lkoll midinbin tallaba tal-ħniena. L-isfida li għandha l-komunità li temmen qalb soċjetà sekularizzata mhijiex tant dik li tikkundanna jew li taqa' f'pessimiżmu li jesprimi nuqqas ta' fidi fit-tjieba ta' Alla, imma li twieġeb għal dik li l-Papa Benedittu XVI kien sejħilha "d-desertifikazzjoni spiritwali" tal-bniedem ta' żmienna. Quddiem dan l-għatx, l-Insara huma mħeġġa jkunu "ġarar ta' ilma ħaj biex nagħtu jixorbu lill-oħrajn" (*Il-ferħ tal-Vanġelu*, 86) u kull parroċċa, komunità, għaqda jew moviment Nisrani jissawru fi mkejjen fejn il-bniedem jista' jsib "oasi ta' ħniena" (Franġisku, *Il-Wiċċ tal-Ħniena*, 12). Għalhekk jeħtieġ li ngħassu fuqna nfusna sabiex ma ninħakmux minn dik l-ipokresija tal-Fariżej li filwaqt li jitkellmu fuq il-Liġi tal-Mulej, fl-istess ħin iwaqqgħuha għar-ridikolu ta' "oqbra mbajda" li huma (ara Mt 23:27-28). Bħalma qal lilhom, hekk jidwu fina l-kelmiet tal-Imgħallem: "Mela morru tgħallmu x'jifisseri, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju'; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin" (Mt 9:13). It-taqbida tagħna għandha tkun kontra l-korruzzjoni tal-qalb li, għax ninfuħa biha nfisha, taħseb li m'għandhiex bżonn id-duwa tal-ħniena tal-Missier u allura tibqa' magħluqa għall-grazzja tal-Mulej.

Il-Ġublew iservi wkoll ta' skola biex nissaħħu fl-għixien ta' "fidi li taħdem permezz tal-imħabba" (Gal 5:6) billi nerġgħu nimpenjaw ruħna f'dawk li fit-Tradizzjoni tal-Knisja ġew imsejħa *l-opri tal-ħniena*: sebgħa li jmissu lill-ġisem (korporali), u sebgħa li jmissu lir-ruħ (spiritwali). Hemm bżonn ġesti konkreti biex – kif ifakkarna l-motto ta' din is-Sena – "inħennu bħall-Missier", u dan speċjalment quddiem il-foqra ta' żmienna, mhux b'inqas ħutna l-immigranti li jisfidawna sabiex *nifitħu l-bibien* tagħna għalihom. Kif jgħidilna l-Papa, ir-riflessjoni li għandna nagħmlu matul il-Ġublew tkun mod "kif nerġgħu nqajmu l-kuxjenza spiss rieqda quddiem it-traġedja tal-faqar u biex nidħlu dejjem iżjed fil-qalba tal-Vanġelu, fejn il-foqra huma l-ipprivileġġjati tal-Ħniena divina" (*Il-Wiċċ tal-Ħniena*, 15). Għalhekk huwa żmien li għandu 'rilevanza soċjali' fejn irridu nwasslu l-Vanġelu tal-Ħniena lil dinja li tant teħtieġ id-don tal-paċi li tiġi frott il-ġustizzja u l-maħfra fost il-popli.

Għaldaqstant, iċ-ċelebrazzjoni tal-ħniena tal-Missier timpenjana sabiex din il-*festa* tasal f'qalbna u aħna nfusna nsiru xandara tagħha quddiem ħutna l-bnedmin. Il-Bibien Imqaddsa miftuħa fil-Ġublew se jingħalqu, imma dak li qed jibda f'dan iż-żmien partikulari jrid jiftaħ it-triq tal-Knisja għas-snin li ġejjin: "Kemm nixtieq li s-snin li ġejjin ikunu mgħaddsa fil-ħniena biex tassew niltaqgħu ma' kull persuna u nwasslulha t-tjieba u l-ħniena ta' Alla! Ħa jilħaq lil kulħadd, kemm dawk li jemmnu u kemm dawk li huma mbiegħda, il-balzmu tal-ħniena bħala sinjal tas-Saltna ta' Alla li diġà tinsab fostna" (*Il-Wiċċ tal-Ħniena*, 5).

# San Ġorġ jerġa' fostna bi Driegħu



Fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju tal-istatwa ta' San Ġorġ, l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex, imnaqqxa fl-injam minn Pietru Pawl Azzopardi fl-1839, f'Lulju tal-2014 il-komunità parrokkjali Ġorġjana laqgħet bil-ferħ, għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin, ir-Relikwa insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ, li nġabet apposta għall-okkażjoni mill-Abbazija Benedittina ta' San Giorgio Maggiore, fil-belt ta' Venezja, l-Italja, wara talba li l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech għamel lil Norberto Villa, Abbati ta' Praglia u San Giorgio Maggiore.

Ir-Relikwa insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ kienet żaret il-Gżejjer Maltin bejn l-14 u l-20 ta' Lulju 2014, akkumpanjata minn erba' monaċi Benedittini tal-istess Abbazija. L-ewwel waqfa tagħha saret Malta, fil-Parroċċa Ġorġjana ta' Ħal Qormi, fejn ingħatat merħba t-Tnejn 14 ta' Lulju u nżammet fil-Parroċċa ta' Ħal Qormi għall-qima tad-devoti sal-għada t-Tlieta 15, fejn imbagħad bdew ċelebrazzjonijiet speċjali fil-Belt Għawdxija.





Dan l-aħħar il-Parroċċa tagħna reġa' kellha l-grazzja li tilqa' r-Relikwa insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ, din id-darba li tinsab meqjuma fil-Katidral ta' Ferrara, l-Italja. Dan sar bil-kortesija tal-Parroċċa Ġorġjana ta' Ħal Qormi, li s-sena 2015 ħabat il-mitejn u ħamsa u sebgħin anniversarju tal-istatwa titulari tagħha maħduma mill-iskultur Malti Pietru Felici. Il-Parroċċa Ġorġjana ħasbet biex iġġib għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin din ir-relikwa għażiża tal-Patrun tagħna San Ġorġ.

Ir-Relikwa insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ waslet Għawdex direttament mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju filgħaxija, fejn tqiegħdet għall-qima fil-knisja ta' San Ġakbu fit-Tokk. Fis-6.30pm bdiet Translazzjoni Solenni bir-Relikwa insinji ta' Driegħ San Ġorġ mill-knisja ta' San Ġakbu għall-Bażilika Urbana bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan. Fit-Translazzjoni ħadu sehem il-Banda Ċittadina *La Stella* kif ukoll il-*Victoria Scout Group*. Wara saret Velja Solenni bil-kant tal-Għasar madwar ir-Relikwa ta' San Ġorġ immexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

Il-programm speċjali tkompla l-Ħamis 16 ta' Ġunju, li kien ukoll is-sitt Ħamis bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ. Filgħodu saret Quddiesa fil-knisja ta' San Franġisk fejn ir-Relikwa kienet esposta għall-qima tal-fidili. Imbagħad filgħaxija kienet għall-qima fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

Il-Ġimgħa filgħodu saret Quddiesa fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb. Fil-11.30am saret laqgħa ta' merħba lir-Relikwa





mill-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex fil-Belt Victoria.



Filgħaxija ġie organizzat Pellegrinaġġ Penitenzjali parrokkjali tal-Ġublew tal-Ħniena bir-Relikwa insinji tad-Driegħ San Ġorġ mill-Bażilika Urbana għas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, li ntemmet bil-Barka Ewkaristika. Numru sabiħ ta' devoti attendew għal dawn il-pellegrinaġġ, u mxew miċ-ċentru tar-Rabat sal-Bażilika Ta' Pinu, fejn setgħu wkoll iżommu għal ftit waqtiet f'idejhom ir-Relikwa. Għall-okkażjoni nħareġ ukoll il-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu li jinsab għall-qima fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Fi tmiem iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika, immexxija mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, tkanta l-innu *Georgius natus est.*

F'dawn il-jumejn ir-Relikwa żaret id-djar tal-morda u tal-anzjani fil-Belt Victoria kif ukoll lill-pazjenti morda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Is-Sibt 18 ta' Ġunju, fl-aħħar jum taż-żjara, saret Quddiesa fil-knisja ta' Santu Wistin u mbagħad fid-9.00am l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan, li fi tmiemha tkanta t-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla għad-don prezzjuż tal-miġja tar-Relikwa insinji ta' San Ġorġ fil-gżira ta' Għawdex.

Festi speċjali ġew iċċelebrati l-ġimgħa ta' wara fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.





SUPPLIMENT SPEĊJALI

# MERĦBA

fil-Parroċċa
ta' San Ġorġ
lill-
Arċipriet il-ġdid
Mons. Joseph Curmi

u

# GRAZZI

lil Mons.
Pawlu Cardona
għad-disa' snin
bħala Arċipriet





# Festi tal-Pussess tal-Arċipriet Mons. Joseph Curmi

DIĊEMBRU 2016

## FLIMKIEN NIMXU LEJN ĠESÙ...

Hekk kif il-Knisja f'Għawdex kienet qiegħda tiċċelebra l-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju Djoċesan tagħha, xterdet bħal leħħa ta' berqa l-aħbar li l-Parroċċa ta' San Ġorġ kellha Ragħaj Spiritwali ġdid fil-persuna ta' Dun Joseph Curmi, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, fix-Xagħra.

Fi Stqarrija maħruġa mill-Kurja Djoċesana bid-data tal-4 ta' Novembru 2016, ġie kkomunikat li Dun Joseph, li sa dakinhar kien qed jaqdi bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, kien ġie maħtur mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech bħala s-suċċessur ta' Mons. Pawlu Cardona fit-tmun tal-komunità parrokkjali tagħna. Fl-istess Stqarrija tħabbru wkoll in-nomini ta' Mons. Joseph Sultana bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa tal-Katidral u ta' Dun Trevor Sultana bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Għarb. Fl-istess waqt, Mons. Pawlu Cardona ġie maħtur Vigarju Episkopali għall-Kleru, u Mons. Ġużeppi Attard, eks-Arċipriet tal-Katidral, inħatar Vigarju Episkopali għall-Katekeżi tal-Adulti.

Dakinhar stess filgħaxija, l-Arċipriet il-ġdid Mons. Joseph Curmi għamel l-ewwel żjara tiegħu fil-parroċċa tagħna u mexxa l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata. Kien ukoll preżenti fiż-żewġ Pellegrinaġġi Parrokkjali tal-Ħniena lejn is-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala (5 ta' Novembru) u lejn il-Katidral tal-Assunta (12 ta' Novembru), id-darbtejn bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Fl-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ okkażjonijiet Dun Joseph esprima x-xewqa tiegħu li "l-bidu tal-ministeru tiegħi bħala Arċipriet fostkom ikun ikkaratterizzat mill-Ħniena. L-Arċipriet jagħraf li l-parruċċani mhumiex perfetti, il-parruċċani jagħrfu li l-Arċipriet mhux perfett, u imperfetti flimkien nimxu lejn Ġesù li hu waħdu l-Perfett".

Bħala seminarista, Joseph kien qatta' sena – bejn Settembru 2006 u Awwissu 2007 – jagħti servizz pastorali fil-parroċċa tagħna, mal-gruppi tal-adolexxenti, l-abbatini u l-vokazzjonijiet. Interessanti li anki ż-żewġ ħutu l-oħra, li huma wkoll saċerdoti, Dun Michael (illum Arċipriet Ta' Sannat) u Dun Mario (li qaddes riċentement u bħalissa jinsab Avila, Spanja, għall-istudji tiegħu), it-tnejn kienu taw servizz fil-parroċċa tagħna bħala parti mill-formazzjoni tagħhom għas-saċerdozju.

Dan is-Suppliment jixtieq ifakkar il-ġrajjiet u l-interventi ewlenin marbuta mal-bidu tal-Ministeru Pastorali ta' Mons. Joseph Curmi bħala Arċipriet ta' San Ġorġ, li bħala motto għal dawn il-festi għażel il-vers Pawlin: *"Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi" (2 Kor 12:9).*

Il-programm, immarkat mill-istil sempliċi u prattiku li jikkaratterizza l-personalità ta' Dun Joseph, fetaħ il-Ħadd 4 ta' Diċembru, fil-11.00am, b'Konċelebrazzjoni Solenni minn Mons. Pawlu Cardona b'radd il-ħajr għall-ministeru pastorali tiegħu ta' disa' snin bħala Arċipriet, li fi tmiemha tkanta t-*Te Deum*.

Il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru, imbagħad, fit-8.00pm inżammet Ċelebrazzjoni tal-qari tal-Kelma ta' Alla, katekeżi, talb u kant immexxija mill-Arċipriet il-ġdid, bis-sehem speċjali tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa. Bl-għajnuna tat-test imħejji minn Dun Richard N. Farrugia, Rettur tas-Seminarju, tul din il-velja ġew spjegati l-ġesti prinċipali tal-Quddiesa tal-Pussess ta' jumejn wara. Minkejja li l-Bażilika nżammet fid-dlam ħlief għad-dawl fuq il-presbiterju u l-altar, spikka s-sehem ħaj tad-diversi kategoriji tal-parroċċa, kemm fl-età u provenjenza. Mill-bidu Dun Joseph ta sinjal ċar li l-pastorali maż-żgħażagħ u l-adolexxenti se tkun prijorità għalih.

Iċ-ċerimonja iktar formali tal-Pussess inżammet il-Ħadd 11 ta' Diċembru. Fit-8.15am, Dun Joseph ħa sehem mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tax-Xagħra fil-kant solenni tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fil-Bażilika ta' Marija Bambina f'raħal twelidu. Mal-wasla tiegħu fi Triq ir-Repubblika fl-9.45am, akkumpanjat mill-familjari, kif ukoll mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u l-Arċipriet tax-Xagħra Mons. Carmelo Refalo, il-Banda Ċittadina *La Stella* u l-*Victoria Scout Group* akkumpanjawh sa Pjazza San Ġorġ, fejn fl-10.00am ingħatatlu merħba mill-Isqof Djoċesan, il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan, u l-komunità parrokkjali kollha, u nqara indirizz minn Francesco Pio Attard, Segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali.

Dritt wara fil-Bażilika saret il-Konċelebrazzjoni Pontifikali bir-Rit tal-Pussess ippreseduta mill-Isqof. Simbolika kienet il-preżentazzjoni, fi tmiem il-Quddiesa, ta' tliet Boroż ta' Studju (€1,800) lis-Seminarju Djoċesan, bħala sinjal ċar li din l-arċipretura trid tieħu żvolta iktar vokazzjonali. L-Arċipriet Curmi mess il-qalb ta' kulħadd meta qal li hu ma laqax is-sejħa li jiġi f'din il-parroċċa għax sfurzat, imma minn qalbu. Kulħadd kompla jaqsam il-ferħ tal-okkażjoni f'Riċiviment fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Intant, l-Arċipriet il-ġdid mill-bidu għażel li jkun residenti fuq bażi permanenti fid-Dar Parrokkjali, u diġà fil-jiem ta' qabel il-Pussess beda bil-laqgħat tiegħu mal-Kunsill Parrokkjali, u mad-diversi kumitati, gruppi u sezzjonijiet tal-parroċċa, mal-operaturi pastorali fiċ-ċentri mxerrda mar-Rabat, mal-morda fi djarhom u l-isptarijiet, u anki mal-parruċċani u s-saċerdoti tagħna f'Ruma. Fit-tlitt ijiem ta' wara l-Pussess hu laqa' wkoll fiċ-Ċentru Parrokkjali lil dawk li riedu jżuruh u jagħmlulu l-awguri personali tagħhom.

Anki fil-Bażilika, Dun Joseph medd għonqu dritt għax-xogħol, mhux biss billi rnexxielu jiffamiljarizza ruħu fl-iqsar żmien possibbli mal-esiġenzi pastorali tal-parroċċa, imma wkoll fil-ħajja liturġika u sagramentali. Fil-fatt l-ewwel mument qawwi liturġiku tal-komunità kollha flimkien mal-Arċipriet il-ġdid kien in-Novena tal-Milied immexxija minnu.

**UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX**
**Stqarrija għall-Istampa**
4 ta' Novembru 2016

# ĦATRIET ĠODDA FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

Illum 4 ta' Novembru 2016, jum il-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, qed jagħmel dawn il-ħatriet ġodda fid-Djoċesi ta' Għawdex:

**VIGARJI EPISKOPALI**

- MONS. ĠUŻEPPI ATTARD, mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, sal-lum Arċipriet tal-Parroċċa tal-Assunta fil-Katidral, il-Belt Victoria, bħala **Vigarju Episkopali għall-Katekeżi mal-Adulti**, bl-għan li jikkordina l-operat tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, l-evanġelizzazzjoni tal-adulti, ir-relazzjonijiet ekumeniċi fid-Djoċesi, l-għaqdiet u l-movimenti lajkali, il-promozzjoni tal-formazzjoni teoloġika tal-lajċi, u partikularment *jikkordina programm li jgħin fid-dixxerniment tal-koppji f'relazzjoni kumplessa fid-dawl tal-Eżortazzjoni appostolika "Amoris lætitia" tal-Papa Franġisku.*

- MONS. PAWLU CARDONA, mill-Parroċċa ta' Santa Margerita, Ta' Sannat, sal-lum Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, bħala **Vigarju Episkopali għall-Kleru,** bl-għan li jaħdem biex jibni l-komunjoni presbiterali u jsegwi iktar mill-qrib il-kleru djoċesan.

**ARĊIPRIETI**

- MONS. JOSEPH CURMI, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, sal-lum Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, bħala **Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria**.

- MONS. JOSEPH SULTANA, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, sal-lum Arċipriet tal-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb, bħala **Arċipriet tal-Parroċċa tal-Assunta fil-Katidral, il-Belt Victoria**.

- MONS. TREVOR SULTANA, mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija, sal-lum Kollaboratur Parrokkjali fil-Parroċċa ta' Santa Margerita, Ta' Sannat, bħala **Arċipriet tal-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb**.

**DELEGAT EPISKOPALI U VIGARJU PARROKKJALI**

- DUN MARK BONELLO, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, bħala **Delegat tal-Isqof għall-Pastorali mal-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ** u **Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur**.

Dun Joseph Curmi, bin Peter Curmi u Maria mwielda Apap, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, twieled nhar il-11 ta' Novembru 1984. Wara li temm l-istudji fl-Iskola Postsekondarja Sir Mikelanġ Refalo, fl-2002 daħal is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Fis-27 ta' Ġunju 2008 ġie ordnat djaknu u fit-13 ta' Ġunju 2009 irċieva l-ordinazzjoni presbiterali mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-Katidral ta' Għawdex. Wara l-ordinazzjoni kompla bl-istudji tiegħu fl-Università Pontifiċja Lateranensi, li fl-2012 wassluh għal-Liċenzjat fil-Liġi Kanonika. Matul iż-żmien tal-istudji serva bħala kollaboratur fil-Parroċċa tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, Ruma. Hekk kif temm l-istudji tiegħu, ġie msejjaħ Għawdex biex iservi bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, fejn għal dawn l-aħħar erba' snin ħadem flimkien mal-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri. Barra minn hekk hu serva bħala Direttur Spiritwali fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù u hu Delegat tal-Isqof għall-ħidma vokazzjonali fid-Djoċesi, responsabbli mill-Grupp Vokazzjonali Djoċesan.

MARIO GRECH
ISQOF TA' GĦAWDEX

# DIGRIET

## TAL-ĦATRA TAL-MONSINJUR JOSEPH CURMI JCL BĦALA ARĊIPRIET TAL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ MARTRI, IL-BELT VICTORIA



*Għażiż ibni,*

F'dawn il-ħdax-il sena li ilni nġorr il-piż tal-ministeru tiegħi, tgħallimt li l-poplu ta' Alla, aktar minn dutturi fit-teoloġija, jew esperti f'ħiliet organizzattivi, jeħtieġ saċerdoti umli li jagħtuh xhieda ta' kif tħobb u li huma dejjem lesti biex idewwu l-imħabba miġruħa. Ħadd ma sejjer imerina meta ngħidu li n-nuqqas ta' mħabba huwa kawża ta' ġerħat profondi kemm fuq livell individwali, familjari, soċjali, u ekkleżjali. Niftakar fil-kliem tal-Appostlu Missierna: "Li kieku kelli d-don tal-profezija, u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li tqanqal il-muntanji imma ma kellix imħabba, jien ma kont inkun xejn" (1 Kor 13:2).

Għalhekk, meta llum qed nagħtik il-mandat biex tkun "missier" ta' din il-komunità, f'isem Kristu neżortak biex ma tintilifx f'ħafna attivitajiet li jista' jagħmilhom min mhux saċerdot, imma fittex li bħal Kristu tagħti ħajtek biex ilkoll jikbru fl-imħabba li "taf tistabar u tħenn, mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nnifisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità. Kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" (1 Kor 13:4-7).

Nixhidlek jien li fil-komunità parrokkjali li qed nafdalek għandek issib qlub Ġorġjani ta' veru fis-sens li jħobbu b'dik l-imħabba li għandha ħafna mill-kwalitajiet li jsemmi San Pawl.

Il-predeċessur tiegħek, Mons. Pawlu Cardona, li jien grat ħafna lejh, kien missier iħobb lil uliedu kollha u jien inħossni komdu nagħtihulek bħala mudell.

Imma fuq kollox kebbes fik id-devozzjoni ġenwina lejn San Ġorġ Martri, li meta laqa' l-martirju biex jagħti xhieda ta' mħabba għal Kristu, żera' ż-żerriegħa tal-imħabba fil-komunità ta' żmienu u għadu jkellem ħafna qlub illum.

Meta, wara li jgħaddi ż-żmien, tiġi biex tagħmel il-kontijiet ma' din il-komunità, nawguralek li jkollok is-sodisfazzjon li tgħid li kont strumentali biex dan il-poplu jkun għannej tal-imħabba.

Għalhekk, wara li inti tagħmel l-istqarrija tal-fidi skont il-formula approvata mis-Sede Appostolika, jiena, bis-setgħa mogħtija lili skont il-Liġi Kanonika, fit-termini tad-Digriet tal-Konferenza Episkopali Maltija msemmi fil-Kan. 522, nagħtik il-pussess veru u reali tal-Arċipretura tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victoria, li hija t-tieni dinjità fl-istess Knisja Kolleġġjata u li magħha hija marbuta l-kura tal-erwieħ.

Bl-interċessjoni ta' San Ġorġ Martri, nitlob il-barka ta' Alla fuqek, fuq il-presbiterju u l-komunità parrokkjali.

Bħala xhieda ta' dan kollu, ordnajt li dan id-dokument minni ffirmat u ssiġillat bit-timbru tiegħi jiġi rreġistrat mill-Kanċillier tal-Kurja Djoċesana.

Mogħti mill-Kurja Veskovili, fil-Belt Victoria, 4 ta' Novembru 2016.

**Mons. Salv Debrincat**
Kanċillier

**✠ Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex

# Messaġġ fl-okkażjoni tal-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-Ministeru Pastorali ta' Mons. Pawlu Cardona bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

Il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016

Paul Zammit



F'din l-okkażjoni, meta qed inroddu ħajr 'l Alla għad-disa' snin ħidma ta' Mons. Pawlu Cardona bħala l-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna, inħoss sens ta' diqa u sens ta' sodisfazzjon fl-istess ħin.

Il-ħajja ta' kuljum fil-Parroċċa u fil-Bażilika tagħna tinħtieġ dedikazzjoni kostanti, u nistgħu ngħidu li matul il-parrokat ta' Dun Pawl (ippermettuli nsejjaħlu 'Dun Pawl' kif ħafna minna l-parruċċani nsejħulu) kellna l-persuna adattata u ddedikata għall-ikbar ġid tal-parruċċani kollha, b'kontinwità ma' ta' qablu. Il-Quddies kollu, speċjalment il-Quddies tat-tfal u l-familja, il-*Lectio Divina*, l-Adorazzjoni ta' kull nhar ta' Ħamis filgħaxija, in-Noveni tal-Milied u tal-festa ta' San Ġorġ, il-gruppi tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, il-laqgħat tal-koppji fi tħejjija għaż-żwieġ u tal-miżżewġin żgħażagħ, iż-żjajjar lill-familji qabel il-Magħmudija, laqgħat iktar regolari għat-tfal tal-Preċett u tal-Griżma, l-ispazju li ta lill-kollaboraturi li riedu jaħdmu f'kull qasam, l-investiment kostanti fil-mezzi teknoloġiċi ġodda u l-istallazzjoni ġdida tas-sistema tas-sound, li jgħinu fit-twettiq tal-pastorali, ir-riforma professjonali fl-organizzazzjoni u l-kura pastorali tal-parteċipanti tal-Purċissjoni tal-Passjoni, huma xi ftit mill-inizjattivi li ħafna minna aħna konxji tagħhom għax għexniehom personalment.

Barra minn dawn, lil Dun Pawl konna nsibuh fuq quddiem nett fl-imħabba tal-proxxmu, speċjalment lejn dak li hu xi ftit inqas iffortunat mill-bqija tal-parruċċani. L-inizjattivi ta' karità (ħafna drabi fil-moħbi), iż-żjajjar lill-morda u lill-anzjani. flimkien mal-introduzzjoni ta' ikliet f'mumenti fejn is-solitudni tinħass iktar mis-soltu (bħal fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena), huma xi ftit miċ-ċirkustanzi li juru l-umanità kbira li hemm preżenti f'qalb Dun Pawl.

Dun Pawl, bħalna lkoll li aħna midħla ta' din il-Bażilika, tgħallem iħobb lil San Ġorġ Martri u sar Ġorġjan kbir li ħa diversi inizjattivi u ħabrek ferm biex ta' kull sena jsiru festi spiritwali denji lil dan il-kbir qaddis Patrun tagħna. Bħala quċċata tal-parrokat tiegħu nsibu l-inizjattiva u t-tħabrik tiegħu biex fil-festi tal-175 sena tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ, li saru fis-sena 2014, saret tħejjija spiritwali adattata u saru wkoll il-Velja Straordinarja fi Pjazza Indipendenza, il-Purċissjoni Solenni bl-istatwa l-Ħadd filgħodu, il-miġja tar-Relikwa insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ minn Venezja, u ż-żjajjar tagħha għand il-morda. Għexna wkoll f'dawn il-festi l-ħeġġa li Dun Pawl għandu għall-għaqda fost l-Insara, speċjalment bil-miġja fostna tal-Arċisqof Grieg Ortodoss tal-Italja f'Malta u l-istedina ta' kull sena fil-festa ta' April lill-Kanċillier tal-Komunjoni Anglikana f'Malta. Dun Pawl għaraf iżewweġ dawn il-festi lil San Ġorġ mal-pastorali u mal-messaġġ ta' Kristu li mingħajrhom dawn il-festi ma jkunx fihom is-sens u l-valur proprju tagħhom.

Il-pellegrinaġġi għal Lourdes u pellegrinaġġi oħra lejn l-Art Imqaddssa u lejn santwarji devoti (bħal Assisi, San Giovanni Rotondo, Cascia, Loretu, Lanciano u Manopello), kienu tant għal qalb Dun Pawl. F'dawn l-inizjattivi tispikka ferm l-umanità u l-ispiritwalità ta' Dun Pawl. Il-pellegrini kollha jinnutaw id-dedikazzjoni anki għall-iċken dettall, li biha jkun organizza dawn il-mawriet.

Dun Pawl kellu ħeġġa wkoll lejn il-patrimonju artistiku tal-Bażilika tagħna. Kien fi żmienu li nfetaħ il-Mużew tal-Bażilika (Il-Ħaġar), fejn qed jiġu mħarsa u

murija l-opri prezzjużi u artistiċi li għandha l-Bażilika tagħna, b'tant għożża u professjonalità. Ippromova wkoll l-organizzazzjoni tal-Arkivju u l-Librerija tal-Parroċċa fejn qed jiġu ppreservati u organizzati teżori imprezzabbli oħra li huma wirt li għandna nibżgħu ferm għalih. Stinka wkoll biex beda l-proċess tar-restawr tal-faċċata, u l-pre-applikazzjoni għal fondi Ewropej għal pannelli fotovoltajċi, ir-restawr tal-koppla minn ġewwa, il-kwadri laterali ta' Zahra u s-sala parrokkjali. Dejjem appoġġja inizjattivi kulturali u ta spazju biex inizjattivi altament kulturali, bħall-Victoria International Arts Festival, isibu l-ispazju u s-sapport meħtieġ.

Għal dawn l-aħħar disa' snin lil Dun Pawl konna nsibuh fil-qalba ta' din il-parroċċa tagħna. Kien il-gwida spiritwali tagħna. Dun Pawl għex fostna l-awtentiċità tal-ħajja spiritwali u tal-karattru doċli tiegħu u rnexxielu jittrasmetti ħafna mill-valuri spiritwali, u l-karatteristiċi pożittivi li hu stess jippossiedi, lilna li għexna dawn is-snin miegħu. Iċ-ċentralità ta' Kristu fil-ħajja tal-komunità, il-parteċipazzjoni ikbar fil-ħajja tal-Knisja universali, l-ispiritwalità personali, is-sens qawwi ta' ubbidjenza lejn is-superjuri, is-sens fratern ma' ħutu s-saċerdoti, it-talb fis-skiet, il-bini tal-paċi u tal-komunjoni (anki f'inizjattivi bejn iż-żewġ parroċċi tar-Rabat), il-ġabra waqt il-liturġija, waqt it-talb u waqt l-adorazzjoni, it-tagħlim solidu, dejjem f'għaqda mal-Maġisteru tal-Knisja, is-sens ta' umiltà, is-sens ta' maħfra, is-sens ta' umanità u attenzjoni għall-persuna, speċjalment dawk l-iktar dgħajfa, huma ftit minn dawn il-karatteristiċi tant pożittivi li Dun Pawl għex, ipprattika u għallimna fis-skiet. Bħala l-aħħar inizjattiva li ħa Dun Pawl fil-pastorali tagħna li niffrekwentaw din il-Bażilika nsibu l-Kmamar tar-Rikonċiljazzjoni li huma attrezzati b'kull mod possibbli biex fihom ikun jista' jsir il-Qrar u r-riavviċinament tal-penitent ma' Kristu li hu l-veru ġid ta' kull bniedem. Din l-inizjattiva nistgħu nqisuha waħda mill-isbaħ "monumenti" li ser iħallilna Dun Pawl. Dawn il-Kmamar tar-Rikonċiljazzjoni ser jiġu mbierka llum fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni.

L-okkażjoni tal-lum iġġib fi tmiemha l-ħidma ta' Dun Pawl fost dawn il-ħitan tal-Bażilika tagħna u fost in-numru tant kbir ta' familji li jappartienu lill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Disa' snin ilu, Dun Pawl, wara tletin sena ta' ħidma fil-Belt ta' Ruma, ma kien jaf kważi lil ħadd. Illum, wara dawn is-snin ta' ħidma fil-Bażilika, fl-uffiċċju, fis-sagristija, fil-konfessjonarju u anki ta' żjajjar lill-familji, nistgħu ngħidu li hu midħla tal-parruċċani Ġorġjani kollha. Inħoss li Dun Pawl daħal fir-rispett u fl-imħabba tagħna l-parruċċani ta' San Ġorġ kollha. Għalhekk, inħoss li t-tluq tiegħu mill-ħidma diretta fit-tmexxija ta' din il-parroċċa tagħna ser iġagħalna nħossuna li qed ninfatmu minn dan is-sors tant qawwi ta' wens u gwida spiritwali. Is-sens ta' diqa li jitfa' fuqna dan it-tluq ta' Dun Pawl jista' jittaffa billi nżommu quddiem għajnejna x-xorti kbira li għandna li hu għex fostna, u l-patrimonju tant kbir ta' tagħlim u eżempji tant sbieħ u utli li akkwistajna mingħandu. Dan għandu jimliena b'sodisfazzjon u għandna nħarsu lejn din il-ġrajja tal-lum bħala awgurju lilna wkoll biex napprezzaw ferm iktar dak kollu li kien ifisser għalina, dak kollu li għallimna u dak kollu li għaddielna f'dawn is-snin tal-preżenza tiegħu fostna.

Inwegħduk, għażiż Dun Pawl, li ser nitolbu lill-Patrun tagħna San Ġorġ biex jidħol għalik quddiem Alla biex iżommok f'saħħtek u jagħtik is-sapport li ser ikollok bżonn biex tkompli tagħmel ir-rieda tiegħu u tkompli tgħin lil kull min jiltaqa' miegħek.

Nitolbu wkoll lil San Ġorġ biex jipproteġi u jgħin anki lilek, Mons. Joseph Curmi, li ser tibda tmexxi l-parroċċa tagħna. Minn hawn ser inwegħduk it-talb u l-għajnuna tagħna kollha f'din il-ħidma ġdida tiegħek fostna. Aħna ninsabu persważi li inti ser tieħu t-tmexxxija tal-parroċċa tagħna b'serjetà u ħidma kbira f'kull settur tagħha. Ta' dan nirringrazzjawk bil-quddiem, ngħinuk u nitolbu għalik.

Lilek, Dun Pawl, inwegħduk li ser nibqgħu niftakru u napprezzaw dawn is-snin li int għaddejt fostna u dak kollu li għaddejtilna. Aħna ninsabu persważi li int, wara dawn is-snin kollha ta' mħabba lejna, ser tibqa' f'qalbna u aħna, il-parruċċani tal-Bażilika ta' San Ġorġ, ser nibqgħu f'qalbek u fi ħsiebek għal bosta snin.

Nitolbu għal xulxin. Grazzi mill-qalb, Dun Pawl. *Arrivederci* u *Ad multos annos*.



# DUN PAWL, GRAZZI TAL-WIRT SPIRITWALI U PASTORALI LI ĦALLEJTILNA!



Ix-xbieha ta' Kristu inkurunat bix-xewk, maħduma fl-injam minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi, meta kienet għadha bla żebgħa u esposta fil-Bażilika, Marzu 2012. F'dawn l-aħħar snin, il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira nieda proġett ambizzjuż ta' vari ġodda għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.



Mument ta' ferħ mit-tfal Gorġjani waqt in-Novena ta' San Ġorġ fil-Bażilika. Tul l-arċipretura ta' Dun Pawl, il-pastorali mat-tfal u l-adolexxenti ħadet spinta kbira 'l quddiem, bl-introduzzjoni mill-ġdid tal-Quddiesa tal-Ħadd għall-Familja, u l-organizzazzjoni tan-Noveni tal-Milied u ta' San Ġorġ, il-katekeżi presagramentali tal-inizjazzjoni Nisranija, u l-laqgħat regolari għall-adolexxenti.



Wieħed mid-diversi Pellegrinaġġi Parrokkjali għal Lourdes li kienu ħafna għal qalb Dun Pawl, u li hu kien imexxi minn sena għall-oħra f'Awwissu.



Biċċiet mill-Gwarniċ tal-Ventaltar tal-Fidda tal-Festa ta' San Ġorġ fil-fażi tar-restawr li sar mid-Ditta Laga ta' Ħal Luqa, Jannar 2013.



Wieħed mid-disinni sbieħ li saru bħala parti mill-istudju xjentifiku fuq il-faċċata u l-koppla tal-Bażilika fil-fażi preparatorja għall-proġett tar-restawr tagħhom iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex, 2016.



Il-Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ, meta nħarġet għall-qima fi Pjazza Indipendenza l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, fl-okkażjoni tal-175 anniversarju tagħha, April 2014.



L-Arċipriet Cardona jżomm ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ li nġabet minn Venezja għall-Festi Speċjali tal-175 anniversarju tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ, Lulju 2014.



Ritratti storiku li juri speaker tas-*sistema* l-ġdida tas-sound tal-Bażilika maġenb wieħed tas-sistema antika qabel dan inqala'. Proġett ta' utilità kbira kien dak ta' sistema ġdida tal-awdjo għall-Bażilika, Ottubru 2013.



Il-Kamra tar-Rikonċiljazzjoni, b'żewġ spazji ġodda fejn jiġi amministrat b'iktar kumdità s-Sagrament tal-Qrar, li l-Arċipriet Cardona stinka biex isir bħala frott spiritwali u prattiku tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena. Id-disinn sar minn John Xerri, ix-xogħlijiet tal-elettriku minn George Schembri, waqt li Manuel u Jonathan Bugeja għamlu l-plastering tal-ħitan, u Joe Bonnici l-istruttura tal-ħadid. Il-bibien sbieħ tal-kawba' nħadmu minn George Attard. Ġiet imbierka minn Mons. Cardona fi tmiem l-arċipretura tiegħu, wara l-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr, Diċembru 2016.



Fil-Velja Solenni tal-Qaddisin Kollha, meta l-istatwa ta' San Ġorġ tqiegħdet fil-Kor tal-Bażilika għall-okkażjoni tal-175 anniversarju tagħha, Novembru 2014.

# Kelmtejn ta' Ħajr fil-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-Ministeru Pastorali

## ta' Mons. Pawlu Cardona bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ

Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria

Il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex



Għażiż Dun Pawl, xtaqt inkun magħkom għal din il-Quddiesa ta' radd il-ħajr fi tmiem il-ministeru tiegħek bħala ragħaj spiritwali ta' din il-komunità tagħna. Imma rrid immur l-Għarb għaliex se jiġi inawgurat monument lill-predeċessur tiegħi, u allura nisraq dan il-mument.

Jien nixtieq ngħidlek minn qalbi grazzi, għaliex dan l-altar, biex ma ngħidx din il-parroċċa, lilek serviek bħala *katedra* biex lilna, lili wkoll, twasslilna bil-mod kwiet tiegħek l-ispiritwalità tal-fundatur tal-Moviment tal-*Pro Sanctitate* li inti fih il-Qaddej ta' Alla l-Isqof Guglielmo Giaquinta.

Jekk ikolli naqra dawn is-snin li int għamilt bħala Arċipriet ta' din il-Bażilika, jien nara rifless ta' dak li inti xrobt mingħand din il-persuna, li kellha ħafna għal qalbha l-ispiritwalità. Taf x'qiegħed ngħid: qed ngħid li inti f'dawn is-snin għentna biex immorru *to the core*, għall-essenza, għall-qalba tal-missjoni tagħna bħala Knisja, tal-missjoni tagħna bħala saċerdoti u tal-iskop tal-komunità Nisranija.

Allura, ta' dan jien grat ħafna. Inti għext dak li jgħid Giaquinta: l-imitazzjoni ta' Kristu, u Kristu anki bħala vittma li joffri lilu nnifsu għall-umanità. U din hija wkoll il-vokazzjoni tiegħi u tagħna s-saċerdoti. Dak huwa s-saċerdozju. Inti għext ukoll ħaġa li kienet għal qalb Giaquinta: il-komunjoni tiegħek mal-Isqof. U dak nista' nixhdu pubblikament. Kemm għandek għal qalbek l-għaqda tiegħek mal-Isqof! Issa mhux jien – illum hawn jien, ilbieraħ kien hawn ieħor, u għada jkun hawn ieħor. Imma dak huwa prinċipju kardinali illi fuqu sserraħ il-Knisja: il-komunjoni

Imbagħad, aspett ieħor mill-patrimonju ta' Giaquinta huwa l-valur tat-talb. Forsi stennejna ċerti affarijiet minnek, imma ma fhimniex biżżejjed illi int erġajt tajtna l-essenzjali. Inti, nista' ngħidha quddiem kulħadd, għallimtna l-valur tat-talb. U kont għal din il-komunità *mgħallem tat-talb*.

Allura, għażiż Dun Pawl, grazzi ta' din l-imbuttatura li tajt lil din il-komunità. Imma mhux biss lil din il-komunità. Nerġa' ngħid, bħal ħafna affarijiet oħra, din il-Bażilika hija ta' eżempju għal ħafna oħrajn. Bil-ministeru tiegħek bħala Arċipriet inti wkoll kont mudell, nerġa' ngħid, mhux biss għal dawn jew għalina hawnhekk, imma għad-Djoċesi kollha. Intenniha għat-tielet darba, inti għentna nifhmu aktar x'inhi l-qalba tal-vokazzjoni Nisranija, speċjalment l-ispiritwalità tagħna s-saċerdoti.

U għalhekk fdajtlek, issa li temmejt dan il-ministeru, ministeru ieħor li tkun Vigarju Episkopali għalina s-saċerdoti, u nixtieqek – ngħidhulek quddiem kulħadd – illi anki lilna tgħinna biex inkomplu nixorbu minn din l-għajn illi xrobt minnha int, jiġifieri l-ispiritwalità tal-Moviment ta' Giaquinta li fl-aħħar mill-aħħar hija l-ispiritwalità tal-Konċilju Vatikan II. Għinna ħalli nkunu, kif jgħid wieħed mill-kotba ta' Giaquinta, "saċerdoti ġodda għal dinja ġdida".

Mill-qalb, grazzi ta' kollox.

***

### Tweġiba minn Mons. Pawlu Cardona

Minn qalbi ngħidlu grazzi, għaliex għalija l-Isqof, barra l-persuna ta' Mario, huwa l-Papa f'nofsna. Huwa *"Cristo in terra"*, kienet tgħid Santa Katerina. Ir-ragħaj tagħna, din il-garanzija tal-Papa fostna, ta' Kristu fostna, qiegħed jagħtihielna bit-tagħlim tiegħu, bix-xhieda tiegħu. Nixtieq mill-ġdid ngħidlu grazzi tal-fiduċja, u tal-fiduċja li hu qiegħed iġibilna min-naħa tal-Papa. Għandna xhieda li l-Papa wrieh fiduċja sħiħa u b'ġest patern qallu: "Imxi 'l quddiem". U għalhekk nixtieq nirringrazzjah ta' dan, għaliex għalina huwa dawl bħala Knisja biex ma mmorrux 'il bogħod mit-tagħlim tal-Papa u tal-Knisja. Imma niġdbu ħabel wieħed u nimxu wara l-Mulej, u mmexxu lill-poplu tagħna wara l-Mulej.

Grazzi, għażiż missier, u nitlob għalik b'mod partikulari f'din il-Quddiesa. Grazzi.

# Omelija fil-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-Ministeru Pastorali

## bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ

Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria
Il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016
Mons. Pawlu Cardona



Nixtieq nibda r-riflessjoni qasira tiegħi l-ewwel nett billi ngħid grazzi. Grazzi lill-imħabba ta' Alla l-Imbierek, għaliex fuq kull wieħed u waħda minna l-Mulej, li hu Mħabba, għandu proġett ta' mħabba li niskopruh dejjem f'mument wara l-ieħor fil-ħajja tagħna. Nagħrfu kemm hija preżenza li tmiss il-qalb ta' kull wieħed u waħda minna.

Allura nixtieq ngħid grazzi anki għal din il-kelma ta' Alla li għadna kemm smajna, kemm f'San Pawl lir-Rumani (15:4-9) u kemm fl-Evanġelju ta' San Mattew (3:1-12). San Mattew jitkellem fuq Ġwanni l-Għammiedi, li qiegħed fid-deżert, post tal-mewt, imma huwa wkoll il-post fejn jidher il-kobor ta' Alla. Għall-poplu ta' Iżrael id-deżert kien il-post tal-purifikazzjoni; il-poplu Lhudi li ħareġ mill-Eġittu miet kollu fid-deżert, u dawk li twieldu fid-deżert daħlu fl-Art Imqaddsa. Id-deżert kien il-post fejn dinbu u naqsu kontra Alla l-Imbierek. Imma ma kinetx biss art ta' mewt, imma kienet ukoll art ta' grazzja, għax kien proprju fid-deżert fis-Sinaj li Alla deher lill-bniedem. Wera lilu nnifsu, wera l-kobor tal-imħabba tiegħu għall-poplu tiegħu.

Dan ġara wkoll fi żmien San Ġwann, li kien fid-deżert tal-Lhudija, wieħed mill-aktar postijiet ibsin. San Ġwann, fejn kien jgħix, jgħid li kien bniedem awster, kien ta' penitenza kbira, u n-nies kienet tmur għandu biex tisma' l-kelma tiegħu. Imma jekk kien fid-deżert, post mejjet fejn ma jikber xejn u jurina l-awsterità ta' San Ġwann, kontemporanjament mid-deżert ħarġet il-bxara t-tajba fejn qal: "Indmu għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet". Jiġifieri bħalma fit-Testment il-Qadim kien il-post tal-mewt u tad-dnub, huwa wkoll il-post fejn Alla deher u wera mħabbtu għall-poplu tiegħu. L-istess esperjenza ta' Ġwanni kienet għan-nies ta' żmienu. U Ġwanni jiftħilna għajnejna. Ġwanni jistedinna, bħalma jgħidilna San Pawl: "Qisu li jkollkom l-istess kwalitajiet ta' Kristu Ġesù, għalhekk ilqgħu lil xulxin bħalma Kristu wkoll laqa' lilkom". San Pawl jistedinna biex ikollna l-istess fehma bejnietna skont Kristu Ġesù. Jgħid ukoll f'Ittra oħra lill-Filippin: "Qisu li jkollkom l-istess sentimenti, l-istess virtujiet, l-istess kwalitajiet li kellu Kristu Ġesù, għax għalina Kristu huwa kollox". "Għalija nqis kollox żibel quddiem Kristu Ġesù, li huwa ċ-ċentru tal-ħajja tagħna".

Kristu huwa dak illi lilna fdiena, illi lili tant ħabbni. Mhux lilna lkoll flimkien: lili Kristu ħabbni, lilek Kristu ħabbek. Int, jien, kull wieħed minna jiswa d-demm ta' Kristu! Araw kemm aħna importanti fil-qalb ta' Alla, għaliex jekk Kristu lili ħabbni, kien għaliex Alla l-Missier bagħtu biex jurini l-kobor tal-imħabba tiegħu għalija. Alla l-Missier tant ħabb lill-bniedem, tant ħabb lili u lilek, li bagħtilna lil Ibnu l-waħdieni biex kull meta aħna nemmnu fih u nistqarru l-fidi tagħna fih, ikollna l-ħajja ta' dejjem. U allura l-imħabba ta' Ġesù mhijiex l-imħabba tiegħu, imma hija l-imħabba li ġejja mingħand il-Missier. Fi kliem ieħor, aħna għeżież f'għajnejn Alla. Alla lilna jħobbna, u meta Alla jħobb, dak li jħobb jagħmlu tiegħu. Ma jħalliniex, ma jabbandunaniex, m'aħniex waħidna.

Din il-kelma ta' kuraġġ kemm ta' Ġwanni u kemm ta' Pawlu, tagħtina motiv ta' tama. Kif smajna fl-Ewwel Qari mill-Profeta Iżaija (11:1-10), fejn isemmi ħafna affarijiet li jidhru assurdi, meta jgħid illi l-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, fejn is-soltu l-lupu jiekol il-ħaruf; il-leopard mal-gidi, il-baqra mal-ors, li huwa paradoss, imma fil-fatt hekk jiġri meta Alla l-Imbierek isejjaħ, u meta jsejjaħ, iħobb lil xi ħadd. Din hija l-imħabba li l-Mulej għandu lejja u lejk, lejna lkoll.

Għalhekk illum nixtieq li ngħidlu grazzi. Jien fl-aħħar tax-xahar ta' Awwissu tal-2006 ġie għandi Dun Tarċis

[Camilleri] u qalli: "Dun Pawl, l-Isqof jixtieqek fid-Djoċesi tagħti xi snin". Jien kont ilni hemm disgħa u għoxrin sena, u ma kontx bi ħsiebni li niġi hawn, lejn Malta. Konna fi triqitna mill-ajruport għal Ceprano, kelli ż-żgħażagħ barra, morna flimkien biex inqarru lil dawn iż-żgħażagħ f'*campo scuola*, u qalli: "L-Isqof jixtieqek Malta, Għawdex". U għalina bħala regola ta' Mons. Giaquinta [membri fl-Istitut tal-*Apostolici Sodales*], ix-xewqa tal-Isqof hija volontà. Nistqarr illi l-ewwel tmienja u erbgħin siegħa kienu ta' konfużjoni, ma kontx naf kif, ma kont naf xejn, lanqas fejn. U wara tlett ijiem, għidtlu: "Dun Tarċis, għidlu illi jien qiegħed hemm". Qed nitkellmu dwar Awwissu tal-2006. Jien ġejt hawn fis-17 ta' Settembru 2007, u sal-aħħar żminijiet ma kontx naf fejn. Imma kont nafda fl-imħabba ta' Alla u fil-fiduċja tar-Ragħaj tagħna. Qabel kien Dun Nikol, illum għandna lil Dun Mario, għada jkollna li xi ħadd ieħor… hu min hu. Imma hemm din ir-rabta profonda illi tagħti l-paċi fil-qalb.

Dak kollu li ngħaddu minnu fil-ħajja, it-tlugħ u l-inżul, id-diffikultajiet, il-provi u l-persekuzzjonijiet li ngħaddu minnhom, ma huma xejn quddiem it-twaħħid tagħna marrieda ta' Alla fil-persuna ta' dak li jirrappreżenta lil Kristu. U għalija kien motiv ta' ħeġġa.

Jien ma kontx naf lil din il-komunità, fis-sens li kien ilni snin kbar barra, kien ilni snin ma nidħol San Ġorġ. Imma nixtieq ngħidilkom grazzi. Grazzi għaliex għallimtuni nħobb lil San Ġorġ. U meta ngħid lil San Ġorġ, mhux nifhem l-istatwa, imma l-komunità Ġorġjana. Għallimtuni nħobb lilkom li intom fdati f'idejn dan il-Kampjun tal-Martri. U nistqarr li lil Ġorġi nħossu tiegħi wkoll, inħossni marbut ma' Ġorġi u nħossni fdat f'idejh.

Dik l-esperjenza li għexna xi snin ilu, meta Taħt Putirjal l-Isqof tani r-relikwa ta' San Ġorġ f'idejja, dakinhar kien mument verament għażiż. Hemmhekk iltqajna ma' dak li ħabb għax kien jaf li kien maħbub. U għax kien jaf li kien maħbub, ma għamel l-ebda limitu fl-imħabba tiegħu għall-Imħabba. Din hija xi ħaġa kbira, għeżież ħuti: ta' dan nixtieq ngħidilkom grazzi. Imma nista' ngħid li jiena ferħan, jien seren, jien kont kuntent, qiegħed kuntent f'din il-komunità.

Lill-Arċipriet il-ġdid, lilek, Dun Joseph, nawguralek, nitlob għalik. Jien naqsam miegħek kif qsamna ħafna affarijiet flimkien: hawn komunità li għandha qalb kbira. Jista' jkun hemm xi diffikultajiet, imma quddiem l-imħabba kollox jintrebaħ.

Meta ġejt għandkom l-ewwel darba, jekk tiftakru, u meta żort id-djar ft-tberik – li kull sena kont niġi fid-djar tagħkom – fl-ewwel snin kont tajtkom santa bix-





xbieha tal-Madonna tal-Fiduċja, u warajha kien hemm talba tal-Fundatur tagħna Giaquinta biex titolbu kuljum għas-saċerdoti. Nerġa' nġeddidha din il-karba tiegħi. Jien li kbirt f'dan l-ambjent, inħoss li għandkom verament titlobu għalina s-saċerdoti. Anki r-rwol il-ġdid li tani l-Isqof bħala Vigarju Episkopali għall-Kleru jgħabbini b'din ir-responsabbiltà. Min jismagħni fuq l-*RTK* jaf li kull nhar ta' Ħadd mad-dinja kollha nxandar u nitlob f'kull adorazzjoni, fit-talb, għall-qdusija tas-saċerdoti. Naħseb illi s-sigriet tal-komunità, is-sigriet tal-mixja spiritwali tagħna, is-sigriet tal-imħabba tagħna ma' Kristu jgħaddi permezz tal-qdusija tas-saċerdoti tagħna. Għaliex, għidli x'saċerdoti għandek u ngħidlek x'komunità int!

Dan hu importanti għalina, ħuti. Nagħmel appell biex din l-imħabba tagħkom għas-saċerdoti tgħożżuha. Itolbu kuljum. Nirrepeti dak li ngħid fuq Radju *RTK* kull nhar ta' Ħadd: għidu posta rużarju kuljum għas-saċerdoti tagħkom. Agħmlu żjara lil Ġesù Sagramentat ta' kuljum proprju għall-qdusija tas-saċerdoti, u offru wieħed mis-sagrifiċċji – kulħadd ikollu tiegħu: min minħabba l-mard, min minħabba inkomprensjoni – noffru dan kollu għall-qdusija tas-saċerdoti. U l-komunità timxi, tikber u tħalli l-frott. Min iħobb lill-Mulej u jgħix fl-imħabba, jgħid il-Vanġelu ta' San Ġwann f'kapitlu 17: "Mulej, agħmel li dawk li inti tajtni jkunu ħaġa waħda magħna". Għalfejn? "Ħalli d-dinja temmen li inti bgħattni". Inkunu ħaġa waħda miegħu biex id-dinja temmen. Ħutna fid-diffikultà jemmnu u jibqgħu fidili lejn Kristu Ġesù.

L-aħħar kelma nixtieq ngħidha lil San Ġorġ, illi qiegħed hawn magħna bħall-qaddisin kollha, imma b'mod partikulari llum qiegħed hawn magħna, u nitolbu din il-grazzja tal-virtù tal-qawwa biex quddiem il-prova, quddiem is-salib, quddiem il-mard, quddiem l-inċertezza, anki tal-futur, fuq l-eżempju tiegħu, bl-għajnuna tiegħu, bl-interċessjoni tiegħu, jien, kull wieħed minna nkunu kapaċi nipperseveraw fl-imħabba ta' Alla. Grazzi, San Ġorġ, tat-talb tiegħek u tal-interċessjoni tiegħek, għalija u għal kull membru tal-komunità. Grazzi lilkom ukoll.











GEORGIVS









## Ringrazzjamenti tal-aħħar

Qabel insellmu lil xulxin, nixtieq ngħid grazzi lil Alla, li diġà għidna bil-kant tat-*Te Deum*, u fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Inġedded ir-ringrazzjament tiegħi u l-imħabba filjali lejn l-Isqof, ir-Ragħaj tagħna. Nerġa' nġedded, għax għalija u għalina għandha importanza kbira.

Nixtieq ngħid grazzi lilkom, ħuti membri tal-Kapitlu, għax kienet esperjenza ġdida li nitolbu flimkien kull nhar ta' Ħadd filgħodu u filgħaxija. Dan kien mument qaddis għalina s-saċerdoti li nitolbu flimkien.

Nixtieq ngħid grazzi lill-kleru tal-Parroċċa kollu kemm hu għad-disponibbiltà, u lis-saċerdoti li kienu qrib tagħna, fil-komunità tagħna. B'mod partikulari, nixtieq ngħid grazzi lill-Viċijiet tiegħi. L-ewwel nett lil Dun Dominic [Sultana], illi għamel żmien magħna u dalgħodu qiegħed hawn magħna wkoll. Ngħidlu grazzi ta' dak li kien fostna. Nixtieq ngħid grazzi b'mod partikulari liż-żewġ kollaburaturi Dun Anton [Borg] u Dun Feliċ [Tabone] għall-fedeltà tagħhom, għad-disponibbiltà tagħhom u għas-servizz fil-kollaborazzjoni tagħhom. Verament grazzi mill-qalb.

Nixtieq ngħid grazzi lis-Seminarju tagħna. Ħafna drabi jaħarbilna. Imma grazzi lis-Seminarju, għax għandna r-Rettur Dun Richard [Farrugia] li għal ħafna żmien kien ikun magħna. U grazzi lis-seminaristi. Meta ġejt jien kien hawn Dun Joseph [Curmi] fil-parroċċa, ħuh Mario u oħrajn li għaddew. Tkun esperjenza sabiħa fejn il-komunità tgħinu biex jikber. U għalhekk ngħidilkom grazzi, kif ukoll lir-Rettur: grazzi għad-disponibbiltà li juri magħna billi jibgħatilna lis-seminaristi.

Nixtieq ngħid grazzi wkoll lil ħutna reliġjużi, lil Patri Joe [Xerri], lil ta' qablek, lil sħabek, imma lill-Patrijiet l-oħrajn ukoll kif ukoll lis-Sorijiet, b'mod partikulari lis-Sorijiet Franġiskani u lis-Salesjani u anki lid-Dumnikani. Grazzi għad-disponibbiltà li tagħtu fi ħdan il-parroċċa tagħna.

Nixtieq ngħid grazzi wkoll lill-kollaboraturi kollha fl-Uffiċċju Parrokkjali, mingħajr ma nsemmi lil ħadd. Grazzi mill-qalb għax kontu intom li ħdimtu ħafna. Ngħid grazzi lill-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, lill-kumitati varji, lill-gruppi u lill-għaqdiet. Konna niltaqgħu flimkien, b'mod partikulari fil-*Lectio Divina*. Aħna bdejna f'Jannar tal-2008 u sa ftit ġimgħat ilu konna niltaqgħu kull ġimgħa. Dik hija grazzja, u naf li l-Arċipriet il-ġdid għandu għal qalbu din l-esperjenza tal-Kelma ta' Alla u se tkompli miexja.

Ngħid grazzi lill-katekisti għall-impenn tagħkom, intom hawn preżenti u lil dawk li kien hemm qabel. Lill-animaturi tal-gruppi u l-operaturi pastorali u liturġiċi tagħna għas-servizz li tagħtu fil-Quddies kollu.

Ngħid grazzi lill-Kor tal-Parroċċa, lil Dun George J. Frendo u lill-kollaboraturi tiegħu għall-animazzjoni tal-Quddies. Tgħallimt ħafna u ħabbejt il-liturġija grazzi għall-kant li jsir f'din il-Bażilika. Nirringrazzjakom mill-qalb.

Nixtieq ngħid grazzi wkoll lil dawk li għandhom il-kura ta' dan it-tempju sabiħ tagħna, f'kull qasam: lis-sagristani, lil dawk li jaħslu, lil min jagħmlu sabiħ u jlibbsu. Grazzi lil kulħadd. Hija grazzja illi tidħol f'darek u tħossok milqugħ.

Nixtieq ngħid grazzi hawnhekk, fil-persuna tas-Sur Pawlu Cassar, lis-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u lill-kumitati kollha fi ħdanha, għaliex il-kollaborazzjoni tagħhom hija essenzjali fl-attivitajiet, b'mod partikulari f'dawk esterni tal-komunità. Nirringrazzjakom tal-kollaborazzjoni tagħkom.

Nixtieq insellem għall-kategoriji kollha tal-parroċċa, mit-tfal sal-anzjani, anki lill-komunità iktar wiesgħa. Dalgħodu ħadt pjaċir nara hawnhekk lill-Arċipriet tal-Katidral. Jalla dak li bdejna, jitkompla. Jalla jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ parroċċi tal-Belt Victoria.

Ngħid grazzi wkoll lis-Sindku preżenti kif ukoll lil dawk ta' qablu, għad-disponibbiltà li tawna, u lill-għaqdiet li mhumiex reliġjużi imma jagħtu servizz lill-komunità tagħna.

Ngħid grazzi b'mod partikulari lil dawk li qed jisimgħuna fuq ir-radju, lill-morda. Naf li ħafna minnkom ta' kuljum issegwu l-Quddies u t-talb. Imma ħafna minnkom toffru t-talb tagħkom għall-komunità. Minn qalbi ngħidilkom grazzi.

Insellem ukoll lil dawk li qed jisimgħuna mill-bogħod, mill-Awstralja, mill-Kanada, lill-Għorġjani emigranti tagħna. Insellem ukoll lil ħutna ta' Ħal Qormi li qasmu magħna u aħna magħhom dawk l-esperjenzi sbieħ f'dawn l-aħħar żminijiet fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' San Ġorġ.

Insellem ukoll lir-rappreżentanti tal-Knejjes l-oħra u l-Insara ħutna, li ġew jaqsmu magħna u jiċċelebraw magħna f'mumenti partikulari.

Imma ma nixtieqx li ma nsellimx u ma ngħidx grazzi lilkom illi ta' kuljum kontu tgħaddu hawnhekk... mhux biss fit-tempju, imma fis-sagristija u anki fl-uffiċċju. Jien għaddejt sigħat sħaħ fl-uffiċċju, minn filgħodu sa filgħaxija; forsi ma ħriġtx biżżejjed, imma kont nisma' ħafna minnkom. Imma ngħidilkom grazzi, għax il-preżenza tagħkom, il-qalb miftuħa tagħkom għallmitni ħafna.

Nixtieq insellem lil ħuna Mons. Salv Borg. Dun Salv kien wieħed mill-Istitut li nagħmlu parti minnu jien u Dun









Tarċis. Nista' ngħidilkom li wieħed mill-motivi li aċċettajt niġi kien li se jkolli lil Dun Salv miegħi. Xħin wasalt jien, telaq. Intom ma tafux, hija xi ħaġa intima għalija; grazzi għal oħtu tawni l-kalċi tiegħu u kuljum għal disa' snin sħaħ kont inqaddes bil-kalċi ta' Dun Salv, bħala sens ta' komunjoni, verament bħala espressjoni tal-imħabba tiegħi lejh u tal-għaqda tiegħu magħna. Dawn huma mumenti sbieħ u nixtieq ngħidlu grazzi, u anki lil Dun Tarċis, għas-sapport, u anki aħna li nagħmlu mill-istess familja spiritwali għaliex insibu lill-Fraternità Saċerdotali li tgħinna ħafna.

Nixtieq nagħmel appell. Il-grazzi tiegħi hija għal kulħadd, imma l-aħħar kelma ngħidha liż-żgħażagħ tagħna u lil dawn li għandna warajna, l-abbatini, il-futur tagħna, il-vokazzjoni ta' għada. Nitlob ħafna għalihom. Nixtieq li titolbu għalihom ħalli jkollna oħrajn li jidħlu s-Seminarju, nafdawhom ma' Dun Richard ħalli jiffurmahom u jagħtuhomlna saċerdoti, mhux tal-parroċċa imma saċerdoti tal-Knisja universali: fejn hemm bżonn, imorru.

Nirringrazzjakom mill-qalb. F'dawn l-aħħar jiem ma kontx hawn, u għal ċertu żmien ma nkunx hawn, imma jekk ikun hemm possibbiltà 'l quddiem, nagħti d-disponibbiltà anki f'din il-parroċċa. Nirringrazzjakom.

## L-aħħar kelma tal-Arċipriet Mons. Joseph Curmi

Xtaqt li l-aħħar kelmtejn ta' ringrazzjament nagħmilhom jien. Kont is-seminarista ta' qablu, u issa l-Arċipriet ta' warajh. Għext miegħu xahrejn: xahar meta ġie u xahar meta telaq. Dun Pawl, il-preżenza tiegħek se nħossuha nieqsa. L-ewwel ħaġa għax diffiċli biex ma tarakx, imma anki ż-żarbun tiegħek diffiċli tidħol fih avolja kbir.

Dun Pawl, l-ispiritwalità li tajtna ngħożżuha. Jien ma għextx miegħek, imma l-frott se nieħdu jien mingħand uliedek spiritwali. Dawn li huma għal qalbek kont għal qalbhom ħafna. Forsi l-qoxra ta' barra ma kinitx daqshekk importanti daqs il-qoxra ta' ġewwa. Qaluli li int ġejt ma tafx titkellem bil-Malti. Imma fehmuk xorta, għax kellimthom bil-lingwa li jifhmu, bil-lingwa tal-imħabba, bil-lingwa ta' Ġesù Kristu. Imbagħad tgħallimt il-Malti magħhom.

Aktar tard tgħallimt tħobb lil San Ġorġ magħhom. U għalhekk il-presbiterju xtaq jirregalalek tifkira żgħira. Din it-tifkira żgħira, xejn speċjali, hija mument li jien interpretajtu b'dan il-mod: qalb id-dlam tal-ħajja, Kristu u l-martri jagħtuna l-kuraġġ. Għalhekk dak huwa l-mument fl-2014 fejn ħdimtu ħafna biex tagħmlu din il-festa ta' talb u spiritwali lil San Ġorġ. Din hija x-xewqa tal-Presbiterju: li jkollok dan ir-rikordju, mument għażiż.

Imma l-komunità xtaqet tagħtik tifkira wkoll. Dan hu l-frott ta' ħafna persuni. Tliet affarijiet għeżież għalik: *Mater mea, Fiducia mea* il-Madonna tal-Fiduċja; Giaquinta, l-ubbidjenza; imbagħad San Ġorġ fiċ-ċentru. Dan żgur jibqa' għal qalbek, opra ta' Pawlu Camilleri Cauchi. Dawn li jħobbuk xtaqu li t-tifkira tiegħek tkun minsuġa b'dak li daħħaltilhom f'qalbhom. Il-Madonna – fiduċja; San Ġorġ, illi jħares lejn Kristu u lejn il-Madonna fil-mixja tiegħu bħala martri; imbagħad Giaquinta, li inti tispira ruħek minnu... ikunu dawn it-tliet affarijiet illi tibqa' tgħożż f'qalbek.

Ibqa' kun magħna. Inti għajn ta' spiritwalità. Il-bieb ikun miftuħ dejjem. Il-bieb tal-konfessjonarju jkun miftuħ ukoll għalik, biex tiġi tqarar! Grazzi ħafna.

***

## Ringrazzjament reċiproku minn Mons. Pawlu Cardona

Nistqarr illi qabbiżtli demgħa, għaliex kommoventi. Missejtuli l-korda l-aktar intima li għandi tal-fiduċja tal-Madonna u tal-Padre Giaquinta, li kkonsagrajt ħajti biex dak li hu tiegħu nagħmlu tiegħi. Darba qalli kelma, kien fis-sena tmenin; qalli: "Jekk tibqa' waħdek, nista' norbot fuqek?". U dik il-kelma għadha ddur ma' widnejja. U li poġġejtuh ma' San Ġorġ juri verament id-don tal-qawwa quddiem id-diffikultà taħt il-protezzjoni ta' Marija: li kollox huwa possibbli. Grazzi.

Qaluli biex inħalli tifkira hawnhekk preżenti. Imma tajnieha wiċċ differenti. Hawn Manwel [Farrugia] li nixtieq nirringrazzjah tal-mod kien interpretaha. Saret xbieha differenti minn tas-soltu biex nesprimu żewġ affarijiet illi bdejt magħhom meta wasalt.

Tinnutaw li daħħalt żewġ affarijiet, żewġ kelmiet li bdejt bihom fl-4 ta' Novembru 2007 il-Kelma ta' Alla u l-Ewkaristija. Bdejniehom bil-*Lectio Divina* u bl-adorazzjoni, u tlabt li npoġġuhom fuq l-altar, taħt it-tribuna. Il-Kelma ta' Alla f'idejja u l-Ewkaristija fiċ-ċentru, u li hi ċ-ċentru tagħna s-saċerdoti. Grazzi, Arċipriet!



# Riflessjoni fil-Velja bi tħejjija għall-Pussess

## bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ

Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria

Il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2016

Mons. Joseph Curmi




Għadna kif smajna [tifsira] rigward il-qanpiena. Allura meta kienu jagħmlu l-qniepen, kienu jagħmlu l-qanpiena u jagħmlu l-lingwa. Tafuha din il-lingwa? Meta ddoqq ta' mewt? Meta ddoqq agunija? Meta jdoqq għal xi ħadd minn barra? Għal xi ħadd żgħir? Għall-Quddiesa? Għall-adorazzjoni? Hija lingwa li wħud jifhmuha u oħrajn le. Hija sejħa li wħud jisimgħuha, tal-qrib, imma tal-bogħod diffiċli li jisimgħuha. Għal dawk li joqogħdu fl-inħawi l-aktar 'il bogħod tal-belt, diffiċli, u mhux għal dawk biss. Barra minn hekk, kemm tisma' qniepen? Tisma' ta' din il-Bażilika, tisma' ta' ħafna knejjes oħra. U tibda tgħid: wara liema qanpiena se nimxi?

Imma l-idea tal-qniepen, jekk tarawha bħala messaġġ, hija wkoll problematika. Għax ħafna jdoqqu l-qniepen u ma tkunx taf wara liema qanpiena se timxi. U jista' jkun li l-qanpiena li għandek timxi warajha, ma tisimgħhiex.

Jiena bħala Arċipriet qiegħed inħoss li bil-mod il-mod irrid nagħmel "sett qniepen ġodda". Il-qniepen ta' fuq il-kampnar huma qniepen sbieħ ħafna. Imma qiegħed ninduna illi mhumiex jinstemgħu minn kulħadd. Id-dinja tal-lum, b'ħafna storbju, ma tħalliniex nisimgħuhom. Allura huwa dmir tiegħi li nfittex modi kif insejjaħ b'mod differenti, b'mod illi forsi llum jinstema'. Sinċerament, lanqas jien ma nismagħhom il-qniepen. L-ewwel li qaluli: "Kif qiegħed torqod taħt il-kampnar tal-knisja. Ma jdejqekx il-Pater Noster fil-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu?". Ma nisimgħux! Nibqa' għaddej bil-mija! Uħud jgħidu li sinjal tajjeb, u veru, allaħares joqgħod iqajjimni kuljum! Imma jekk il-ħsejjes tal-qniepen, tas-sejħat li l-Mulej jagħmlilna llum ma jinstemgħux, kif se nagħmlu biex nisimgħu lilu?

Għalhekk jien ngħidilkom li se nipprova nagħmel minn kollox biex din il-Bażilika tkun "bażilika tal-parroċċa", barra li hija bażilika ta' kulħadd. Imma l-ewwel u qabel kollox għandna tkun tal-parroċċa. Jiġifieri, ta' dawk li jappartienu magħna, ma' din il-parroċċa li jien ragħaj tagħhom. Qiegħed nirreferi għal kulħadd: għal dawk li jagħmlu parti minn din il-parroċċa, għal dawk li forsi jgħidu: "jien ma għandix bżonn il-knisja", għal dawk li jgħidu: "il-knisja hi tiegħi", għal dawk li jgħixu Malta... Nixtieq li l-qniepen ta' din il-Bażilika jsemmgħu l-messaġġ tagħhom anki Malta. Kemm għandna żgħażagħ li huma Malta u ma jappartienu mal-ebda parroċċa ħlief fil-ġimgħa tal-Festa?

Jien dak li nixtieq: illi bħala l-Arċipriet, qabel il-proġetti l-oħra kollha, nagħmlu dan il-proġett ta' sett qniepen ġodda moderni li jinstemgħu għad-dinja tal-lum. Qabel din il-velja tal-lejla bgħatna madwar sitt mitt ittra fid-djar, li huwa mezz. Imma nixtieq li s-sejħat jikbru. Nagħmlu mod biex aħna li aħna ġew, insejħu lil dawk li qegħdin fil-bogħod, lil dawk li s-sejħa diffiċli jisimgħuha għax għandhom ħafna storbju.

Nixtieq illi nkun Arċipriet qrib, għax mhux bilfors illi l-qanpiena ndoqqha ġol-kampnar. Nixtieq li ndoqq ħafna qniepen oħra: il-qniepen tad-djar. Nixtieq li dawk li għandhom bżonn, isejħuli u jien niġi fid-djar. Ma hemmx għalfejn bilfors niltaqgħu hawn, imma niltaqgħu fid-djar, għax hemmhekk hemm Kristu u hemm il-Knisja. Għalhekk, filwaqt li nkomplu nisimgħu s-sejħa biex niġu hawnhekk fit-tempju, nisimgħu s-sejħat l-oħra, u jien se nkun qrib dawk li huma fi djarhom u dawk li huma 'l barra.

Għalhekk nixtieqkom li titolbu għalija, filwaqt li tissapportjaw ukoll kull inizjattiva ta' dan it-tip. Filwaqt li ma ninsewx lil dawk li qegħdin ġew, noħorġu għal dawk li qegħdin barra.

# Messaġġ ta' Merħba lill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi

## fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Bidu tal-Ministeru Pastorali bħal Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ

Pjazza San Ġorġ, il-Belt Victoria

Il-Ħadd 11 ta' Diċembru 2016

Francesco Pio Attard, Segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*"O Ragħaj ta' Israel, agħti widen... u ejja ħa ssalvana" (Salm 80:2-3)*

Dan hu l-kliem, għażiż Dun Joseph, li fil-qalba ta' dan iż-żmien ta' l-Avvent li fih il-Knisja tistenna bil-ħrara ż-żjara ta' Sidha, aħna ntennu mal-Liturġija Mqaddsa, hekk kif illum niċċelebraw id-daħla tiegħek fostna, sinjal ieħor ċar li l-Mulej ġej biex jifdi lill-poplu tiegħu.

Fil-preżenza hienja ta' l-Isqof tagħna, tas-saċerdoti u l-poplu Għorġjan, u ta' tant oħrajn li ġew jifirħu magħna f'din l-għodwa sabiħa, f'riġlejn dan il-maqdes għażiż, ħallini ngħidlek minn qalbi: "Merħba, Joseph!". Ippermettili nsejjaħlek b'dan l-isem li bih nafek sa mis-snin li qattajna flimkien is-Seminarju, fejn sirt familjari għall-ewwel darba mal-karattru ferrieħi u ħelu tiegħek.

Il-lum qed niltaqgħu f'kuntest differenti, dal-għodu int ġejt bħala ragħaj mibgħut minn Kristu biex tirgħa l-merħla ta' din il-Parroċċa ta' San Ġorġ. Emminni, ma rsaqtx hawn biex nagħtik xi parir fuq kif tmexxiha, għax milli nafek jien konvint li int mexxej għaqli u għaref biżżejjed. Imma ta' Nisrani u Ġorġjan li lil din il-komunità nixteqilha ħafna ġid, ħallini ngħidlek xi nħoss f'qalbi dal-għodu meta narak dieħel għal dan il-ministeru, piż ħelu li, kif għidtli sa mill-ewwel jum, ilqajtu minn qalbek u mhux għax imġiegħel, imqar jekk mhux mingħajr tbatija (għal dak li kellek tħalli).

Int qed tirċievi wirt uman, soċjali, artistiku, reliġjuż u spiritwali mill-aktar għani. Jien ċert li ħa ssib il-modi kif issaħħaħ dak li r-ragħajja ta' qablek u missirijietna bnew b'tant għożża għall-ġid u t-tqaddis tal-poplu ta' Alla. Din il-familja Ġorġjana l-lum m'hix qed tippretendi amministratur ta' ħila, imma ragħaj li jaf jisma', jagħder, ifarraġ, iħobb. Dak hu li għandna bżonn tassew biex fik naraw lil Kristu r-Ragħaj il-Kbir, li jimxi quddiem il-merħla tiegħu biex juriha t-triq, f'nofsha biex magħha jaqsam il-pass tqil ta' kull ġurnata, u warajha biex jara li ħadd ma jibqa' lura jew jintilef.

Kif qed jgħidlek Missierna l-Papa Franġisku, kun ragħaj li jingħaraf mir-riħa tan-nagħaġ tiegħu, imqar jekk din tinten bl-għaraq frott it-tbatija ta min jaħdem u forsi anki jittarraf fit-triq (ara *Evangelii gaudium*, 24). Aħjar titħammeġ għax tkun tmegħikt mat-tajn x'ħin ħriġt tfittex il-mitlufa, milli ġġorr il-moffa ta' l-għeluq fis-sagristiji u ċ-ċrieki 'klerikali'.

Ix-xjenza li fiha int imħarreġ hi l-Liġi tal-Knisja, imma int fittex aktar dik il-liġi ta' l-imħabba li Alla permezz tiegħek irid jonqox fil-qlub tal-laħam, u dan billi tħaddem l-akbar ġustizzja li hi l-Ħniena. Ftakar li int ġejt fdat b'dan il-ministeru fil-ftuħ ta' dak li l-Papa għadu kemm għammdu "ż-żmien tal-ħniena", fejn il-Knisja hi msejħa għal konverżjoni pastorali lejn il-loġika tal-ħniena.

Min bħali ilu jafek xi ftit, iqisek bi bniedem deċiż, taf fejn trid tasal u mogħni b'ħila u determinazzjoni għat-triq u l-isfidi quddiemek. Imma daqstant ieħor fittex li tkun doċli, ta' qalb ħelwa u umli bħall-Imgħallem li għażlek timxi warajh. Ħaddem l-awtorità tal-fardal li lesta taqdi qabel tordna, u aqsam id-dmir tiegħek li tmexxi u tiggwida ma' oħrajn, billi anki titgħallem minn min jaħsibha differenti minnek... għax minn dawn il-kwalitajiet jingħaraf mexxej tajjeb! Fuq kollox itlob lil Alla biex bħal Salamun jagħtik moħħ ħafif biex tifhem u qalb lesta tisma' (ara 1 Slat 3:9), dejjem miftuħa għall-fantasija kreattiva ta' Alla. Ara li min ifittxek isibek dejjem, u ħobb imqar sa ma qalbek tuġgħek għax hekk żgur ma jiddispjaċikx li tkun tajt kollox għal dawk li huma tiegħek.



Liebes is-sentimenti ta' Kristu Ġesù, fik ħallina naraw lilu, ir-Ragħaj is-Sabiħ, biex tassew miegħek nistgħu ngħidu: "Biżżejjed għalina l-grazzja tiegħu" (2 Kor 12:9). Smajtek tgħid li trid tiddefendi l-ispazji taċ-ċkejknin u ż-żgħażagħ li huma tant għal qalbek. Dan iferraħni mhux ftit, għax hekk stinkajna tant biex nagħmlu fis-snin li għaddew minkejja kull xkiel. Imma nħeġġek fuq kollox tħares il-primat ta' Kristu bħala l-ġebla tax-xewka ta' din il-komunità, ħalli tassew bl-ispirtu tiegħu fina, minn idejk mitmugħa b'Kelmtu, misqija bil-grazzja tas-sagramenti tiegħu, u fidili lejn it-tagħlim tal-Knisja tiegħu, inkunu mhux biss parroċċa taż-żgħażagħ imma Knisja żagħżugħa. Għalhekk ħobb bil-qalb tiegħek ta' missier il-komunità kollha, mill-kbir saż-żgħir, mill-kollaboraturi ta' ġewwa li sa ssib jgħinuk sa dawk li jħossuhom maqtugħa, il-familji midruba u mbiegħda mill-qalb tħabbat kollha mħabba ta' Kristu, fit-truf eżistenzjali ta' beltna, forsi bogħod mill-Knisja. Kun Arċipriet tal-Bażilika imma wkoll tal-periferija fejn Alla jinsab jistenna lil min jixtiequ!

Dun Joseph, int bniedem saqajk ma' l-art u taf li f'din il-parroċċa mhux biss ħa ssib min iħobbok u tħobbu, imma ħa jiġri wkoll li jkun hemm oħrajn anki minn ġewwa li ma jifhmukx, ma jgħinukx jew iġibulek oppożizzjoni. Tħossok waħdek u l-enerġija kollha taf tgħib fix-xejn! Bħalma għamel ma' Marija u Ġużeppi, il-Mulej qed jgħidlek: "Tibżax!". Hu li għażlek u żgur mhux ħa jitilqek għal riħek. Ħafna ħa jfittxuk biex tagħtihom ħwejjeġ li m'humiex tiegħek biex tagħtihom. Bħal missier għaref, tfittixx li tagħti lin-nies dak li trid hi, imma biss dak li jrid Alla. Għal dan teħtieġ l-arti tad-dixxerniment!

Fl-aħħar nett, Arċipriet, infakkrek li s-sena u saħansitra l-jum li fihom tħabbret l-għażla tiegħek bħala ragħaj tagħna jfissru ħafna, anzi nħoss li huma providenzjali. F'dan il-150 anniversarju tas-Seminarju tagħna, nitolbok: ħabrek għall-vokazzjonijiet, anzi għinna biex ikollna ambjent li jgħin ħalli s-sejħat li jagħmel il-Mulej isibu art tajba fejn iż-żerriegħa tinbet, tikber u tagħti l-frott.

Fil-fehma tiegħi l-Knisja f'pajjiżna qed tgħix perjodu epokali: dak tal-bidla minn fidi tal-konvenzjoni għal waħda tal-konvinzjoni. Jista' jkun li għad jgħaddi ż-żmien taċ-ċelebrazzjonijiet solenni u l-knejjes ippakkjati, imma minnek il-ftit li jibqgħu jridu jħossu ħierġa l-ħeġġa u l-ferħ tal-Vanġelu biex isibu raġuni għat-tama tagħhom. Ċert li sa tmidd għonqok għall-ħidma u għall-proġetti, imma "aħli" iżjed ħinek f'li tlaqqagħna mal-Kelma li saret laħam.

Il-Beatu Papa Pawlu VI fl-*Evangelii nuntiandi* qalilna li "l-bniedem tal-lum jisma' iżjed bil-qalb lix-xhieda milli lill-għalliema, u jekk jisma' lill-għalliema, dan jagħmlu għaliex huma xhieda" (41). Mela ħu l-eżempju tax-xhud sabiħ tagħna, San Ġorġ, il-Ħarries smewwi ta' gżiritna u l-Patrun ta' beltna u tal-parroċċa tagħna, biex ix-xhieda tiegħek tiddi bħal musbieħ fuq il-muntanja u l-"pussess" veru li ħa tieħu l-lum ikun dak tal-qalb tal-poplu fdat f'idejk.

*Ad multos annos*, għażiż ħabib u missier!



# OMELIJA FIL-PUSSESS TA' MONS. JOSEPH CURMI

## BĦALA ARĊIPRIET TAL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ

BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ, IL-BELT VICTORIA
IL-ĦADD 11 TA' DIĊEMBRU 2016, IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT
L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex



### KRISTU JOĦROĠNA MILL-ĦABS

Meta mill-ħabs Ġwanni l-Għammiedi sema' bl-għemejjel ta' Ġesù, huwa bagħat jistaqsih: "Inti huwa dak li għandu jiġi jew nistennew lil ħaddieħor?" (Mt 11:3). Għażiż hija fis-saċerdozju, nistħajjel li meta dalgħodu din il-komunità parrokkjali, li laqgħetek bi mħabba kbira, qed tagħmillek din il-laqgħa sabiħa, hawn min bħall-Battista qiegħed "fil-ħabs" u allura qed jistaqsi: Dan l-Arċipriet huwa dak li għandu jiġi biex jagħtina ftit tat-tama u jgħinna noħorġu minn dan l-għeluq, jew nistennew lil ħaddieħor? Din hija l-mistoqsija li nixtieqek tirriflettti dwarha fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Fil-ħajja hemm diversi esperjenzi fejn aħna nħossuna wara l-iżbarra. Normalment fil-ħabs jintbagħtu dawk li għandhom imġiba antisoċjali – dawk li l-ħajja tagħhom ma tkunx skont il-kanoni tas-soċjetà. U nirringrazzjaw lil Alla li għadhom ma bagħtux lil xi ħadd minna, għax mhux bilfors li aħna li qegħdin barra, aħna aħjar minn dawk li hemm ġewwa; kulħadd għandu xi farka ta' atteġġjament antisoċjali. Ħafna drabi aħna nieħdu gost jekk dawk li jiżbaljaw jingħataw sentenzi ibsin biex narawhom ipattu; u jekk dawn ma jeħlux sentenza ta' priġunerija, nitfgħuhom fil-ħabs aħna stess għax neskluduhom miċ-ċrieki tagħna bil-konsegwenza li l-munzell tal-persuni skartati jkompli jogħla. Miskin hu min jiċċappas b'xi mġiba mhix korretta u jaħbat dufrejh mal-liġi, għax mhux lakemm ikun fdat aktar. Ħafna drabi dawn il-persuni mhux biss jitwarrbu mis-soċjetà imma wkoll mill-komunità ekkleżjali!

Imbagħad hemm dawk li qed iqattgħu ħajjithom fil-*ħabs tas-solitudni*. Dan l-aħħar, aġenzija li toffri sapport soċjali ppubblikat statistika li turi li hawn numru għoli ta' persuni li qed jgħixu waħidhom – mhux għaliex qed jgħixu fiżikament waħidhom, imma għax iħossuhom minsijin mill-bqija. Il-lista ta' dawk li huma f'din il-kategorija hija twila: hemm l-anzjani, il-morda – kemm dawk li jinsabu rikoverati fl-istituzzjonijiet u kemm f'darhom –, dawk li huma "marbutin" fi djarhom minħabba l-kundizzjoni tagħhom, dawk li minħabba l-kundizzjoni psiko-fiżika tagħhom ma jistgħux jgħixu ħajja indipendenti, u tant oħrajn. Dawn huma parti mis-soċjetà u mill-komunità Nisranija li qegħdin jittamaw li jsibu ftit tal-wens!

Hemm imbagħad dawk li jħossuhom ikkalzrati fil-ħabs tad-dubji. F'ċertu sens, jien nammira lil Ġwanni l-Għammiedi għax ma beżax jesterna l-perplessità u l-inċertezzi tiegħu dwar min hu Ġesù Kristu. Jien konvint li madwarna hawn min huwa mikul mid-dubji, imma m'għandux il-kuraġġ jesprimihom, anki jekk ċerti dubji huma serji ħafna għax iqajmu mistoqsijiet fundamentali li jaffettwaw il-ħajja tal-bniedem. Il-gwaj ikun ferm aktar jekk inkunu aħna stess li bl-imġiba tagħna fil-komunità noħolqu din il-konfużjoni fl-imħuħ f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, il-Vanġelu u l-Knisja.

Hemm oħrajn li jinsabu fil-ħabs tal-kundizzjoni tagħhom minħabba li f'ħajjithom ikunu għamlu għażliet li huma irreversibbli. Fil-ħajja hemm għażliet li wieħed jista' dejjem jerġa' lura minnhom; imma mbagħad hemm għażliet li ladarba wieħed jagħmilhom, ma jkunx jista' jerġa' lura minnhom u jkollu jgħix bihom, anki jekk wieħed qatt ma kien messu kkunsidra li jagħmilhom.

Dawn huma ftit mill-kategoriji ta' persuni li *llum* qed jagħmlu l-esperjenza tal-*ħabs*. Niżgurak li hawn minnhom madwarek dalgħodu – konxjament qed ngħid "madwarek" u mhux fil-*ġemgħa*. Dawn il-persuni huma ħerqana biex mingħandek jisimgħu kelma li tista' toħroġhom mill-*ħabs*.

Jien nistħajjel li l-Battista feraħ meta d-dixxipli tiegħu reġgħu lura fil-ħabs u rrakkontawlu dak li kien qalilhom Ġesù. Nimmaġina li minkejja li kien fiżikament fil-ħabs, meta sema' t-tweġiba li bagħatlu Ġesù, Ġwanni ħa r-ruħ u ħassu ħieles. Fil-fatt Ġesù qalilhom: "Morru agħtu

lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li qegħdin tisimgħu u taraw: l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu" (Mt 11:4-5).

Ġesù hu dak li jagħti d-dawl lill-għomja – mhux tant biex japprezzaw dak li huwa materjali, imma biex jiftħilhom għajnejhom biex jaraw lil Alla u lilhom infushom bħala *wlied maħbuba minn Alla*. Imbagħad ladarba jibdew *jaraw* lil Alla, ikunu jistgħu jimxu l-pellegrinaġġ tal-fidi wara Ġesù. Min hu bla dawl ma jafx imidd riġlejh għax ma jkollux direzzjoni u jibqa' mwaħħal. Nibża' li l-Knisja tagħna f'ċerti ambjenti staġnat spiritwalment – għandha riġlejha mwaħħla. Meta nieqaf naħseb dwar kif xi wħud iħarsu lejn il-Knisja, nissuspetta li għandhom qoxra fuq għajnejhom għax għadhom ma humiex jaraw il-Knisja kif waslitilna mill-Konċilju Vatikan II. Ebda dnub ma għandu jaqtgħalna qalbna fil-mixja tagħna. Kif għamel mal-lebbrużi, Ġesù jaħfrilna d-dnub biex jerġa' jarana integrati fil-komunità. Jekk il-bniedem isodd widnejh għax ma jiflaħx jisma' aktar kliem vojt u qarrieqi, quddiem Ġesù, il-Kelma ta' Alla li saret laħam, il-bniedem jerġa' jiftaħ widnejh għax kliemu jinżillu għasel u jserrħu. Fuq kollox, min verament jagħmel esperjenza ta' Ġesù ma jkollu ebda dell tal-mewt fuqu.

Fil-bidu tal-ministeru tiegħek bħala ragħaj spiritwali ta' din il-parroċċa, dan hu li nixtieq minnek: li dawn ħutna li qegħdin jagħmlu esperjenza ta' *ħabs* jisimgħu minnek dak li Ġesù qal lill-Battista: kelma ta' faraġ u tama li tgħinhom joħorġu mill-għeluq tagħhom. Kemm hija qawwija l-kelma ta' Ġesù: "Il-Vanġelu jixxandar lill-foqra" (Mt 11:5)! Ma nixtiqekx tagħmel mill-parroċċa li qed nafdalek "komunità elitista". Hemm diversi kategoriji ta' *elite*. Anki l-Insara li jaħsbu li huma qaddisin jistgħu jkunu fost l-*elite*. Min jaħseb li huwa superjuri għall-oħrajn ma jħaddimx il-loġika tal-integrazzjoni imma l-loġika separatista. L-*elite* mhux ser jiftakar f'dawk li huma fil-*ħabs* – ma jinteressahx ġenwinament mill-foqra. Għalhekk importanti li nżommu quddiem għajnejna li l-Vanġelu jixxandar lill-foqra. Il-faqar mhux biss kategorija ekonomika jew soċjoloġika, imma huwa wkoll kategorija teoloġika. Il-foqra huma l-laħam ta' Kristu. Għalhekk nafdalek il-foqra, kemm dawk foqra materjalment u kemm dawk foqra spiritwalment.



Bħalma llum qegħdin niċċelebraw Ħadd il-Ferħ, bl-interċessjoni tal-Patrun tagħna San Ġorġ, il-kavallier ta' Kristu li ħeles lil ħafna mill-*ħabs tal-paganiżmu*, inti tkun għal din il-komunità dak is-saċerdot li bil-kelma u l-azzjoni pastorali tiegħek tgħinha ġġarraf kull għamla ta' ħabs u tikseb il-libertà u l-ferħ li jaf jagħti Kristu.



Grazzi lis-CVC Media, Joe Attard, Daniel Cilia (faċċata suppliment), Toni Farrugia u JJP Zammit għar-ritratti f'dan is-suppliment.








# Il-Qniepen tal-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex Ġrajja u Lingwa

## Tifkira tad-disgħin sena mill-wasla tal-qniepen ta' Barigozzi fl-1925

(L-Ewwel Parti)

Noel Micallef

Fil-mixja tas-snin l-imgħoddija l-kampnari u l-qniepen tal-gżejjer tagħna, bħal kull ħaġa oħra, għaddew minn żvilupp kontinwu u saru ħaġa ta' importanza kbira fil-ħajja tal-poplu tagħna. Imma l-progress qaleb il-wiċċ tal-istorja bid-drawwiet kollha tagħha. Illum il-ġurnata ftit huma dawk li jitgħaxxqu bil-leħen sabiħ ħiereġ mill-kampnari tal-knejjes tagħna. B'xorti ħażina, għadd ta' Maltin u Għawdxin igorru dwar id-daqq tal-qniepen: min jgħid għax jindaqqu kmieni, min idejqu l-'istorbju' tagħhom għax joqgħod viċin ħafna tal-knisja, min b'argument u min b'ieħor. Fiż-żminijiet tal-lum, insibu knejjes li jillimitaw id-daqq tal-qniepen għal ċertu ħin tal-ġurnata, normalment bejn is-sitta ta' filgħodu u t-tmienja ta' filgħaxija. Imma dan żgur ma nistgħux ngħiduh għall-qniepen tal-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Għawdxija, għax żgur il-qniepen Ġorġjani ma ġewx affettwati minn dawn il-bidliet. Matul dan iż-żmien kollu, dawn kienu, għadhom u żgur jibqgħu l-mezz ta' kif il-leħen ta' Alla jsejjaħ lin-nies li jżuru r-Rabat.

Qabel sar dan il-'progress', il-qniepen kellhom funzjoni partikulari. Kienu l-arloġġ tal-ħajja ta' kuljum, f'ħajja aktar sempliċi. Ftit taż-żmien ilu, il-ħajja Għawdxija kienet tibda kemxejn kmieni. Mal-ewwel imrieżaq tad-dawl tax-xemx, mhux biss l-għasafar tal-bejt jibdew l-għanja ħelwa tagħhom, imma wkoll dawk in-nies bieżla tal-ħwienet jibdew jaħsbu għal jum ieħor ta' ħidma.

Fit-taqlib tas-sekli l-qniepen fil-kampnari bkew u ferħu, u qasmu mal-knisja ta' San Ġorġ u mar-Rabat ta' Għawdex il-waqtiet l-aktar sbieħ u l-mumenti l-aktar iebsa tal-istorja. F'din it-tifkira ta' għeluq id-disgħin sena mill-wasla tal-qniepen tal-Bażilika Urbana, jixraq li qabelxejn nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-kuntest storiku tal-kummissjoni li sejrin infakkru f'dan l-artiklu.

### L-arloġġi tax-xemx u tal-knejjes

Fl-imgħoddi ma kienx hawn arloġġi, la fid-djar u lanqas fl-idejn. Ta' min isemmi li l-eqdem arloġġ tax-xemx f'Malta hu dak tal-Imnajdra, li ta' kull tliet xhur jimmarka l-bidu tal-istaġuni: ir-Rebbiegħa, is-Sajf, il-Ħarifa u x-Xitwa.

Fil-kunventi kien hemm l-arloġġi magħrufa *Tax-Xemx*. Dan l-arloġġ tax-xemx hu strument li jimmarka l-ħin mal-mixi tad-dell tal-virga fuq il-wiċċ tal-arloġġ. F'dan il-każ, il-ħin kien jinqasam f'sigħat, nofs sigħat u kwarti. Fir-Rabat ta' Għawdex, minn dawn l-arloġġi tax-xemx hawn tnejn. Wieħed jinsab fil-kunvent ta' Santu Wistin, fil-ġenb tal-knisja, iħares lejn in-nofsinhar. L-ieħor jinsab fil-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini fil-ġnien tal-istess kunvent. Ma' dan insibu arloġġ partikulari, li nistgħu ngħidu li huwa uniku fil-gżira Għawdxija. Mal-ġenb tal-faċċata tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja nsibu arloġġ tax-xemx li jimmarka l-ħin ta' nofsinhar. B'xorti ħażina, il-kiefer żmien qered dan l-arloġġ u llum m'għadux tant jidher. Li fadal minnu huwa ċirku b'toqba fin-nofs minn fejn jimmarka l-ħin.[1]

Fil-Belt Għawdxija nsibu wkoll żewġ arloġġi li jaħdmu bil-mażżri, u l-kustodji ta' dawn l-arloġġi ta' kull ġurnata jew ġimgħa (skont il-ħtieġa) jagħtu l-ħabel ħalli jkomplu jżommu l-ħin għan-nies tar-Rabat. Wieħed minn dawn l-arloġġi jinsab mal-faċċata tal-knisja konventwali ta' San Franġisk. L-ieħor jinsab fuq l-ogħla parti tal-Bastjun ta' San Mikiel fiċ-Ċittadella: hawn qiegħed nirreferi għall-arloġġ tal-Gran Kastell.



L-arloġġ tax-xemx li jimmarka l-ħin ta' nofsinhar, mal-ġenb tal-faċċata tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fil-Belt Victoria.

### Il-qniepen bejn l-1757 u l-1925

L-eqdem qanpiena li għadha teżisti fil-Bażilika ta' San Ġorġ hija dik li tinsab inti u dieħel fis-sagristija mill-bieb ta' Triq Karità. Din il-qanpiena ġġib is-sena 1652, imma ma nafux jekk kienetx saret għall-knisja ta' San Ġorġ stess. Jista' jagħti l-każ li din inġabet minn xi knisja oħra li kienet tinsab fil-madwar u li kienet iddedikata lill-Madonna,[2] għax il-qanpiena għandha fuqha riliev ta' bust tal-Madonna. Din il-qanpiena għadha tintuża sal-lum il-ġurnata u ssemma' leħinha kull darba li tkun se tiġi ċċelebrata l-Quddiesa.

### Il-kampnar u l-qniepen il-ġodda tal-1766

Qabel ma beda jinbena l-kampnar il-ġdid fl-1757, il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kellha *'due piccoli pilastri vecchi invece di detto campanile ed una campana sfasciata, che minacciono rovina'*.[3] Hekk insibu miktub fis-supplika li kien ressaq il-Kanonku Martin Bugeja quddiem il-Kurja tal-Isqof qrib is-sena 1757. Fit-talba tiegħu l-Kanonku Bugeja, li kien Prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ,[4] fisser sewwa r-raġunijiet ewlenin għaliex kien hemm bżonn li jsir kampnar ġdid. Fosthom semma li fil-knisja ta' San Ġorġ *'v'e gran concorso di popolo'*[5] u li hu kien diġà ġabar xi flus *'per fare un campanile decente e due campane nuove coll'elemonisna gia raccolta, da raccogliersi, e distribuirsi dagli Altari in essa Chiesa*



Il-qanpiena b'riliev ta' bust tal-Madonna, datata 1652, li tinsab fis-Sagristija tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

*esistenti'.*[6] Wara din it-talba, l-Isqof tal-gżejjer Maltin laqa' t-talba tal-Prokuratur Bugeja fis-7 ta' Mejju 1759.[7]

L-istoriku John Bezzina jsemmi li fil-manuskritt *Libro Elemosine*, li jinsab fl-Arkivji tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex, hemm iddokumentat il-ġbir biex isiru l-qniepen. Bejn il-ġbir tal-flus u bejn il-ġbir tal-qoton inġabret biss is-somma ta' 622 skut, 10 tarì u 2 grani. L-akbar benefattur kien Dun Giovanni Seychell li f'darbtejn ħareġ is-somma ta' 125 skut. Il-manuskritt fih dettalji ta' kemm inġabru flus fil-baċil, kemm taw xi nies, inklużi qassisin, kemm kien jinġabar qoton kull sena, u kemm ġab il-prezz tal-qoton u taż-żerriegħa. Fih ukoll il-ħlasijiet li saru f'rabta mal-qniepen.

Fl-*Esito Diverso* hemm kemm kien jitħallas ir-raġel li kien jiġbor il-qoton u kemm kien jieħu min jaħilġu. Hemm kemm intefqu flus biex tranġa l-kampnar fit-3 ta' Diċembru 1764 għax kien intlaqat b'sajjetta, il-ħlasijiet lill-ħaddiema, dritt ta' kopja ta' kuntratt mingħand in-Nutar Gabriele Bartolo, il-burdnar li ħa l-qanpiena l-qadima Malta, il-ħlas lill-'pastas' f'Malta li wassal il-qanpiena fil-funderija, l-istess biex inġarret il-ġdida. Hemm imniżżla l-ispejjeż tal-karettun, ħadid, nervi, żigarella, inċens għall-konsagrazzjoni tagħha fil-Palazz tal-Isqof il-Belt, ħlas għall-bini ta' grabja fl-istess palazz għaċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni, ġarr tagħha mill-palazz sa fuq id-dgħajsa ta' Għawdex, xiri ta' domni u slaleb tar-ram minn Ruma biex tqassmu lill-benefatturi, il-ħlas tal-komputista. Dawn l-ispejjeż ammontaw għal 84 skut u 10 grani, filwaqt li l-ispiża tal-qniepen ġiet tiswa 1645 skut u 10 grani.[8] Ma' dan nistgħu nżidu li l-Kanonku Bugeja kien ukoll Prokuratur tal-Altar ta' Santa Katerina tal-knisja ta' San Ġorġ. Fil-25 ta' Frar 1758 il-Kanonku Agius de Soldanis jikteb li *'dal Sig Can. Don Martino Bugeja come Procurator del Ven. Altare di S. Caterina per usa del disegnato Campanile per S. Giorgio: 70'.*[9]

Ta' min isemmi wkoll li ftit ta' snin qabel, fl-1760 u l-1761, kien tlesta x-xogħol tal-irħam fuq l-Altari tal-Erwieħ, ta' Ġesù u Marija, u tal-Kurċifiss mill-marmista Giovanni Antonio Durante mill-Isla. Dan ix-xogħol kien sewa 900 skut.[10]

Żgur li għal dawk iż-żminijiet kienu somom kbar u li mingħajr l-għajnuna ta' għadd ta' benefatturi dan kollu ma kienx iseħħ.

Kif semmejna aktar 'il fuq, l-Isqof laqa' t-talba nhar is-7 ta' Mejju 1759, iżda minn dokumentazzjoni li jsemmi Dr Euguene F. Montanaro, f'Novembru tas-sena 1757 kien diġà beda jsir xi xogħol fuq il-bini tal-kampnar il-ġdid.[11] Huwa jsemmi li fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili tal-Furjana kien sab żewġ folji bit-titlu *Spesa per il campanile di S. Giorgio* li fihom hemm miġbura xi ħlasijiet li saru fil-bini tal-kampnar. Dawn il-folji jinsabu meħmużin ma' rendikont li ħejja l-Kanonku Agius de Soldanis dwar l-amministrazzjoni tiegħu tal-Prokura tal-Altar tal-Erwieħ matul is-snin 1756-1758.

Minn Novembru 1757 sa Frar 1758 saru diversi ħlasijiet lill-ħaddiema impenjati f'dan ix-xogħol, fosthom dawk il-burdnara li ġarrew il-ġebel għall-bini tal-kampnar u li wkoll jissemmew b'isimhom; ħlasijiet għall-ġebel tal-kampnar u lill-imgħallmin tal-barriera; oħra *'per trasporto di terra'* u *'per aver coperto la fossa dove si mettono le pietre'* kif ukoll *'per carrigli di pietra dalla barriera'.*[12] Imma dan ir-rendikont ma jsemmix l-isem tal-perit li ħażżeż il-pjanta tal-kampnar, jew l-imgħallem li ħa ħsieb il-bini tal-kampnar.

It-total ta' dan ir-rendikont huwa ta' 91 skut u 4 grani u l-aħħar pagament kien fil-5 ta' Frar 1758. Żgur li din id-dokumentazzjoni mhijiex kompluta. Il-prokuratur Bugeja kien ordna l-qniepen il-ġodda fl-10 ta' Settembru 1766. Għalhekk jista' jkun li kien fadal ħafna xogħol xi jsir fuq il-bini tal-kampnar bejn l-1758 u l-1766 li tiegħu ma għandniex rendikont sħiħ tal-ħlasijiet li saru.

Dan il-kampnar ġie mibni fuq in-naħa ta' wara tal-knisja, maġenb is-sagristija. Fil-fatt, meta fis-seklu għoxrin kien qiegħed isir xi xogħol fis-sagristija ta' San Ġorġ, instab xi ġebel antik li jista' jkun li kien jagħmel parti minn dan il-kampnar.

Għall-kuntratt tax-xiri tal-qniepen, li kien sar fl-10 ta' Settembru 1766, deher Dun Ġużepp Mizzi (flok il-Kanonku Bugeja), il-funditurі tal-qniepen Marco Morello u Gio Antonio Tanti, u x-xhieda Gio Luca Micallef (minn Ħal Qormi) u Mastro Emmanuele Briffa (mill-Belt Valletta). F'dan il-kuntratt, Marco Morello u Gio Antonio Tanti ntrabtu flimkien li jaħdmu tliet qniepen ġodda għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u li jlestuhom fi żmien sitt xhur mid-data tal-kuntratt:

> *di fare tre campane nuove per servizio di detta Ven. Chiesa di San Giorgio Martire, cioè una grande del peso di quintali dodeci sino a quattordici, un'altra mezzana del peso di quintali sette sino ad otto e mezzo, e l'altra più piccola del peso di tre quintali sino a quattro quintali e mezzo, e finirli, e consegnarli tutti tre senza battaglio nel termine di sei mesi continoi da contarsi da oggi per inanzi.*[13]

Dwar il-prezz kien miftiehem li jkun ikkalkulat l-istess kif kien ġie kkalkulat il-prezz tal-qanpiena tal-Katidral tal-Imdina li l-funditurі kienu ħadmu ftit snin qabel. Skont il-ftehim il-Prokuratur kellu jħallas il-prezz ta' tnax-il qantar bronż, hekk kif il-metall għall-qniepen ikun wasal fil-Port il-Kbir ta' Malta. Imma jekk il-qanpiena l-kbira tiġi tiżen aktar minn tnax-il qantar, il-prezz kellu jitħallas mal-konsenja tal-qanpiena. Il-prezz tal-qanpiena mezzana kellu jitħallas fi żmien erba' snin mill-għada tal-konsenja u dan isir fit-tmiem ta' kull sena. Fl-aħħar nett, il-prezz

tal-qanpiena ż-żgħira kellu jiġi mħallas lill-fundituri mal-konsenja tal-qniepen. Ta' min jgħid li l-qanpiena eżistenti li kien hemm fil-kampnar l-antik kellha tiġi mdewba sabiex il-bronż tagħha jintuża għat-taħlita tal-metall li bih kellha tinħadem il-qanpiena l-ġdida. Il-bronż ta' dik il-qanpiena l-qadima kellu jinbiegħ bil-prezz ta' 75 skut kull qantar.[14]

Ta' min isemmi li l-Prokuratur żamm id-dritt:

> *di più che la consegna di dette campane dovrà farsi in questa Città Valletta e nel luogo ove saranno fatte, e le predette campane dovranno essere di buona voce, e nel caso le medesime campane non piaceranno al popolo di dett'Isola del Gozzo, non sarà tenuto il predetto Signor Canonico Bugeja come Procurator di detta Ven. Chiesa di riceverle, e trattenerle, ne tampoco al pagamento del loro prezzo.*[15]

Skont il-kuntratt, il-qanpiena l-kbira kellha tiżżejjen bix-xbihat ta' San Ġorġ u ta' Santa Katerina. Fuq il-qanpiena tan-nofs kellu jkun hemm ix-xbieha tal-Madonna u l-Erwieħ tal-Purgatorju. Fuq iż-żgħira l-Kanonku Bugeja ħalla l-għażla tax-xbieha f'idejn il-fundituri.[16] Ta' min jinnota li x-xbihat tal-qniepen kienu tat-titulari tal-altari li tagħhom il-Kanonci Bugeja u Agius de Soldanis kienu Prokuraturi; konferma oħra li dawn it-tnejn kienu involuti sew f'din l-ordni kif ukoll fl-għoti tal-flus.

John Bezzina jsemmi li kien sar kuntratt ieħor fl-10 ta' Ottubru 1767 fejn ġie miftiehem li tiġi kkonsenjata qanpiena li tiżen tliet kwintali u 94 ratal. Hawn qed nirreferu għall-qanpiena ż-żgħira mis-sett il-ġdid. Il-qanpiena ġiet tiswa 394 skut, fejn ċertu Francesco Abela, bħala kummissjonant tal-Kanonku Bugeja, ħallas 250 skut għal din il-qanpiena, filwaqt li l-bqija tħallsu mal-kummissjoni tal-qanpiena fil-Palazz tal-Isqof fejn ġiet ikkonsagrata.[17]

## Il-qniepen ta' Trigance: 1777-1778

F'anqas minn għaxar snin wara li l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kellha tliet qniepen ġodda, il-Kanonku Bugeja ħallas is-somma ta' 2,055 skut u 8 tarì u 5 grani lill-funditur Franceso Trigance bħala parti mill-prezz ta' żewġ qniepen ġodda, li l-istess Francesco Trigance flimkien ma' ħuh Gioacchino kellhom jaħdmu għall-kampnar tal-knisja ta' San Ġorġ.[18]

Il-kuntratt iddatat 11 ta' Marzu 1778 sar quddiem in-Nutar Paolo Vittorio Giammalva fil-Belt Valletta bejn il-Kanonku Martin Bugeja, Francesco Trigance, li kien *Capo Maestro dell'Artiglieria* tal-Ordni ta' San Ġwann,[19] u x-xhieda l-Kjeriku Nicola Azzupard (mis-Siġġiewi) u Giovanni Tedesco (mill-Borgo Vilhena). F'dan il-kuntratt il-funditur Trigance ħalla rċevuta għal dawk il-ħlasijiet kollha li kienu saru lilu, għall-prezz tal-qniepen qabel id-data tal-kuntratt. Jissemma li kien diġà rċieva 340 skut mingħand l-Arċipriet u Provigarju għal Għawdex il-Kanonku Saverio Cassar. Il-kumplament tal-bilanċ kellu jitħallas fit-8 ta' Settembru 1778. Insibu wkoll imniżżlin l-ispejjeż ta' dawk l-għodod li kienu meħtieġa għat-tqegħid u għad-daqq tal-qniepen fil-kampnar li b'kollox swew 42 skut.[20]

Fil-kitba tiegħu Dr Montanaro jsemmi wkoll li fit-23 ta' Frar 1778 il-Prokuratur Bugeja ħallas 190 skut u għadda kwantità ta' bronż qadim li kien irrenda 1,525 skut, 8 irbgħajja u 5 ħabbiet. Dan kollu kien imsemmi fi skrittura privata u mhux fuq il-kuntratt pubbliku.[21]

B'hekk, wara ħafna sforzi u taħbit, il-benefatturi ta' San Ġorġ kienu ġabru s-somma ta' 2,055 skut, 8 irbgħajja u 5 ħabbiet. Imma l-ispiża totali taż-żewġ qniepen wasslet fuq 2,263 skut. Dan jidher f'kitba privata:

> *il restanti poi scudi 208: 1: 7 a compimento di detti scudi 2263 : 9 : 12 prezzo di dette due campane, il medesimo Signor Canonico Bugeja promette e s'obbliga dar, a pagare come banco al suddetto Signor Francesco Trigance stipulante in denari contanti in questa suddetta Città Valletta li 8 di mese di Settembre primo da venire del corrente anno 1778 senz'alcuna contradizione.*[22]

B'hekk il-Parroċċa ta' San Ġorġ sal-1778 kellha ħames qniepen: tlieta ta' Morello-Tanti u tnejn ta' Trigance li kienu saru fl-1768 u fl-1778 rispettivament.

## X'sar minnhom il-qniepen ta' Morello-Tanti u Trigance?

L-iżgħar qanpiena tas-sett, li kienet maħduma minn Morello-Tanti, kienet tbiddlet ma' oħra ta' Ferdinando Latta. Fl-ktieb *Liber Esito e Beni* nsibu li fit-3 ta' Frar 1820 ġew *'pagati per manifattura della campaga piccola del peso di Q156 come della ricevuta del Campanaro Ferdinando Latta. 65-'.*[23] Fl-1925 din il-qanpiena ġiet mibjugħa lill-



Dehra tar-Rabat ta' Għawdex fis-seklu tmintax. Tidher il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mingħajr kampnari [Daniel Cilia/Arkivju Parrokkjali San Ġorġ].

Parroċċa tal-Munxar iddedikata lil Missierna San Pawl Nawfragu. Iżda ma tantx damet hemm għax fl-1954 din il-parroċċa ordnat sett qniepen ġodda mingħand *John Taylor & Co Founders* tal-Ingilterra.[24]

Fl-1827 insibu li kienu saru tnejn oħra. Dan ġew ikkonsagrati fil-knisja ta' San Publiju l-Furjana mill-Isqof Publiju Maria Sant, f'isem l-Arċisqof Fra Ferdinando Mattei, fis-17 ta' Lulju 1827. Hekk insibu fin-nota ta' tifkira fir-Reġistru tal-Magħmudija li jinsab fl-Arkivju tal-Bażilika ta' San Ġorġ:

> Il-qniepen ta' din l-Imqaddsa Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, l-ewwel u t-tielet waħda fil-qies, li s-Sinjur Arċipriet Fortunat Cutajar Mizzi, Duttur tas-Sagra Teoloġija, ħa ħsieb li jiġu fonduti mill-bronż tal-kbira l-qadima li kienet ilha bil-ħsara, u dan bil-ġenerożità tal-poplu; ġew imbierka fil-Knisja ta' San Publiju tal-gżira ta' Malta mill-Illustrissmu u Reverendissmu Isqof Publju Maria Sant bil-permess tal-Illustrissmu u Reverendissmu Arċisqof u Isqof Fra Ferdinandu Mattei, nhar is-17 ta' Lulju 1827: l-ewwel waħda propjament ad unur San Ġorġ, San Ferdinandu, San Publju, San Feliċ u San Filippu; u l-oħra ad unur Santa Marija, San Fortunatu, is-Salvatur, San Karlu, Sant'Antnin, San Bartilmew, San Franġisk; u ġew imqiegħda fil-kampnar nhar l-24 tal-istess xahar.[25]

S'issa ma nafux kemm ġew jiswew dawn il-qniepen, biss nafu li fit-18 ta' Ottubru 1827 *'pagati al Sig. Arciprete D. Fortunato Cutajar per contribuzzione per le Campane Nuove – 40 scudi'.*[26]

Fl-1926 il-kbira fosthom ġiet mibjugħa lill-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tat-Triq tal-Għajn.[27] Iżda din ġiet ukoll imdewba biex saret xi waħda mis-sett il-ġdid tal-Funderija *Prospero Barigozzi* ta' Milan fl-1958.[28] Il-qanpiena l-oħra ġiet mibjugħa lill-Parroċċa tal-Munxar fl-1925.

Mis-sett l-antik kien hemm waħda li jsejħulha 'mezzana' li wkoll ġiet mibjugħa lill-Parroċċa tal-Munxar. Dun Ġużepp Galea (tal-Oħxon) kien xtrahom mill-Parroċċa ta' San Ġorġ għas-somma ta' £100. Fil-fatt, mal-faċċata tal-knisja tal-Munxar kien hemm skrizzjoni li tfakkar: 'Dawn il-qniepen li kienu tal-Knisja ta' San Ġorġ Martri ġew mogħtija lil din il-Knisja mis-Saċerdot Dun Ġużepp Galea fil-15 ta' Ottubru 1925'.[29]

John Bezzina jikkwota lil Salvu Galea (tal-Għaġina) fejn jgħid li 'għall-ewwel ta' San Ġorġ ma ridux ibigħuha, u żammewha għal xi żmien flok it-Tinn, u kienu jdoqquha, imma ma qablitx mas-sett il-ġdid, għalhekk niżżluha u bigħuha. Dwarha kien hemm xi nkwiet għaliex l-Arċipriet Cassar ta' Sannat riedha wkoll'.[30]

L-aħħar qanpiena mis-sett ta' Trigance kienet inbiegħet lill-Bażilika ta' Santa Elena ta' Birkirkara fl-1820. Din kienet inxtrat minn Ċensu Borg Brared għall-Bażilika Elenjana. Waħda mix-xbihat tal-qanpiena hija ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. John Bezzina jikteb li meta kienet għadha fil-kampnar ta' San Ġorġ, din il-qanpiena kienet inqatgħet mill-kuruna u kienet qatlet it-tifel li kien idoqqha.[31] B'xorti ħażina, ma għandniex aktar informazzjoni dwar din id-diżgrazzja. Din il-qanpiena għadha titperreċ fil-kampnar tax-xellug tal-Bażilika ta' Sant'Elena.

## Il-kampnari

Iż-żewġ kampnari li llum iżejnu l-faċċata tal-Bażilika ta' San Ġorġ, wieħed fuq kull naħa, inbnew matul is-snin 1815-1816. Kien żmien li matulu twettqu xi tibdiliet strutturali fil-ġebel tal-faċċata tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, kollox fuq disinn tal-Kanonku Salvu Bondì. X'aktarx li din kienet l-ewwel biċċa xogħol bikrija tal-arkitett il-Kanonku Bondì. Il-faċċata ġiet inawgurata fid-9 ta' Novembru 1817 fejn qabel kienu saru tmint ijiem ta' eżerċizzi spiritwali. Il-bennej ta' din il-faċċata kien Vitor Portelli mir-Rabat ta' Għawdex, filwaqt li l-iskultura tal-faċċata saret fis-sena 1817 mill-iskultur Sigismondo Dimech u ibnu Ferdinandu. Fil-fatt, taħt il-kapitell tal-kampnar li jħares lejn il-Lvant hemm kitba li tgħid: *'Sigismondo-Ferdinando Dimech – Padre e Figlio 1817'.*[32]

X'aktarx li kien matul dawn is-snin li nħatt il-kampnar fuq in-naħa ta' wara tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.



Il-qanpiena ta' Trigance (1777), *L-Għawdxija*, tperreċ fil-kampnar tax-xellug tal-Bażilika ta' Sant'Elena, Birkirkara.

**Riferenzi**

[1] Tagħrif mogħti lill-awtur minn Patri Joe Buttigieg, Gwardjan tal-Komunità tal-Franġiskani Kapuċċini tal-Belt Victoria.
[2] John Bezzina, "Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex, 1925-1985", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1985*, 47-59.
[3] Eugene F. Montanaro, "Ġrajja ta' Kampnar", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1992*, 41-47.
[4] Ibid.
[5] Ibid.
[6] Ibid.
[7] Ibid.
[8] Bezzina, "Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex 1759-1788", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1990*, 11-19.
[9] Montanaro, "Ġrajja ta' Kampnar", 41-47
[10] Bezzina, "Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex 1759-1788", 11-19.
[11] Montanaro, "Ġrajja ta' Kampnar", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1992*, 41-47.
[12] Ibid.
[13] Ibid., "Marco Morello u Gio Antonio Tanti jaħdmu tliet qniepen għall-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Għawdex 1766-1767", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1993*, 33-43.

[14] Ibid.
[15] Ibid.
[16] Ibid.
[17] Bezzina, "Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex 1759-1788", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1990*, 11-19.
[18] Montanaro, "Iż-żewġ qniepen tal-Fundituri Franceso u Gioacchino Trigance 1777-1778", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1994*, 41-53.
[19] Ibid., "Marco Morello u Gio Antonio Tanti jaħdmu tliet qniepen għall-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Għawdex 1766-1767", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1993*, 33-43.
[20] Ibid., "Iż-żewġ qniepen tal-Fundituri Franceso u Gioacchino Trigance 1777-1778", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1994*, 41-53.
[21] Ibid.
[22] Ibid.
[23] A(rkivji) P(arrokkjali) S(an) Ġ(orġ), Victoria-Għawdex, *Liber Esito e Beni 1817-1844*, f. 233.
[24] Joseph Goggi, *Qniepen f'Malta u Għawdex u f'Pajjiżi oħra*, Malta 2003, 95.
[25] APSĠ, *Liber Baptismum 1827*, f. 386 (traduzzjoni ta' George Francis Vella).
[26] Ibid., *Liber Esito e Beni 1817-1844*, f. 239.
[27] Bezzina, "Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex, 1925-1985", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1985*, 47-59.
[28] Goggi, *Qniepen f'Malta u Għawdex u f'Pajjizi Oħra*, Malta 2003, 81.
[29] Ibid.
[30] Ibid.
[31] Bezzina, "Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex 1759-1788", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1990*, 11-19.
[32] Nikol Vella Apap, "Il-Kan. Dr Salvu Bondi S.Th. D. 1730-1859", fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1987*, 69-73.

**Ħajr**
Nixtieq nirringrazzja lil dawn il-persuni li għenuni niġbor l-informazzjoni għal dan l-artiklu: Charles Bezzina, Patri Gwardjan Joe Buttigieg ofmcap, Daniel Cilia, Anthony Farrugia, Toni Farrugia, Neville Galea, George Francis Vella.

*...jissokta fil-ħarġa li jmiss*

## Addenda

B'żieda mal-artiklu li ġie ppubblikat fil-ħarġa 188 ta' Jannar-Diċembru 2014 taħt it-titlu "F'għeluq it-tmenin sena minn meta ndaqq l-ewwel darba l-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*", nixtiequ nżidu dan it-tagħrif li ksibnieh wara li deher dak l-artiklu fir-rivista *Il-Belt Victoria*.

Fil-kitba tal-kompożitur tal-Innu l-Kbir, Mro Giuseppe Giardini Vella jsemmi li "fost ir-refuġjati Maltin li ġew joqogħdu Għawdex kien ġie Ta' Kerċem ċertu P. Schembri, li kien Latinista famuż, u dan għamilli pjaċir kbir qalibli mit-Taljan għal-Latin id-diskors kollu". Il-kompożitur kien qiegħed jirreferi għal Dun Ġużepp Schembri, refuġjat Malti minn Ħal Tarxien u li kien joqgħod fis-sagristija tal-knisja parrokkjali Ta' Kerċem fi żmien il-Gwerra. Kien ukoll jgħallem il-Latin is-Seminarju. Billi kien ħabib tas-Surmast Giardini, dan kien isejjaħlu Peppe. Ħajr lis-Sur Charles Bezzina li għaddielna din l-informazzjoni li ġiet ippubblikata fl-artiklu "It-tendenzi pro-Taljani f'Għawdex u l-Innu l-Kbir ta' Santa Marija fi żmien il-Gwerra", *L-Għid tal-Assunta* 42 (Awwissu 2007).

Ġie ppubblikat ukoll li s-Sur George Grech kien qata' x-xewqa ta' Giardini bit-tixjir tal-palm. Ksibna tagħrif li kien pjunier is-Sur George Farrugia, biex, bl-għajnuna tas-Sur Grech (li kellu l-mezz tat-trasport biex iġib il-palm), inbdiet it-tradizzjoni tat-tixjir tal-palm waqt id-daqq tal-Innu l-Kbir. Ħajr lis-Sur George Farrugia għal dan it-tagħrif.

## RANDAN 2017
*Parroċċa San Ġorġ*

**EŻERĊIZZI GĦALL-MIŻŻEWĠIN**
Mit-Tnejn 6 sal-Ħamis 9 ta' Marzu, fis-7.30pm
Mill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana

**EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD**
Mit-Tnejn 13 sal-Ħamis 16 ta' Marzu, fl-4.15pm
Minn Dun Richard N. Farrugia

**EŻERĊIZZI GĦAT-TFAL**
Mit-Tnejn 3 sal-Ħamis 6 ta' April, fl-4.15pm
Mid-Djaknu Michael Grima

**GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**
Fil-Ħdud tar-Randan, fis-7.00pm
*Break Away* | Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi

***Mumenti oħra qawwija fir-Randan***
- **Il-Quddiesa tal-Komunità** kull nhar ta' Ħadd fl-10.00am, mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi
- **Lectio Divina** kull nhar ta' Ġimgħa fis-7.30pm, fil-Bażilika

# Il-kult bikri fil-Knisja lejn il-qaddis San Ġorġ Trijonfanti Megalomartri

Dun Charles Buttigieg

*"Imbierek ismek, qaddis u msebbaħ, ta' min ifaħħru wisq u jgħollih għal dejjem!"* (Danjel 3:52)

**Innu sabiħ lil San Ġorġ**

F'innu antik sabiħ Grieg Ortodoss iddedikat lil San Ġorġ insibu diversi titli Griegi marbuta ma' dan il-kbir qaddis martri, fejn l-ewwel u fuq kollox insibu l-famuż titlu u isem li tagħti l-Knisja tal-Lvant lil San Ġorġ: *"Tropaiofore Megalomartus Georgie"*, "Trijonfanti Megalomartri San Ġorġ". Dan l-innu jkompli jgħid li San Ġorġ huwa *"Aichmaloton eleutherotes"* – "Ħellies tal-priġunieri"; *"Ptochon uperaspistes"* – "Difensur tal-foqra"; *"Asthenounton iatros"* – "Tabib tal-morda", u *"Basileon upermachos"* – "Avukat tar-rejiet".



**L-isem imsebbaħ ta' San Ġorġ**

San Ġorġ Megalomartri u l-Prinċep tal-Martri twieled Lidda (ismijiet oħra huma Lydea, Lud, Diospolis, Georgiopolis, illum Lod qrib Tel Aviv) fil-Palestina madwar is-sena 275 WK. Huwa ħa l-martirju fit-23 ta' April 303 f'età żagħżugħa fi żmien il-persekuzzjonijiet Rumani taħt l-Imperatur Djoklezjanu li ried jeqred is-suldati Nsara. L-isem bil-Grieg *georgios* ifisser "ħaddiem l-art" u ġej minn żewġ kelmiet Griegi: *ge* li tfisser "art" u *ergon* li tfisser "xogħol". San Ġorġ kien verament ħaddiem fl-għalqa tal-Mulej u saqqa din l-art b'demmu stess fil-martirju. Hemm affinità wkoll mal-Akkadiku, mal-kelma *gurl* li tfisser "persuna erojka". Huwa meqjum mill-Kattoliċi, l-Ortodossi, il-Protestanti u wkoll mill-Musulmani. Missieru Ġeronzju kien Grieg Kristjan mill-Kappadoċja u kien uffiċċjal tal-armata Rumana, eżattament *chiliaches*, kmandant fuq elf suldat. San Ġorġ laħaq bħal missieru uffiċċjal għoli tal-armata Rumana. Ommu kienet Nisranija u kien jisimha Polikronja, minn Lidda. Waqt il-passjoni tiegħu, *passio*, huwa wettaq diversi mirakli, *fantasmagories*. Għandu devozzjoni kbira f'Malta u f'Għawdex, fejn għandna l-Bażilika monumentali tiegħu fil-Belt Victoria, fil-Georgia fejn hemm 365 knisja ddedikata lill-qaddis (in-numru huwa marbut mat-tradizzjoni li wara mewtu ġismu tqatta' f'365 biċċa), fl-Ingilterra, l-Eġittu, l-Etjopja, il-Litwanja, il-Bulgarija, l-Italja, Spanja, il-Portugall, ir-Rumanija, Israel, l-Indja, l-Ukrajna u r-Russja.

San Pietru Damiani jikteb: "Skont it-tifsira ta' ismu, Ġorġi kien ħadem l-art ta' ħajtu bil-qawwa tal-grazzja, li permezz tagħha kienu nibtu fil-ħajja tiegħu virtujiet mill-isbaħ". San Indrija ta' Kreta jikteb: "B'idejh bħal bidwi tajjeb ħadem u ġabar għas-Sid ħafna frott fi żmienu. Bil-moħriet tal-virtù u ta' ħajja ħelwa, mexa fir-radda tat-triq tas-sewwa, hekk li stħaqqlu s-Saltna tas-Sema. Żera' fid-dmugħ u bil-ferħ ġabar il-ħsad. Żera' fin-niket u ferħan ġarr il-qatet. Fuq art maħduma tajjeb, l-Ispirtu s-Santu niżżel spiss ix-xita hekk li kabbar il-ħaxix, ħasad il-fidi, fi żmienu. Għalqa ta' fwieħa liema bħalha, miżgħuda bil-ward ta' għemejjel tajba, li joħorġu minnhom bħal għasel bnin, li jfejqu r-ruħ".

**Il-kult bikri lejn San Ġorġ**

Nistgħu ngħidu li mill-ewwel xtered il-kult lejn dan il-qaddis suldat militari kif naraw fl-immaġni tiegħu bħala suldat Ruman (Kavallier ta' Kristu, *miles Christi*) fuq żiemel abjad (jiġifieri rebbieħ) u b'lanza joqtol id-dragun, u għalhekk ir-rebħa tal-martirju fuq Satana (ara Apok 12:9).

Il-knisja ddedikata lilu nbniet Lidda fi żmien l-Imperatur Kostantinu l-Kbir bejn is-snin 306 u 337, fejn insibu l-qabar tiegħu. Insibu wkoll l-iskrizzjoni antika bil-Grieg tas-sena 368, ta' Eraclea ta' Bataneja (fil-Basan tat-Testment il-Qadim, illum l-isem ta' Batanaea huwa Ard el Bathanyeh), li titkellem fuq *"casa o chiesa dei santi e trionfanti martiri Giorgio e compagni"*. Il-Papa Ġelasju I kien għaraf lil San Ġorġ b'qaddis diġà fis-sena 494. Insibu l-Monasteru antik iddedikat lil San Ġorġ f'Homs fis-Sirja, fiż-żona mlaqqma bħala "Wied l-Insara" (Wadi al-Nasara) qrib il-kastell Krak des Chevaliers bl-isem *Deir mar Georges*, li huwa tal-ħames seklu. Insibu l-monasteru ta' San Ġorġ imsejjaħ Wadi Qelt, għoxrin kilometru 'l bogħod minn Ġerusalemm, li jinsab proprju f'wied u mibni fil-ħajt u huwa tal-ħames seklu. Huwa msejjaħ ukoll San Ġorġ





ta' Koziba. Fix-Xatt tal-Punent għandna l-monasteru ta' San Ġorġ *al-Khader* u l-knisja Burqin, li hija knisja antika ħafna. Insibu l-monasteru ta' San Ġorġ fil-Kajr u l-knisja ta' San Ġorġ f'Kostantinopli. F'Zorava, fit-Trakonitide, insibu skrizzjoni tas-sena 515 li tirrakkonta d-dehra ta' San Ġorġ lil Ġwanni bin Djomede. Fl-Etjopja Kristjana nsibu żewġ knejjes antiki ħafna ddedikati lil San Ġorġ: f'Lalibela, fejn hemm knisja mħaffra fil-blat fl-art b'forma ta' salib, u f'Bulga. F'Sofija, fil-Bulgarija, għandna l-knisja ta' San Ġorġ tar-raba' seklu. Fil-Georgia għandna l-monasteru *Kintsvisi*. Fil-Ġordan, f'Madaba, għandna knisja oħra ddedikata lil San Ġorġ. Insibu l-Bażilika djakonali ta' San Giorgio al Velabro f'Ruma, tas-seklu erbgħa. Insibu wkoll l-Oratorju u l-knisja ta' San Ġorġ f'Rihab qrib Amman.

Il-qabar tiegħu f'Lod kien importanti biex ixerred il-kult tiegħu, kif jikteb Teodosju Perigeta mill-Afrika ta' Fuq madwar is-sena 530 dwar l-Art Imqaddsa, fil-kitba bl-isem *De situ Terrœ Sanctœ* dwar knisja ta' San Ġorġ f'Lidda, fejn ħa l-martirju u ndifen: *"In Diospolim, ubi sanctus Georgius martyrizatus est, ibi et corpus eius est et multa mirabilia fiunt"*. Il-Musulmani kienu jżuru l-qabar tiegħu għall-fejqan, u huwa mħares minnhom bħala "l-profeta l-aħdar" u mxebbah ma' Elija. Ma' dan il-kult antik insemmu l-kitba ta' Ewsebju ta' Ċesarija fis-sena 322 dwar suldat nobbli li ħa l-martirju fin-Nikomedja fit-23 ta' April 303. Insemmu l-iskrizzjoni tas-sena 515 f'Zorava jew Ezra fl-Għarabja; il-verżjoni Latina *Acta Sancti Georgii* tal-ħames seklu, il-manuskritt Sirjak *Mor Gewargis Sahdo*, u l-famuża mappa ta' Madaba tas-sena 570. Insibu wkoll l-iskrizzjoni f'Sakkaia jew Maximianopolis, li titkellem dwar il-bini tal-knisja ddedikata lil San Ġorġ mill-Isqof Tibernus fis-sena 549, u skrizzjoni oħra tas-sena 535 li nstabet f'tempju żgħir f'Ċesarija Eitha fl-Għarabja. Fonti oħra dwar il-ħajja tiegħu huma l-*Passio Georgii*, l-omeliji ta' San Ambroġ, San Andrija ta' Kreta, San Beda, u l-*Legenda Sanctorum* (*Legenda Aurea*, jiġifieri l-Leġġenda tad-Deheb) tad-Dumnikan Jacopo da Varazze, Arċisqof ta' Genova, fis-seklu tlettax.



Mela proprju diġà mill-kult bikri lejn San Ġorġ narawh bħala "Megalomartri Trijonfanti". Huwa għalhekk l-*Aniketos*, "dak li ma setax jintrebaħ"; fil-Malti għandna l-isem *Anici*. Huwa fuq kollox l-*El-Khder*, b'rabta mal-kulur tal-immortalità, "l-Aħdar", għaliex San Ġorġ dejjem iħaddar bħal żagħżugħ u dejjem jibqa' għalina "ħaddiem żagħżugħ tal-art" li jwassalna fis-Sema pajjiżna.

**Bibljografija**


Brooks E.W., *Acts of Saint George*, Series Analecta Gorgiana 8, Piscataway (NJ) 1925.

Christo G.G., *"Martyrdom according to John Chrysostom: 'To live is Christ, to die is gain'"*, in *Journal of Early Christian Studies* 7 (1999), 173-174.

Delehaye H., *Les legends grecques des saints militaries*, Paris 1909.

Fang Ng S.–Hodges K., *"Saint George, Islam and regional audiences in Sir Gawain and the Green Knight"*, in *Studies in the Age of Chaucer*, 32 (2010), 257-294.

Gordon Whatley E.–Thompson A.E.–Upchurch R.K., *The Martyrdom of St George in the South English Legendary (1270-80): Introduction*, Kalamazoo (MI) 2004.

Hill Elder I., *George of Lydda*, London 1949.

Kefetzopoulou A., *The Purple mantle*, California 2001.

Kiraz G., *The Acts of Saint George and the Story of his Father, from the Syriac and Garshuni versions*, Losser (NL) 1991.

Migne J.P., *Patrologia Latina*, Paris 59 (1844-1855), 157-164.

Wallis Budge E.A, *George of Lydda: A study of the cultus of St George in Ethiopia*, London 1930.

## L-Isqof Mario Grech jagħmel il-Viżta Pastorali



Bejn Novembru 2015 u Jannar 2016, inżammet fil-Parroċċi tal-Belt Victoria – il-Katidral u San Ġorġ – l-ewwel Viżta Pastorali tal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

Għal dan il-għan ġie mxandar programm ta' attivitajiet u laqgħat, li fetħu l-Ħadd 15 ta' Novembru 2015 filgħodu b'Pontifikal fil-Bażilika Ġorġjana.

Il-Viżta, bit-tema "Niltaqgħu mal-imħabba ta' Alla", kellha l-għan li tqarreb iżjed lir-Ragħaj tad-Djoċesi lejn il-komunitajiet Insara fil-Knisja lokali biex jifhem aħjar il-qagħda pastorali ta' kull waħda.

Fil-fatt, fil-ġimgħat li segwew inżammu għadd ta' laqgħat mad-diversi kategoriji, miż-żgħar għall-kbar, u żjajjar fil-familji u anki fil-bosta knejjes u entitajiet anki mhux strettament reliġjużi fir-Rabat.

Hu mistenni li l-għeluq djoċesan tal-Viżta Pastorali jinżamm ukoll fil-Belt Victoria matul is-sena 2017.

## Il-ħruġ tal-Purċissjoni ta' San Ġorġ fuq bolla tal-*Maltapost*




Ir-Regatta Nazzjonali tal-Vitorja, il-Festa Titulari ta' San Ġorġ f'Għawdex, u l-Purċissjoni tal-Irxoxt ta' Ħaż-Żebbuġ kienu s-suġġetti ta' sett filateliku ta' bolli li l-*MaltaPost* ħarġet nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2015. It-tliet bolli esponew varjetà ta' elementi mill-kultura Maltija bl-għan li tidher l-influwenza reliġjuża fuq il-kultura Maltija kif ukoll fil-festi nazzjonali ċċelebrati matul is-sena.

Il-bolli, b'disinn ta' *Maltapost* fuq ritratti tal-fotografu professjonali Għawdxi Daniel Cilia, inħarġu f'folji ta' għaxra.

Ta' interess partikulari għalina hi l-bolla tas-26ċ, li turi l-ħruġ tal-Purċissjoni titulari ta' San Ġorġ mill-Bażilika tiegħu fil-Belt Victoria, nhar it-tielet Ħadd ta' Lulju filgħaxija. Dan il-ħruġ huwa meqjus minn ħafna bħala wieħed spettakolari u singulari fil-gżejjer tagħna. Fl-aħħar parti tal-Innu l-Kbir li jindaqq meta l-istatwa titulari ta' San Ġorġ tixref fil-bieb, li hi magħrufa bħala l-Gloria, sa mill-1976 tinżamm it-tradizzjoni tat-tixjir tal-palm hekk kif l-istatwa titgħolla fuq l-idejn fost il-kant u l-entużjażmu tan-nies miġbura fil-pjazza, xena unika li tiġbed lejn din il-Purċissjoni tal-Patrun ta' Għawdex eluf ta' Maltin, Għawdxin u barranin.

Għall-okkażjoni, il-Bażilika ta' San Ġorġ ħarġet kartolina kommemorattiva bil-bolla u t-timbru tal-ġurnata mill-Uffiċċju tal-Posta fil-Belt Victoria.

## Koppja Ġorġjana f'udjenza mal-Papa Franġisku



Il-koppja George Grech u Josienne Scicluna mill-parroċċa tagħna kellhom l-opportunità jiltaqgħu personalment mal-Papa Franġisku. Taħt sema jiżreġ, lebsin il-ħwejjeġ tat-tieġ, huma attendew għall-Udjenza Ġenerali fi Pjazza San Pietru, il-Vatikan, nhar it-30 ta' Marzu 2016, tlett ijiem fuq l-Għid il-Kbir.

## Għaxar snin tal-Parroċċa Anglikana f'Għawdex



Il-Parroċċa Anglikana f'Għawdex, li kienet ġiet iddedikata lil Sidtna Marija u San Ġorġ nhar it-23 ta' April 2005 proprju fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fakkret l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tagħha. Dan sar nhar l-Erbgħa 22 ta' April 2015, f'Ċelebrazzjoni Anglikana fil-Bażilika tagħna, immexxija mill-Kanċillier il-Kan. Simon Godfrey, bl-omelija tal-okkażjoni mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Ħa sehem ukoll l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Fil-parroċċa tagħna, għall-grazzja ta' Alla, dejjem kellna din is-sensibbiltà sabiħa għall-komunjoni tant mixtieqa ma' ħutna l-Anglikani, li kull sena jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-Velja Liturġika ta' San Ġorġ fit-22 ta' April.

## Esperjenza li se nibqa' ngħożż tul ħajti kollha

It-tfajjel Karl Curmi hu wieħed mill-aktar abbatin assidwi fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Jixraq li f'din ir-rivista parrokkjali nfakkru l-ġest sabiħ ta' ġenerożità u eroiżmu li għamel fl-età ta' għaxar snin, meta f'Lulju 2015, waqt li kien għadu kemm tela' mill-għawma f'Marsalforn flimkien ma' oħtu t-tewmija Krista u man-nanna tagħhom, salva mill-għarqa liċ-ċkejken ta' għoxrin xahar Eman Theuma.

Meta staqsewh dwar dan il-ġest kuraġġjuż tiegħu, Karl qal li ħassha ħaġa naturali li jgħin lil xi ħadd fil-bżonn, u dan kien sempliċi att ta' karità Nisranija. Żgur li wieħed jammira t-trobbija Nisranija li rċieva dan it-tfajjel mill-ġenituri tiegħu, u li wasslitu għal din ir-reazzjoni spontanja ta' ġenerożità. Dan ġie apprezzat mill-komunità kollha; l-Isqof Mario Grech faħħru u ppreżentalu rigal ta' apprezzament waqt il-Pontifikal tas-Salvatur fit-8 ta' Awwissu, waqt li iktar tard Karl iltaqa' wkoll mal-Kummissarju tat-Tfal, u fit-13 ta' Diċembru ngħata l-Midalja għall-Qlubija mill-President ta' Malta.

Inħallu lil Karl stess jirrakkuntalna x'ġara...

***

"Kien l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2015 meta jien, flimkien ma' oħti t-tewmija Krista u n-nanniet tagħna, morna ngħumu fil-bajja ta' Marsalforn. Il-baħar kien ċar daqs il-kristall u x-xemx kienet tiżreġ ġmielha. Għall-ħabta tal-10.30am bdejna naħsbu biex nitilgħu lura lejn id-dar. Jien malajr ilbist u bdejt niekol ftit gallett fuq il-blat tal-bajja u ngawdi l-ġmiel tal-baħar.

"Help! Help!", nisma' mara tgħajjat għall-għajnuna. F'kemm trodd salib, qomt biex nara x'ġara. Nara mara b'sieqha mwaħħla ma' waħda mill-iskaluni tas-sellum li jagħti għall-bajja tgħajjat għall-għajnuna. It-tarbija li kellha f'idha kienet waqgħet fil-baħar.



"Nanna, it-tarbija se tegħreq!". Dan kien il-kliem li lissint jien lil nannti, u pront qbiżt bil-ħwejjeġ b'kollox għat-tarbija. Bl-għajnuna ta' Alla rnexxieli nsalva l-ħajja ta' dik it-tarbija li kellha biss għoxrin xahar.

Jien mill-ewwel tajt it-tarbija f'idejn nannti, li malajr taptpitilha ftit fuq daharha biex tkun tista' ttella' l-ilma li kienet laħqet belgħet. B'rogħda kbira fuqha, in-nanna Vicky tat lit-tarbija lil xi nisa li kienu fil-qrib. Oħti Krista għenitni nitla' s-sellum tal-bajja u bdiet tipprova tagħsar u tixxotta ħwejġi.

Sadanittant bdew ġejjin tal-ERRC fuq ix-xtajta. Waslu wkoll il-pulizija u l-ambulanza ħadet lin-nanna tat-tarbija, Pawla, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Ta' tifel li jien, bdejt nibki għax bżajt li x-xufier tal-karozza tal-linja ma kienx se jtellagħni peress li ħwejġi kienu mxarrba għasra bis-sandli b'kollox. Jien malajr ċempilt lill-mamà li kienet għadha x-xogħol biex nirrakkontalha l-ġrajja kollha u biex iġġibli shorts u flokk għax kont għadni bi ħwejġi mxarrba fuqi.

Kemm inħossni ferħan li għamilt ġest nobbli bħal dan! Kuntent li salvajt lil dik it-tarbija, għax quddiemha baqgħalha ħajja sabiħa x'tgħix! Nixtieq li jkun hawn ħafna iktar nies jgħinu lill-proxxmu tagħhom, saħansitra anki bi tbissima. Qatt ma jien ser ninsa din il-ġrajja meraviljuża li salvajt mill-għarqa lit-tarbija Eman, li issa sirna ħbieb tal-qalb!"

# Monaku Kaldew mill-Iraq fostna għall-Festa ta' San Ġorġ

Matul il-Ġimgħa tal-Festa ta' San Ġorġ 2015, il-Parroċċa tagħna stiednet fostna lil Patri Rebwar Basa, Monaku Kaldew mill-Iraq, biex jaqsam magħna l-esperjenza tal-komunità Nisranija f'Mosul imġarrba mill-persekuzzjonijiet vjolenti tal-Istat Islamiku. Iktar kmieni fl-2015, il-monasteru u l-knisja ta' San Ġorġ f'Nineveh, Mosul ġiet meqruda mit-terroristi, u Patri Rebwar kien tkellem dwar dan f'filmat li bagħtilna u ntwera waqt il-Velja tal-Martirju fi Pjazza San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2015, Patri Rebwar ta konferenza fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* fejn spjega s-sitwazzjoni tal-Knisja fl-Iraq, li hu sejħilha "Knisja tal-martri". Hu rrakkonta kif ħafna minn sħabu, is-saċerdot li għammdu u l-Isqof li għallmu l-katekiżmu, inqatlu kważi taħt għajnejh, u kif f'ħajtu sa issa lil pajjiżu jafu biss fi stat ta' gwerra.

Patri Rebwar qasam ukoll riflessjoni sabiħa mal-miġemgħa li attendiet għall-Pontifikal tal-Festa fil-Bażilika, fost l-oħrajn il-Ministru għal Għawdex Dr Anton Refalo u membri oħra parlamentari. Fl-aħħar tal-Quddiesa hu ġie mistieden mill-Isqof Mario Grech jagħti x-xhieda tiegħu tal-Knisja ppersegwitata fl-"art ta' Abraham u l-profeti".

F'sejħa mqanqla lill-Knisja lokali biex titlob għall-Insara tal-Iraq "ħalli jagħtu xhieda ta' Ġesù bil-kliem, bl-għemil u bid-demm tagħhom stess", Patri Rebwar qal li l-festa ta' San Ġorġ, qaddis tant għażiż għalihom, mhix biss xi tradizzjoni antika, imma hi wkoll "il-festa tal-martri kollha ta' żmienna".

## "Saint George unites the persecuted Church in Iraq with the Diocese of Gozo"

**Message by Fr Rebwar Basa OAOC, a Chaldean Monk from Iraq, at the Pontifical High Mass on St George's Titular Feast**
St George's Basilica, Victoria, Gozo
Sunday 19 July 2015

*Your Lordship Bishop Mario, Monsignors, Canons, priests, deacons, religious; dear brothers and sisters in Christ.*

First of all, I express my gratitude to God for giving me the grace of being here with you. It is really a grace to be with you here in Gozo, which is a piece of paradise on earth. I also thank you for your hospitality, solidarity and prayers. Thank you for the solidarity with the persecuted Christians around the world and especially with those of the Middle East.

In the magnificent liturgical celebrations of the Feast of St George, we prayed several times the Psalm 118 in which the Psalmist describes how his enemies attack him, saying: "They surrounded me, surrounded me on every side... They surrounded me like bees..." (Ps 118:11-12). This is exactly how the enemies in Iraq, Syria and many other countries around the world are attacking Christians, thinking that in this way they can separate us from the love of Christ. But St Paul says in a passage from the Letter to the Romans, which we also read several times in Vespers of these days: "Who will separate us from the love of Christ? Will hardship or distress, or persecution, or famine, or nakedness, or peril, or sword?..."; and his answer is that nothing "...will be able to separate us from



the love of God in Christ Jesus our Lord" (Rm 8:35-39). Actually, Love is the strongest power, because God himself is love. Therefore, the effect of persecution is the opposite; I mean, it increases our faith in Jesus and our love for him.

The Book of Ecclesiastes says: there is "a time to love, and a time to hate; a time for war, and a time for peace" (Eccl 3:8). But as an Iraqi priest, I always ask myself: when will the time of hate and war finish and a time of love and peace begin in my country? In my whole, I have seen Iraq in a state of war. Actually, I was born in 1978 and in that period there was conflict between the regime of Saddam Hussein and the Kurds; then from 1980 till 1988 there was war between Iraq and Iran; then the Gulf War in 1990-1991; and the embargo. After that, we had the invasion and the occupation of Iraq by the USA and the coalition forces in 2003. Then, the war of Al-Qaida and ISIS has begun, and it is still going on very furiously and with a very big amount of victims every single day.

Talking about myself, the consequences of these wars have been dreadful for me. I lost many relatives, friends and people whom I know and love. Many monuments and archaeological sites which I love in my country, were destroyed. As Iraqi Christians many of our churches and monasteries were attacked, destroyed, profaned or transformed into mosques. Among these is also our great and ancient monastery of St George in the city of Mosul, where I lived for nine years and where I was ordained priest. Some people were even buried alive and more that 5,000 women and girls were captured as slaves and are being abused and sold in markets.

The priest who baptized me – Fr Yohanna Sher – was killed on Good Friday. The Bishop of Mosul, Mgr Paulos Faraj Rahho, who taught me catechism when he was priest, was kidnapped and killed. Fr Rageed Ganni, who taught me at the Faulty of Philosophy and Theology in Baghdad, was killed with three young sub-deacons after having celebrated the Sunday Holy Mass. Fr Thair and Fr Wasim, who were my colleagues at the Faculty of Philosophy and Theology in Baghdad, were killed during the celebration of the Sunday Holy Mass with more than fifty other Christians who were attending. Many priests and Christians were kidnapped, tortured and in some cases killed, although their families paid a big amount of money as ransom. Last year, more than 120,000 Iraqi Christians were obliged to convert to Islam or to leave the city of Mosul and the plain of Nineveh within forty eight hours, otherwise they would be killed. Therefore all of them preferred to leave everything behind and keep only their love for Jesus and their faith in him.

My dear brothers and sisters, my beloved country, the ancient Mesopotamia, where the first writing was invented and the first law was written, is bleeding. The earth of Abraham and the prophets, the land where St Thomas the Apostle preached, is devastated. Let the modern history of Iraq be a lesson for the entire world that hate and war are not the solution. The salvation of the world is in love. Please, pray for justice and peace in Iraq. Please, pray for the Iraqi Christians to be witness for the love of Jesus by words, deeds and blood.

The Feast of St George is not just an ancient tradition. It is also the feast of all modern martyrs. St George is Prince of Martyrs, and in celebrating his feast, we celebrate the victory of all martyrs, who, imitating Our Lord Jesus Christ, sacrificed their life for the Church. Let us follow their examples by overcoming war by peace, evil by good and hate by love. Amen.

## Is-seminarista Joseph Hili b'esperjenza pastoral fil-parroċċa tagħna



Fl-4 ta' Ottubru 2015 is-seminarista Joseph Hili, mill-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija, ix-Xagħra, ġie assenjat mis-superjuri tas-Seminarju biex jagħmel esperjenza pastorali fil-Parroċċa tagħna għal matul is-Sena Pastorali 2015-2016. Joseph kien għadu kemm temm l-esperjenza tas-sena intermedjarja f'Avila, fi Spajna, u fil-21 ta' Frar 2016, fil-knisja arċipretali tal-Qala, irċieva wkoll il-Ministeru tal-Lettorat.

Joseph mill-bidu involva ruħu fil-gruppi tal-parroċċa, b'mod speċjali f'dawk tat-tfal u l-adolexxenti, kif ukoll mal-gruppi tal-abbatini u l-vokazzjonijiet. Minbarra l-laqgħat regolari ma' dawn il-gruppi, hu ta kontribut siewi f'diversi oqsma oħra tal-parroċċa, fejn fost l-oħrajn anima n-Novena bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ. Għen ukoll fil-ħidma missunarja tal-parroċċa, f'diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi u anki l-istivar ta' kontejner li ntbagħat fil-Gwatemala qabel iż-żjara ta' grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa tagħna lill-missjunarju Dun Anton Grech f'Izabal.

F'Lulju, Joseph flimkien ma' animaturi oħra akkumpanjaw grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa tagħna li ngħaqdu mal-kontinġent Għawdxi ta' pellegrini żgħażagħ immexxi mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ għall-31 Jum Dinji taż-Żgħażagħ fi Krakow, il-Polonja.

Wara din l-esperjenza fil-parroċċa tagħna, Joseph intalab li jmur ikompli jagħti servizz fil-Parroċċa ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija. Hawn hu rċieva minn idejn l-Isqof il-Ministeru tal-Akkolitat fis-26 ta' Novembru 2016.

Nirringrazzjawh tal-għajnuna u l-preżenza enerġika tiegħu, filwaqt li nwegħduh it-talb tagħna.

# PREĊETT U GRIŻMA TAL-ISQOF 2015-2016





**IL-KONFIRMAZZJONI | Il-Ħadd 26 ta' April 2015**
Martina Axiaq, Rebekah Azzopardi, Monique Camilleri, Robyn Cassar, Andrè Cini, Anton Cremona, Joanna Debrincat, Nina Dimech, Duncan Farrugia, Giada Farrugia, Averyl Formosa Sagona, Ġorġ Galea, Luc Galea, Sarah Galea, Jasmine Grech, Maria Josefa Haber, Yussri Hadhri, Marie Georgette Mizzi, Nicole Muscat, Victoria Marie Sacco, Kristina Marie Scerri, Tiffany Schembri, Jasmine Spiteri, Rose Marie Tabone, Nicolai Vella, Christine Zammit, Elena Zammit.

**L-EWWEL TQARBINA | Il-Ħadd 3 ta' Mejju 2015**
Anaya Attard, Christine Attard, Francesca Attard, Carlos Axiaq, Anthony Bajada, Hayden Bonnici, Lukas Cini, Wayne Debono, Geordie Ellis, Karolynn Ellis, Julian Farrugia, Kristen Farrugia, Mariah Galea, Shannah Galea, Timothy George Grech, Sakana Griffiths, Laura Kazala, Jake Magro, George Andrei Mercieca, Mathias-Ġorġ Muscat, Jerome Portelli, Yanica Sultana, Anthony Vassallo, Carina Vassallo, James Vassallo.





**IL-KONFIRMAZZJONI | Il-Ħadd 17 ta' April 2016**
Kyle Amato, Claire Attard, Gabriel Attard, Glenn Paul Attard, Joseph Attard u Julia Attard, Christiana Axiaq, Naomi Bajada, Angelique-Nadal Bezzina, Lenny Borg, Sofia Ann Borg, Jonathan Camilleri, Luana Camilleri, Matthew Cini, David u Diana Farrugia, Sasha Farrugia, Martina Haber, Matthias Paul Mercieca, Luca Micallef, Alessandro Mizzi, Andrew Portelli, Simona Refalo, Marija Vella, Sherona Vella, Julia Xiberras, Clarice Zammit.

**L-EWWEL TQARBINA | Il-Ħadd 24 ta' April 2016**
Gianluca Abela, Anouk Attard, Benjamin Attard, Michael Attard, Miguela Axiak, Dilyn Ballucci, Brendan Borg Attard, Geordie Borg, Anna Maria u Joseph Cauchi, Sienna Cremona, Kurt Cutajar, Cady Griffiths, Andrew Grima, Grace Makoschey, Brooke Mifsud, Coel Muscat, Hannah Portelli, Alice Ragusa, Thiago Jo Said, Dorothy Spiteri, Fulvio Maria Valenti, Josephine Valletta Caruana, Francesca Vella, Kurt Vella, Mia Joy Vella, Ian Zarb.

ritratti: Mario Saliba, Toni Farrugia

# Mija u ħamsin sena ilu (1865-2015): Il-Kolera f'Għawdex u l-Viċi-Parroċi ta' San Ġorġ

Winston L. Zammit

Mija u ħamsin sena ilu (1865), bejn Ġunju u Ottubru, il-gżejjer Maltin inħakmu minn imxija tal-kolera. L-ewwel każ f'Malta feġġ f'Manoel Island fl-20 ta' Ġunju 1865. Xahar wara, fil-21 ta Lulju, feġġ l-ewwel każ f'Għawdex, fir-raħal tax-Xewkija, fejn intlaqat minn din l-epidemija baħri ta' għoxrin sena.[1]

Il-kolera xterdet ma' Għawdex. Bejn is-6 ta' Lulju u s-17 ta' Ottubru 1865, kien hemm 534 każ ta' kolera f'Għawdex, li minnhom mietu tliet mija.[2]

F'dak iż-żmien, iż-żewġ parroċċi tar-Rabat kienu qegħdin jitmexxew mill-Vigarju-Kurat il-Kan. Mikiel Zammit, u ż-żewġ Viċi-Parroċi fil-knisja ta' San Ġorġ kienu Dun Anton Pace u Dun Ġużepp Pace.[3]

Minn dokument fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta tas-sena 1866, nafu li ż-żewġ Viċi-Parroċi ta' San Ġorġ kienu fost dawk is-saċerdoti li matul l-imxija tal-kolera għal erba' xhur sħaħ taw assistenza lil dawk li ntlaqtu mill-imxija, fosthom il-moribondi, u kienu jittrasportaw il-katavri ta' dawk li mietu b'din l-imxija lejn iċ-Ċimiterju ddestinat mill-Gvern.[4]

B'sens ta' rikonoxxenza lejn dawn iż-żewġ saċerdoti għall-ħeġġa pastorali li wrew matul din l-imxija, sejjer nagħti tagħrif bijografiku dwarhom.

**Dun Anton Pace** kien iben Francesco u Margerita mwielda Stellini. Kien jiġi ħu Mons. Pietru Pace, f'dak iż-żmien il-Vigarju Generali ta' Għawdex (1865-1869). Dun Anton twieled fl-1815 u ġie mgħammed fl-10 ta' Frar 1815.[5] Wara li serva bħala Viċi-Parroku f'San Ġorġ, fl-1867 ġie maħtur Kanonku tal-Katidral. Huwa miet fid-9 ta' Awwissu 1879, fl-għomor ta' erbgħa u sittin sena.[6]

Il-Viċi-Parroku l-ieħor, **Dun Ġużepp Pace**, kien iben Giovanni Battista u Tereża mwielda Attard. Twieled f'Marzu 1822, u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fid-29 ta' Marzu 1822.[7] Wara li serva bħala Viċi-Parroku fil-knisja ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp ġie wkoll maħtur Kanonku tal-Katidral. Miet fis-16 ta' Ottubru 1898, fl-għomor ta' sitta u sebgħin sena.[8]





It-Tabernaklu tal-fidda għall-Ewkaristija Mqaddsa u par 'ilsna' tal-fidda li kienu jintużaw biex jiġi amministrat t-Tqarbin lill-persuni morda. Dawn l-oġġetti huma kkonservati fil-Mużew tal-Parroċċa 'Il-Ħaġar'

**Riferenzi**


[1] A(rkivju) N(azzjonali) M(alta), CSG/01/Storks, Vol. 26 (1866), No. 3873.

[2] *Corriere Mercantile Maltese*, 21/X/1865.

[3] A(rkivju) P(arrokkjali) Bażilika San Ġorġ, Għawdex, *Liber Baptizatorum* II (1858-1879).

[4] ANM, CSG/02/Petitions 1866, No. 2388.

[5] Tagħrif mill-*Giuliana Masini* fl-Arkivju Nazzjonali Għawdex, ġentilment mogħti lili minn Francesco Pio Attard, 20/VIII/2015.

[6] *Devot ta' Marija*, 1894, p. 122; *L'Ordine*, 20/VIII/1879.

[7] Tagħrif mill-*Giuliana Masini* fl-Arkivju Nazzjonali Għawdex, ġentilment mogħti lili minn Francesco Pio Attard, 26/VIII/2015.

[8] *Il-Ħabbâr Għawdxi*, 21/X/1898, p. 3.


## Nifirħu lil...

• **Dr Paul George Pisani** KM, li fi Frar 2015 ġie elett President ta' *Wirt Għawdex*.

• **Fra Ġorġ Grech** OCSO, devot kbir ta' San Ġorġ, li fil-25 ta' Marzu 2015 fakkar il-ħamsa u għoxrin anniversarju mill-Professjoni fil-ħajja monastika Trappista.

• Il-**Kan. Franġisk M. Vella**, li fid-9 ta' Mejju 2015 għalaq sittin sena saċerdot; **Mons. Ġużeppi Gauci**, li fil-25 ta' April 2015 għalaq ħamsin sena saċerdot; **Mons. Coronato Grima** u **Dun Karm Sacco** SDB, li fid-29 ta' Ġunju 2015 għalqu erbgħin sena saċerdoti.

• **Dun Simon Mario Cachia**, li b'effett mis-7 ta' Settembru 2015, ġie mitlub minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, biex ikun id-Delegat tiegħu għall-Katekeżi kif ukoll Kollaboratur Parrokkjali fil-Parroċċa tal-Verġni Mqaddsa ta' Loreto, Għajnsielem.

• **Robert Gatt**, li fit-22 ta' Settembru 2015 beda l-ewwel sena ta' formazzjoni tiegħu fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat, Malta.

• **Nicholas Vella**, abbati tal-Bażilika, li f'konkors li



nżamm fil-31 ta' Ottubru 2015 għall-abbatini Għawdxin interessati li jitilgħu jagħtu servizz fil-Vatikan, ġie fil-ħames post. Hu kien parti mill-grupp ta' abbatini Maltin li taw servizz fil-Bażilika ta' San Pietru mill-5 sat-23 ta' Awwissu 2016, u li fih kien hemm ukoll Jurgen Mario Portelli, abbati fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali. Flimkien mal-grupp intgħażlu biex jitilgħu bħala "abbatini maturi" Anthony Attard u Samuel Aquilina, li diġà kien mar fl-2012, it-tnejn membri tal-*Piccolo Clero* tal-Bażilika, waqt li l-grupp kien akkumpanjat ukoll mis-seminarista Joseph Hili.

• L-abbati **Karl Curmi**, li fit-13 ta' Diċembru 2015 ingħata l-Medalja għall-Qlubija mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta.

• Il-***Chorus Urbanus***, li f'Diċembru 2015 fakkar l-erbgħin anniversarju mit-twaqqif tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, bit-tħabrik ta' Dun Ġużepp Gauci u l-mibki Joseph Bezzina.

• Is-seminarista **Joseph Hili**, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, ix-Xagħra, li fil-21 ta' Frar 2016 irċieva l-Ministeru tal-Lettorat fil-knisja arċipretali tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp fil-Qala, waqt li fis-26 ta' Novembru 2016 irċieva l-Ministeru tal-Akkolitat fir-Rotunda parrokkjali ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija. Matul is-sena pastorali 2015-2016 Joseph wettaq ħidma pastorali fil-Parroċċa tagħna.



• **Mons. Karm Grech**, Kantur tal-Kapitlu Ġorġjan, li fil-15 ta' April 2016 għalaq sittin sena saċerdot.

• **Dun Mario Curmi**, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, ix-Xagħra, li nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2016 ġie ordnat saċerdot fil-Katidral ta' Għawdex mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Bejn l-2013 u l-2015, Dun Mario wettaq ħidma pastorali fil-Parroċċa tagħna.

• **Dun John Vella**, li f'Mejju 2016 kiseb id-Dottorat fil-Psikoloġija mill-Università ta' Wales.

• **Dun Richard Nazzareno Farrugia**, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, li fit-30 ta' Ġunju 2016 l-Isqof ħatru Rettur tas-Seminarju Djoċesan tal-Qalb ta' Ġesù; u li minn nofs Novembru 2016 ġie mibgħut biex jgħin fil-Parroċċa tagħna fi tmiem il-gimgħa. F'dawn l-aħħar sentejn Dun Richard ġa kien imexxi l-Grupp tal-Miżżewġin tal-Parroċċa.



• Il-**Kan. Dr Joseph Zammit**, li fis-16 ta' Lulju 2016 ħa l-pussess bħala membru effettiv tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

• **Mons. Pawlu Cardona**, eks-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna, li fl-4 ta' Novembru 2016 l-Isqof ħatru Vigarju Episkopali għall-Kleru, u b'effett mill-15 ta' Jannar 2017, Rettur tal-knisja ta' Santa Luċija, f'Santa Luċija, Għawdex. Lil Dun Pawl, kif issa jixtieqna nsejħulu, nifirħulu wkoll għall-ħatra riċenti ta' Kappillan tal-Korp tal-Pulizija f'Għawdex, flok Mons. Emanuel Curmi, saċerdot ieħor tal-Parroċċa tagħna.

• Il-**Kan. Ġwann Mercieca**, Penitenzier tal-Kapitlu Ġorġjan, li fl-24 ta' Diċembru 2016 l-Isqof ħatru Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Għawdex.

# *Insellmu lil...*

• Il-**Kan. Ġużeppi Sacco**, Teologu tal-Kapitlu Ġorġjan, li miet nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar 2015, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-età ta' 79 sena. Il-Funeral tiegħu nżamm fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar is-Sibt 24 ta' Jannar.



• **Dun George Mercieca**, mill-Parroċċa tal-Katidral tal-Assunta, li miet il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015, fl-età ta' 70 sena. Bħala saċerdot, hu kien disponibbli fis-servizz lill-Parroċċa tagħna kull meta mitlub; bħala kittieb, fl-1971, fl-eqqel tal-kwistjoni dwar il-veriċità storika tal-qaddis, ħareġ ktieb biex jiddefendih; u bħala poeta, iddedikalu bosta versi sbieħ, biċċa mxandra wkoll fuq din ir-rivista.

• Is-Sur **Victor Galea Pace**, li miet fis-6 ta' Marzu 2015, fl-età ta' 72 sena. Victor serva bħala l-ewwel Sindku tal-Belt Victoria bejn l-1994 u l-1996.

• Il-**Kan. Franġisk M. Vella**, membru tal-Kapitlu Ġorġjan, li miet nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2015, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-età ta' 85 sena. Il-Funeral tiegħu nżamm fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru.

• L-**E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca**, Arċisqof ta' Malta bejn l-1976 u l-2006, li miet fil-21 ta' Marzu 2016, fl-età ta' 87 sena. Il-Funeral tiegħu nżamm nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt.

• **Sr Lydia Formosa** SDC, tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida Thouret, li mietet nhar l-Erbgħa 20 ta' April 2016, fl-età ta' 107 snin.

• **Dun Ġużepp Saliba**, mill-Parroċċa ta' Santa Marija Assunta, iż-Żebbuġ, li miet nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2016, fl-għomor ta' 82 sena. Dun Ġużepp qatta' tmienja u għoxrin sena Sagristan Maġġur tal-Katidral. Hu kien isegwi b'interess il-ħajja pastorali tal-Parroċċa tagħna, fejn għal xi snin kien ikanta bħala tenur mal-Kor Laudate Pueri. Segwa wkoll mill-qrib din ir-rivista u kien wieħed mill-benefatturi tagħha b'donazzjonijiet regolari.

• **Ġorġ Gauci**, l-id il-leminija tal-Prokuratur Mons. Anton Grech Vella fit-twettiq ta' bosta proġetti kbar ta' rinnovazzjoni u tisbiħ fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Tifkira importanti ta' ħidmietu tibqa' l-bradella tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Huwa għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar it-28 ta' Diċembru 2016.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Jannar 2015 - Diċembru 2016



*Andrew Formosa*

andrew.formosa@gmail.com

**» 1 ta' Jannar 2015**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fis-Solennità tal-Verġni Mqaddsa Marija Omm Alla.

**» 4 ta' Jannar**

**11.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej.

**» 17-18 ta' Jannar**

Fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd saret il-ġabra b'risq il-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani Minuri fl-Art Imqaddsa.

**» 21 ta' Jannar**

**Filgħodu:** Tħabbret il-mewt tal-Kan. Teol. Ġużeppi Sacco, fl-età ta' 79 sena, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

**» 24 ta' Jannar**

**02.00pm:** Il-ġisem bla ħajja tal-Kan. Ġużeppi Sacco ġie mqiegħed fil-knisja ta' San Ġakbu.

**03.15pm:** Il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan telaq għall-knisja ta' San Ġakbu fejn sar il-kant solenni tal-Għasar ippresedut mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Wara, telaq korteo funebri lura lejn il-Bażilika.

**04.00pm:** L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni *præsente cadavere* b'suffraġju tal-Kan. Ġuzeppi Sacco, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru u bosta saċerdot oħra, fosthom ħuh, Dun Karm Sacco SDB.

**» 15 ta' Frar**

**12.30pm:** Il-Parroċċa organizzat *Sunday Buffet Lunch* fil-Lukanda *Calypso*, Marsalforn, bħala attività ta' ġbir ta' fondi.

**» 4-6 ta' Frar**

**06.00pm:** Saret Quddiesa Kantata bl-omelija fit-tlett ijiem tat-Tridu tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' Lourdes.

**» 7 ta' Frar**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fil-festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes u, wara, purċissjoni *aux flambeaux* madwar it-toroq tal-Bażilika bl-istatwa tagħha.

**» 18 ta' Frar**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni tal-Erbgħa tar-Rmied, bir-Rit tat-Tqegħid tar-Rmied.

**» 19 ta' Frar**

**05.15pm:** Inżammet l-ewwel minn żewġ Ċelebrazzjonijiet tar-Randan għat-tfal, fis-Sala Parrokkjali.

**» 23-27 ta' Frar**

**07.30pm:** Il-Kan. Edward Vella mexxa l-kors tal-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għall-Miżżewġin, fil-Bażilika.

**» 6-8 ta' Marzu**

Inżammu l-*Live-ins* tar-Randan għall-Gruppi tal-Adolexxenti f'Marsalforn.

**» 13 ta' Marzu**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa parrokkjali tal-Liżar ta' Kristu. Wara, fis-7.00pm, Dun Savio Vella SDB ta taħdita awdjo-viżiva fuq il-Liżar ta' Turin, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 13-14 ta' Marzu**

F'għaqda spiritwali mal-Papa Franġisku fil-Vatikan, inżammet fil-Bażilika l-inizjattiva *24 siegħa għall-Mulej* b'adorazzjoni Ewkaristika u Qrar tul il-ġurnata sa nofsillejl, fejn ingħad l-Uffiċċju tal-Qari.

**» 16-19 ta' Marzu**

**07.00pm:** Dun Joseph N. Curmi mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għall-Adolexxenti, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 18-19 ta' Marzu**

Inżamm *Live-in* tar-Randan għall-Grupp taż-Żgħażagħ f'Marsalforn.

**» 19 ta' Marzu**

**09.00am:** Inżamm seminar għall-kandidati tal-Konfirmazzjoni u l-ġenituri tagħhom f'Dar *Stella Maris*, iż-Żebbuġ.

**» 20 ta' Marzu**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-ewwel jum tas-Settiena tad-Duluri. Wara, sar pellegrinaġġ *aux flambeaux* madwar it-toroq tal-Bażilika, li matulu ntalbet il-*Via Matris*.

**» 23-26 ta' Marzu**

**04.15pm:** Dun Anthony Bajada, Vigarju Parrokkjali ta' San Lawrenz, mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għat-Tfal, fis-Sala Parrokkjali.

**» 28 ta' Marzu**

**08.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* żammet fil-Bażilika l-Kunċert ta' Mużika Sagra tagħha għall-Ġimgħa Mqaddsa, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur il-Prof. Joseph Vella, u bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri*.



**» 29 ta' Marzu**

**10.45am:** Fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza, l-Arċipriet bierek il-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ f'idejn it-tfal, li wara mxew f'purċissjoni lejn il-Bażilika, fejn l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fit-Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej.

**» 30 ta' Marzu**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-knisja konventwali ta' San Franġisk, bis-sehem tal-komunità Franġiskana Konventwali. Wara l-Quddiesa sar pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa tar-Redentur sal-Bażilika, li ntemm bil-Barka Ewkaristika.

**» 31 ta' Marzu**
**06.30pm:** L-Isqof mexxa Ċelebrazzjoni Penitenzjali li fiha ta l-Ewwel Qrara lit-tfal li kienu qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina.
**08.30pm:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* organizza *L-Ikla tal-Mulej*, fid-Dar Parrokkjali.
**» 1 ta' April**
**07.30pm:** L-Isqof mexxa l-*Via Crucis* li, minħabba l-maltemp, inżammet fil-Bażilika. It-testi u l-meditazzjonijiet kienu ta' Dun Mario Pieracci.
**» 2 ta' April**
**05.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fit-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Fi tmiem il-Quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa filgħodu.
**07.00pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Penitenzjali u Devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina *La Stella*, il-Kor *Laudate Pueri*, il-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta, u l-i*Scouts Group* tal-Marsa.
**» 3 ta' April**
**09.00am:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss organizzat iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fir-Rabat.
**10.00am:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* organizza l-*Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar.
**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni tal-Mulej u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.
**» 4 ta' April**
**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Velja Solenni tal-Għid, li bdiet bil-Mixegħla tan-Nar u l-Blandun fi Pjazza San Ġorġ, u kompliet fil-Bażilika.
**» 5 ta' April**
**08.45am:** Inżammet fit-toroq tal-Belt Victoria d-Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella*.
**11.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.
**03.00pm:** L-Arċipriet beda t-Tberik tal-Għid fid-djar tal-familji Ġorġjani.
**» 16 ta' April**
**05.00pm:** Fis-Sala Parrokkjali, l-Isqof iltaqa' mat-tfal tal-Preċett u tal-Griżma u l-familji tagħhom bi preparazzjoni għall-għoti ta' dawn is-sagramenti.
**» 19 ta' April**
**11.00am:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Ġublew Presbiterali tad-Deheb tiegħu, li ġiet animata mill-*Chorus Urbanus*.



**» 19-21 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa t-tlett ijiem tat-Tridu bi prietka fuq San Ġorġ. Wara, innu u Barka Sagramentali.
**» 22 ta' April**
**11.00am:** Inżammet fil-Bażilika Liturġija Anglikana mmexxija mill-Kan. Simon Godfrey, Kanċillier tal-Katidral Anglikan ta' San Pawl, il-Belt Valletta, u minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fl-okkażjon tal-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Komunità Anglikana ta' Sidtna Marija u San Ġorġ ta' Għawdex. Ippritka l-Isqof, waqt li l-Arċipriet Cardona assista.
**06.30pm:** L-Isqof mexxa l-kant solenni tal-Ewwel Għasar tas-Solennità Liturġika ta' San Ġorġ.
**07.30pm:** Fi Pjazza San Ġorġ inżammet Velja Ekumenika Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ, bit-tema *San Ġorġ: Storja ta' Ħajja Kkonsagrata*. Il-velja kienet tikkonsisti fi tliet esperjenzi ta' persuni kkonsagrat mill-Parroċċa, f'-okkażjoni tas-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata ċċelebrata mill-Knisja universali: Fra Ġorġ Grech, Monaku Trappista; Mons. Ġużeppi Gauci, ħamsin sena qassis; u Patri Rebwar Basa, Monaku Kaldew mill-Iraq. Il-velja kienet ippreseduta mill-Isqof Djoċesan, u għaliha nħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ fil-bieb.
**» 23 ta' April**
**08.30am:** Il-Kapitlu Ġorġjan kanta t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.
**07.00pm:** L-Isqof mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum San Ġorġ.
**» 25 ta' April**
**11.00am:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Ġublew Presbiterali tad-Deheb tiegħu, li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali t-tfal u l-adolexxenti li ta' kull nhar ta' Ħadd jiċċelebra magħhom il-Quddiesa tal-10.00am.
**» 26 ta' April**
**11.00am:** Fil-Quddiesa l-Isqof ta s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lil sebgħa u għoxrin student u studenta mill-Parroċċa.
**» 3 ta' Mejju**
**11.00am:** Fil-Quddiesa l-Isqof amministra l-Ewwel Tqarbina lil ħamsa u għoxrin tifel u tifla mill-Parroċċa.
**» 8-9 ta' Mejju**
**6.30pm:** Ingħata bidu għall-festi tal-Kwaranturi Mqaddsa bl-Għasar kantat mill-Kapitlu u l-kleru, u wara, fis-7.00pm, Konċelebrazzjoni Solenni. Saret Espożizzjoni Solenni bejn il-Quddies kollu, waranofsinhar u anki billejl.
**» 10 ta' Mejju**
**05.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni fit-tmiem tal-Kwaranturi Mqaddsa u wara, il-Purċissjoni Ewkaristika, akkumpanjat mill-Kapitlu u l-kleru, u saċerdoti oħra mill-kleru sekulari u reliġjuż, tul it-toroq prinċipali tal-Belt Victoria, b'waqfiet quddiem il-knejjes ta' Savina u San Ġakbu għall-Barka. Ħadu sehem ukoll it-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma.
**» 14 ta' Mejju**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fl-Ewwel Ħamis ta' San Ġorġ. Il-Ħamisijiet ta' wara, fejn kienu mistedin b'mod speċjali l-familji u t-tfal, kellhom it-tema *San Ġorġ: Mudell ta' Ħajja Kkonsagrata*. Matulhom ġew mistiedna patrijiet biex imexxu l-Quddies u jaqsmu mal-ġemgħa l-esperjenza tagħhom tal-ħajja reliġjuża.
**» 7 ta' Ġunju**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddsa tal-Mulej, u wara, purċissjoni madwar it-toroq tal-Bażilika bis-Santissmu Sagrament.
**» 10 ta' Ġunju**
**08.00pm:** Ingħata bidu għat-tmintax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* b'kunċert mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella. Dawn il-kunċerti komplew kuljum fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*,

fil-Bażilika ta' San Ġorġ, jew f'diversi knejjes u postijiet fil-Belt Victoria sat-13 ta' Lulju.

**» 28 ta' Ġunju**

**11.00pm:** Bdiet mixja madwar Għawdex, *Walk for Ethiopia – 21km by night*, bl-għan li jinġabru flus għall-missjoni tal-Parroċċa fl-Etjopja. Il-mixja bdiet minn Pjazza San Ġorġ u ntemmet b'Quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu fil-5.00am minn Dun Geoffrey G. Attard.

**» 4 ta' Lulju**

**07.00pm:** Dun Anthony Bajada mexxa n-Novena ta' San Ġorġ għall-familji u t-tfal bit-tema *"Beatus Georgius": l-Antifona ta' San Ġorġ*. Tul id-disat ijiem tqassmu wkoll *stickers* u ktejjeb ħelu bl-ispjegazzjoni tal-antifona.

**» 9 ta' Lulju**

**10.30am:** Dun Geoffrey G. Attard mexxa Quddiesa għall-anzjani u l-morda bis-sehem tal-voluntiera tal-Ordni ta' San Ġwann. Wara sar *get-together* għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 12 ta' Lulju**

**11.00am:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni ta' diversi anniversarji presbiterali. Barra li fakkar mill-ġdid il-ħamsin anniversarju presbiterali tiegħu, miegħu kkonċelebraw, fost l-oħrajn, il-Kan. Francis M. Vella li kien qed jiċċelebra s-sittin anniversarju, u Mons. Coronato Grima li ċċelebra l-erbgħin anniversarju. Anima l-*Chorus Urbanus*.

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Quddiesa tal-aħħar jum tan-Novena, bil-Vestizzjoni tal-abbati ġdid Jerome Portelli. Wara l-Quddiesa, saret ċelebrazzjoni b'rappreżentazzjoni drammatika dwar San Ġorġ. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ iddaħħlet fil-knisja fost l-entużjażmu ta' dawk preżenti. Wara sar festin kbir fi Pjazza San Ġorġ għal dawk kollha li attendew għall-Ħamisijiet u n-Novena ta' San Ġorġ.

**» 13 ta' Lulju**

**08.00pm:** Inżamm il-Kunċert Grandjuż u Finali tal-*Victoria International Arts Festival* fil-Bażilika, bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta u l-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella.

**» 14 ta' Lulju**

**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.

**08.00pm:** Sar il-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa, li ddawret mal-Bażilika u wara tqiegħdet fin-nava tan-nofs tal-korsija.

**09.00pm:** Id-djaknu Mario Curmi, mill-Parroċċa tax-Xagħra, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana bit-tema *"Sirt skandlu għal-Lhud u bluha għall-pagani" (ara 1 Kor 1:23)*, organizzata għaż-żgħażagħ mill-Grupp *23four>>*.



**» 15 ta' Lulju**

**10.00am:** Fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, Patri Rebwar Basa, il-Monaku Kaldew mill-Iraq mistieden mill-Parroċċa għal dawn il-festi, ta taħdita bit-tema *L-Insara ppersegwitati fl-Iraq*. Patri Basa kien qasam l-esperjenza tal-persekuzzjoni Nisranija f'art twelidu f'filmat li ntwera fi Pjazza San Ġorġ waqt il-Velja Ġorġjana ta' April.

**» 15-18 ta' Lulju**

**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Ġużeppi A. Borg, Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, u Mons. Alfred Xuereb, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Bażilika u Kolleġġjata tal-Viżitazzjoni ta' Sidtna Marija lil Santa Eliżabetta, l-Għarb. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew minn Mons. George Grima, il-Kan. Emanuel Buttigieg u l-Kan. George DeBrincat, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum* tal-Bażilika.

**» 16-17 ta' Lulju**

**09.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni tal-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier, u Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet emeritu, rispettivament.

**» 18 ta' Lulju**

**10.00am:** L-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof emeritu ta' Malta, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant solenni tat-*Te Deum*.

**11.00am:** Fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, ir-riċerkatur Anthony Farrugia ppreżenta l-ktieb tiegħu *Il-Kuntratt tal-Istatwa Titulari ta' San Ġorġ tar-Rabat Għawdex*, bid-dettalji kollha dwar il-kixfa storika li għamel fl-Arkivju Notarili ta' Għawdex tal-kuntratt tal-kummissjoni tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ fit-2 ta' April 1838.

**06.30pm:** Wara li ġie akkumpanjat mill-Kapitlu Ġorġjan u l-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Kurja Veskovili lejn il-Bażilika, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni tal-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ.

**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

**» 19 ta' Lulju**

**08.00am:** Il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan akkumpanjaw lill-Isqof Djoċesan mill-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika sal-Bażilika Ġorġjana, fejn sar il-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.

**08.30am:** L-Isqof, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal tal-Festa. Dun Richard Nazzareno Farrugia niseġ l-omelija li fiha tenna l-importanza li l-komunità, fid-dawl tal-Ġublew tal-Ħniena, tagħmel l-"għażla preferenzjali tal-foqra" li hurra fil-qalba tal-Vanġelu, li San Ġorġ għex u ta xhieda għalih b'demmu. Fl-aħħar tal-Pontifikal ingħata l-Mandat Missjunarju liż-żgħażagħ mill-Parroċċa li f'Settembru kienu se jagħmlu esperjenza missjunarja fl-Etjopja.

**05.00pm:** Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Katidral, mexxa l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**06.00pm:** Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex, mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**07.30pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara bdiet ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella*, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika.
**10.30pm:** L-Arċipriet Cardona mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-għeluq tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant tal-Antifona u l-Barka Ewkaristika.

**» 31 ta' Lulju-6 ta' Awwissu**
L-Arċipriet mexxa Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes.

**» 5 ta' Awwissu**
**08.30pm:** Sar *BBQ Buffet* b'risq il-missjoni parrokkjali fl-Etjopja f'Ta' Mena Estate, Marsalforn.

**» 6 ta' Awwissu**
**9.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità tas-Santissmu Salvatur. Fi tmiem il-Quddiesa, hu ta rigal u ittra lill-abbati Karl Curmi, li f'Lulju ta' qabel f'att tassew erojku kien salva tarbija mill-għarqa.

**» 22 ta' Awwissu**
**08.30pm:** Sar *Wine & Pizza Night* fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali b'risq il-missjoni parrokkjali fl-Etjopja.

**» 6 ta' Settembru**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-anniversarju tal-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-Parroċċa li ntemmet bil-kant tat-*Te Deum*.

**» 6-20 ta' Settembru**
Grupp ta' sitt żgħażagħ mill-Parroċċa tagħna, flimkien ma' Mons. George Grima, Direttur tal-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu* u saċerdot tal-Parroċċa, għamlu esperjenza missjunarja fl-Etjopja. Fost il-ħidmiet, il-Parroċċa ġabret għall-bini ta' knisja ġdida f'Madiwata ddedikata lil San Ġorġ Martri, bini ta' djar u provista ta' ikel u mediċini.

**» 9-17 ta' Settembru**
L-Arċipriet mexxa Pellegrinaġġ Parrokkjali fl-Art Imqaddsa, flimkien mal-Patrijiet Franġiskani Minuri. Matul il-vjaġġ, saret ukoll żjara lill-Qabar ta' San Ġorġ f'Lidda. F'Ġerusalemm, il-pellegrini Ġorġjani ltaqgħu mal-Isqof Grech, u nxtara wkoll Evanġelarju u tron tiegħu għall-użu liturġiku fil-Bażilika waqt il-funzjonijiet il-kbar tas-sena.

**» 11 ta' Settembru**
Tħabbret il-mewt tal-Kan. Franġisk M. Vella, fl-età ta' 85 sena, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

**» 14 ta' Settembru**
**05.00pm:** Wara mumenti ta' talb mill-Kapitlu u l-poplu fil-knisja ta' San Ġakbu, Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali, mexxa l-Quddiesa *præsente cadavere* tal-Funeral tal-Kan. Franġisk M. Vella.
**07.00pm:** Saret Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

**» 21 ta' Settembru**
**09.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni fil-260 anniversarju mid-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.

**» 26-28 ta' Settembru**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa t-tlett ijiem tat-Tridu bi tħejjija għall-festa ta' San Mikiel Arkanġlu.

**» 27 ta' Settembru**
**09.45am:** Bdew il-laqgħat ta' formazzjoni għall-koppji għarajjes li ser jiżżewġu fis-snin li ġejjin.
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa li fiha ta l-Mandat lill-katakisti u operaturi pastorali fil-bidu tas-Sena Pastorali 2015-2016.

**» 29 ta' Settembru**
**06.00pm:** L-E.T. Mons. George Bugeja, l-Isqof Koadjutur il-ġdid tal-Vigarjat Appostoliku ta' Tripli, fil-Libja, mexxa Pontifikal fil-festa parrokkjali ta' San Mikiel.
**07.30pm:** Wara l-waqfa tas-Sajf, reġa' beda jiltaqa' l-grupp tal-*Lectio Divina*, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 3 ta' Ottubru**
**07.00pm:** Dun Richard N. Farrugia mexxa l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Miżżewġin, fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-grupp kompla jiltaqa' darba fix-xahar.
**08.00pm:** Wara l-waqfa tas-Sajf, bdew jiltaqgħu l-Gruppi tal-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ tal-Parroċċa: dawk tal-Forms 2-3, tal-Forms 4-5, u tas-6th Form.

**» 7-9 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa tlett ijiem ta' Tridu bi tħejjija għall-festa tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima.

**» 8 ta' Ottubru**
**04.30pm u 05.30pm:** Bdew il-laqgħat ta' katekeżi ta' kull nhar ta' Ħamis għat-tfal li kienu ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. Il-laqgħat inżammu fis-Sala Parrokkjali.

**» 10 ta' Ottubru**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa Kantata fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima. Wara, mexxa purċissjoni *aux flambeaux* bl-istatwa tal-Madonna madwar it-toroq tal-Bażilika.

**» 11 ta' Ottubru**
**10.00am:** Reġgħet bdiet il-Quddiesa ta' kull nhar ta' Ħadd għat-tfal u l-familji.

**» 21 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Sar kunċert mill-pjanista Pape Gurioli u s-sopran Federica Balucani, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, organizzat mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta bil-kollaborazzjoni tal-*Istituto Italiano di Cultura*.

**» 27 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Sar kunċert mil-kor minn Wales *Tenby Male Choir*, fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

**» 1 ta' Novembru**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fis-Solennità tal-Qaddisin kollha.

**» 2 ta' Novembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fit-Tifkira Solenni tal-Erwieħ Mejtin kollha.

**» 5 ta' Novembru**
**04.30pm:** Saret laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li ser jirċievu s-sagrament tal-Ewwel Tqarbina.
**05.30pm:** Saret laqgħa għall-ġenituri tal-kandidati għall-Konfirmazzjoni.

**» 8 ta' Novembru**
**03.00pm:** Saret Quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija b'suffraġju tal-erwieħ tal-Parroċċa. Wara, tbierku l-oqbra tal-mejtin tal-Parroċċa f'dak iċ-ċimiterju.

**» 11 ta' Novembru**
**06.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità Lateranensi tad-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma.

**» 13 ta' Novembru**
**06.00pm:** Saret Quddiesa b'suffraġju tal-erwieħ tas-saċerdoti mejta tal-Parroċċa.

**» 15 ta' Novembru**
**11.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni fil-ftuħ tal-Viżta Pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Tul din il-Viżta, l-Isqof iltaqa' ma' diversi gruppi u persuni biex jieħu stampa aktar ċara tar-realtà tal-Parroċċa.

**» 22 ta' Novembru**
**11.00am:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa Quddiesa għall-erwieħ tal-bandisti mejtin tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.



» 23 ta' Novembru
**07.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-grupp tal-*Lectio Divina*.
» 24 ta' Novembru
**06.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Kumitat tal-Liturġija.
**07.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Grupp tal-Missjoni.
» 25 ta' Novembru
**07.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali.
» 26 ta' Novembru
**10.00am:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof żar diversi saċerdoti rtirati fid-djar tagħhom.
**04.30pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.
**05.30pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-ġenituri tal-kreżimandi.
**06.30pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof mexxa t-talba tal-Għasar mas-saċerdoti.
**07.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-membri tal-Kapitlu u l-kleru, u wara ċċena magħhom.
» 27 ta' Novembru
**04.00pm:** Saru diversi żjajjar fid-djar mill-Isqof, bħala parti mill-Viżta Pastorali.
**08.30pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Grupp taż-Żgħażagħ.
» 28 ta' Novembru
**07.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
**08.30pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Gruppi tal-Adolexxenti.
» 29 ta' Novembru
**06.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni li fih ta l-Ministeru tal-Akkolitat lis-seminaristi Michael Grima (minn San Lawrenz) u Carl Scerri (mill-Katidral).
» 3 ta' Diċembru
**10.00am:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof kien għad-dispożizzjoni tal-parruċċani li xtaqu jkellmuh fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**05.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mat-tfal tal-Parroċċa waqt Ċelebrazzjoni tal-Avvent fis-Sala Parrokkjali.
» 6 ta' Diċembru
**09.45am:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Grupp tal-Għarajjes fi tħejjija għaż-żwieġ.
**10.30am:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-Kor tal-Parroċċa *Laudate Pueri*.
» 8 ta' Diċembru
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fis-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni u fl-erbgħin anniversarju tal-għoti tat-titlu ta' Kolleġġjata lill-Bażilika Ġorġjana.
» 9 ta' Diċembru
**06.30pm:** Dun Injazju Borg, Delegat tal-Isqof għal-Liturġija, ta katekeżi bit-tema *L-Evanġelarju fiċ-ċentru tal-komunità li tgħix il-Kelma*, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
» 10 ta' Diċembru
**07.00pm:** Bħala parti mill-Viżta Pastorali, l-Isqof iltaqa' mal-kumitati u l-gruppi tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, fis-Sede tagħha fi Triq ir-Repubblika.
» 11-13 ta' Diċembru
Saru *live-ins* tal-Avvent għall-Gruppi tal-Adolexxenti tal-Parroċċa organizzati mill-Grupp *23four*>>.
» 15 ta' Diċembru
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fil-bidu tan-Novena tal-Milied għat-tfal u l-familja bit-tema: *Ser nilqgħuh lil Ġesù dan il-Milied?* Dun Dominic M. Sultana mexxa l-jiem l-oħra tan-Novena, li kienet tintemm bil-kant tal-*Alma* minn Karolynn Ellis u l-Barka Ewkaristika.
» 16-24 ta' Diċembru
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa n-Novena tal-Milied għal kulħadd.
» 18 ta' Diċembru
Fil-Ministeru għal Għawdex, fil-preżenza tal-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, is-Sur John Borg, Segretarju Permanenti tal-istess Ministeru, is-Sur Anthony Zammit, Direttur ta' EkoGħawdex, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, u Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali ta' Għawdex, ġie ffirmat il-ftehim ta' għotja ta' €106,000 għar-restawr tal-faċċata u l-koppla tal-Bażilika.
» 21 ta' Diċembru
**08.00pm:** Dun Richard N. Farrugia mexxa Quddiesa għall-Gruppi tal-Adolexxenti f'għar fix-Xagħra.
» 23 ta' Diċembru
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa u wara ċelebrazzjoni speċjali tal-għeluq tan-Novena tal-Milied li kkonsistiet f'mumenti ta' mużika, drama, kant u innijiet u qari ta' letteratura tal-Milied. Wara, sar festin fiċ-Ċentru Parrokkjali.
» 24 ta' Diċembru
**04.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Ewwel Għasar tat-Twelid ta' Sidna mill-Kapitlu Ġorġjan.
**11.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Uffiċċju tal-Qari, bil-Prietka Tradizzjonali tat-Tfajjel minn Karl Curmi, abbati tal-Bażilika. Wara, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni tal-Lejl tal-Milied.
» 25 ta' Diċembru
**11.00am:** L-Isqof mexxa l-Pontifikal Solenni ta' nhar il-Milied. Fi tmiemu, Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, ippreżenta lill-Arċipriet Cardona ċ-ċekk tal-finanzjament ta' €106,000 min-naħa tal-Ministeru għar-restwar tal-faċċata u l-koppla.
**08.00pm:** Fi Pjazza San Ġorġ, inżamm kunċert għall-karità mill-Kor tat-Tfal *Piccole Stelle*.
» 28 ta' Diċembru
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fis-Solennità Lateranensi ta' San Ġwann l-Evanġelista.
» 29 ta' Diċembru
**07.00pm:** Inżamm fiċ-Ċentru Parrokkjali r-Riċeviment Annwali għall-Kollaboraturi u l-Benefatturi tal-Parroċċa.
» 31 ta' Diċembru
**09.00am:** Wara l-Quddiesa, beda nofstanhar ta' Espożizzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament f'kontinwazzjoni mal-Quddies.
**05.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni li ntemm bil-kant tat-*Te Deum*, b'radd il-ħajr fi tmiem is-sena 2015.
**08.00pm:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, mexxa siegħa ta' adorazzjoni u talb fil-Bażilika f'għeluq is-sena 2015.

**» 1 ta' Jannar 2016**
**11.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Omm Alla.
**» 3 ta' Jannar**
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fis-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej.
**12.30pm:** Bħala inizjattiva tal-Ġublew tal-Ħniena li fetaħ fit-8 ta' Diċembru 2015, il-Parroċċa organizzat fid-Dar Parrokkjali pranzu għal dawk li jgħixu waħidhom.
**» 10 ta' Jannar**
**02.00-08.00pm:** Saret l-attività *Sunday Funday* f'Ta' Mena Estate, Marsalforn, b'risq il-missjoni fl-Etjopja.



**» 16-17 ta' Jannar**
Fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, saret il-Ġabra għall-Art Imqaddsa mill-Patrijiet Franġiskani Minuri.
**» 1 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.
**» 10 ta' Frar**
**05.45pm:** Saret mixja penitenzjali miz-zuntier ta' San Ġakbu għall-Bażilika, fejn l-Arċipriet imbagħad mexxa Konċelebrazzjoni Solenni tal-Erbgħa tar-Rmied, bir-Rit tat-Tqegħid tar-Rmied.
**» 11 ta' Frar**
**05.00pm:** Saret Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-tfal u l-ġenituri tagħhom, fis-Sala Parrokkjali.
**» 15-19 ta' Frar**
**07.30pm:** Mons. Daniel Xerri, Arċipriet tax-Xewkija, mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali għall-Miżżewġin, fil-Bażilika.
**» 22-26 ta' Frar**
**04.00pm:** Mons. Carmelo Mercieca mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali għal Kulħadd, fil-Bażilika.
**» 29 ta' Frar-4 ta' Marzu**
**07.30pm:** Dun Noel Debono mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali għall-Adolexxenti, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 4 ta' Marzu**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa li tat bidu għal jum ta' Espożizzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament. L-adorazzjoni Ewkaristika kompliet sal-ewwel Quddiesa tas-Sibt filgħodu, bħala parti mill-inizjattiva universali *24 siegħa għall-Mulej*.
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa parrokkjali tal-Liżar ta' Kristu.
**» 6 ta' Marzu**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Markus Gebremedhin, Isqof tal-Vigarjat ta' Jimma-Bonga fl-Etjopja, mexxa Konċelebrazzjoni fil-Bażilika. Kien fit-territorju djoċesan tiegħu li, f'Settembru 2015, grupp ta' żgħażagħ mill-Parroċċa kien għamel esperjenza missjunarja flimkien ma' Mons. George Grima.
**12.30pm:** Sar *Sunday Buffet Lunch* f'Villa Fiorita, Marsalforn, bi ġbir ta' fondi għall-ħidma missjunarja fl-art ta' Mons. Gebremedhin.



**» 11 ta' Marzu**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-ewwel jum tas-Settiena tad-Duluri. Wara, sar pellegrinaġġ *aux flambeaux* madwar it-toroq tal-Bażilika fejn ingħadet it-talba tal-*Via Matris*.
**» 12-17 ta' Marzu**
**06.00pm:** Mons. Ġużepp Farrugia mexxa Quddiesa Kantata tas-Settiena tad-Duluri.
**» 14-17 ta' Marzu**
**04.15pm:** Id-djaknu Massimo Buttigieg mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali għat-Tfal, fis-Sala Parrokkjali.
**» 19 ta' Marzu**
**08.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* tellgħet Kunċert ta' Mużika Sagra taħt id-direzzjoni tas-Surmast Noel Beck, bis-sehem tal-Kor *Piccole Stelle*.
**» 20 ta' Marzu**
**10.30am:** Fuq iz-zuntier ta' San Ġakbu sar it-Tberik tal-Friegħi tal-Palm u ż-Żebbuġ mill-Arċipriet, mnejn imbagħad telqet purċissjoni għall-Bażilika. Hawn hu mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni ta' Ħadd il-Palm.
**» 21 ta' Marzu**
Tħabbret il-mewt tal-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof emeritu ta' Malta u saċerdot mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, fl-età ta' 87 sena.
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali. Wara, sar pelleġrinaġġ parrokkjali bl-istatwa ta' Ġesù Redentur mill-istess knisja sal-Bażilika, fejn ingħatat il-Barka Ewkaristika mill-Gwardjan Patri Joe Xerri OFMCONV.
**» 22 ta' Marzu**
**06.30pm:** L-Isqof mexxa Ċelebrazzjoni Penitenzjali li fiha ta l-Ewwel Qrara lit-tfal li kienu qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina.
**08.30pm:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* organizza *L-Ikla tal-Mulej*, fis-Sala Parrokkjali.
**» 23 ta' Marzu**
**07.30pm:** L-Isqof mexxa l-*Via Crucis* li, minħabba t-temp, inżammet fil-Bażilika, b'meditazzjonijiet fuq il-Ħniena ta' Alla.
**» 24 ta' Marzu**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fit-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Fi tmiem il-Quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa filgħodu. Skont id-dispożizzjonijiet ġodda tal-Papa, għall-ewwel darba, fost it-tnax magħżula għall-ħasil tar-riġlejn waqt il-funzjoni, kien hemm ukoll nisa.
**08.30pm:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss organizzat iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fir-Rabat.

» **25 ta' Marzu**
**10.00am:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* organizza l-*Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar.
**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni tal-Mulej u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.
**05.30pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Penitenzjali u Devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina *La Stella*, il-Kor *Laudate Pueri*, il-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta u l-i*Scouts Group* tal-Marsa. Kemm il-funzjoni u kemm il-purċissjoni kienu mxandra dirett fuq l-istazzjon televiżiv nazzjonali *TVM*.



» **26 ta' Marzu**
**08.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Velja Solenni tal-Għid, li bdiet bil-Mixegħla tan-Nar u l-Blandun fi Pjazza San Ġorġ, u kompliet fil-Bażilika.
» **27 ta' Marzu**
**08.45am:** Inżammet id-Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella*.
**11.00am:** L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' nhar l-Għid.
» **28 ta' Marzu**
**09.00am:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, beda t-Tberik tal-Għid fid-djar tal-familji.
» **31 ta' Marzu**
**09.00am:** Inżamm seminar parrokkjali għall-kandidati tal-Griżma tal-Isqof u l-ġenituri tagħhom, f'Dar *Stella Maris*, iż-Żebbuġ.
» **11 ta' April**
**06.00pm:** Anima l-Quddiesa l-Kor Ingliż *Trinity College*.

» **17 ta' April**
**11.00am:** Fil-Quddiesa l-Isqof ta s-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil grupp ta' tmienja u għoxrin student u studenta mill-Parroċċa tagħna.
» **19-21 ta' April**
**06.00pm:** Dun Simon M. Cachia mexxa t-tlett ijiem tat-Tridu, bi tħejjija għall-festa liturġika ta' San Ġorġ, fejn fiha niseġ l-omelija dwar il-Patrun tagħna. Fi tmiem tal-Quddiesa, tkanta l-Innu u ngħatat il-Barka Ewkaristika.
» **22 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Ewwel Għasar Solenni fil-Vġili tas-Solennità ta' San Ġorġ.
**07.30pm:** Inżammet il-Velja tal-Martirju fi Pjazza San Ġorġ bit-tema *San Ġorġ: ħabbâr tal-ħniena tal-Missier.* Il-velja tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u għaliha nħarġet fil-bieb l-istatwa ta' San Ġorġ Martri.
» **23 ta' April**
**07.00pm:** L-Isqof mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum San Ġorġ.
**08.30pm:** Fuq inizjattiva tal-Fondazzjoni Belt Victoria, fl-okkażjoni tal-mitt sena minn twelidu fl-1915, saret kommemorazzjoni f'ġieħ Patri Akkursju Xerri OFM, awtur tal-innu *Ġorġi tagħna*, bil-kxif ta' plakka f'ġieħu fi Pjazzetta Akkursju Xerri mill-Isqof Mario Grech.
» **24 ta' April**
**11.00am:** L-Isqof amministra l-Ewwel Tqarbina lil sebgħa u għoxrin tifel u tifla tal-Parroċċa.
» **29-30 ta' April**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa, u wara bdiet l-Espożizzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament li baqgħet għaddejja f'kontinwazzjoni mal-Quddies tal-ġurnata.
**06.30pm:** Tkanta l-Għasar Solenni mill-Kapitlu u l-kleru.
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-għeluq tal-ewwel u t-tieni jum tal-Kwaranturi Mqaddsa, rispettivament.
» **30 ta' April**
**08.00pm:** Baqgħet għaddejja l-adorazzjoni fis-skiet matul il-lejl kollu li spiċċat mal-ewwel Quddiesa tal-Ħadd filgħodu.
» **1 ta' Mejju**
**04.30pm:** Fi tmiem siegħa adorazzjoni organizzata mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet, tkanta l-Għasar solenni mill-Kapitlu u l-kleru.
**05.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal fl-għeluq tal-Kwaranturi Solenni, u wara, il-Purċissjoni Ewkaristika madwar it-toroq tal-Belt Victoria.



» **6 ta' Mejju**
**06.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità Lateranensi tad-Dedikazzjoni tal-knisja ta' San Ġwann *ante portam latinam* f'Ruma.
» **12 ta' Mejju**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-bidu tal-Ħamisijiet ta' San Ġorġ. Mill-Ħamis ta' wara, Patri Joe Xerri OFMCONV, Gwardjan tal-Franġikani Konventwali, mexxa l-Ħamisijiet b'temi relatati ma' San Ġorġ fid-dawl tas-Sena Mqaddsa tal-Ħniena.
» **29 ta' Mejju**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, u wara, purċissjoni bis-Sagrament madwar it-toroq ta' qrib il-Bażilika.
» **8 ta' Ġunju**
**08.00pm:** Fil-Bażilika nżamm il-Kunċert Inawgurali tad-Dsatax-il Edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta, il-klarinettista Godfrey Mifsud, u s-sopran Maria Frendo, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella. Dan ta bidu għal sensiela ta' kunċerti fil-Bażilika, l-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* u diversi knejjes u postijiet oħra fil-Belt Victoria.



» **15 ta' Ġunju**
**06.00pm:** Waslet Għawdex ir-Relikwa insinji ta' Driegħ San Ġorġ meqjuma fil-Katidral ta' Ferrara, l-Italja. Din ingħatat merħba fil-knisja ta' San Ġakbu, wara li aktar kmieni waslet mill-Italja għall-festi speċjali tal-275 sena mill-miġja tal-istatwa ta' San Ġorġ meqjuma fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.
**06.30pm:** Saret Translazzjoni Solenni tar-Relikwa mill-knisja ta' San Ġakbu lejn il-Bażilika, akkumpanjata mill-Kapitlu u l-kleru, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella* u l-*Victoria Scout Group*.
**07.00pm:** L-Isqof mexxa Velja Solenni bil-kant tal-Għasar madwar ir-Relikwa esposta fuq il-presbiterju għall-okkażjoni.
» **16 ta' Ġunju**
**07.30am:** Ir-Relikwa ta' San Ġorġ kienet esposta għall-qima tal-fidili waqt il-Quddiesa tal-ħin fil-knisja konventwali ta' San Franġisk.
**09.00-12.00pm, 03.00-4.30pm:** Ir-Relikwa ta' San Ġorġ ittieħdet f'diversi djar tal-anzjani fil-Belt Victoria, akkumpanjata minn Mons. Anton Borg u s-seminarista Joseph Hili.
**05.00pm:** Ir-Relikwa ta' San Ġorġ kienet esposta għall-qima tal-fidili waqt il-Quddiesa tal-ħin fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.
**07.00pm:** L-Arċipriet flimkien ma' Patri Joe Xerri OFMCONV mexxa l-Quddiesa tal-Ħamis ta' San Ġorġ li fiha fuq il-presbiterju kien hemm għall-qima tat-tfal u l-familji r-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ.
» **17 ta' Ġunju**
**07.00am:** Ir-Relikwa ta' San Ġorġ kienet esposta għall-qima tal-fidili waqt il-Quddiesa tal-ħin fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.
**09.00-11.00am:** Ir-Relikwa ta' San Ġorġ żaret l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn iddawret f'diversi swali.
**11.30am:** Ir-Relikwa ġiet milqugħa fost l-istudenti ċkejknin tal-Iskola Primarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex fil-Belt Victoria.
**03.00-06.00pm:** Ir-Relikwa ttieħdet f'diversi djar tal-anzjani fil-Belt Victoria.
**07.30pm:** Inżamm l-ewwel Pellegrinaġġ Penitenzjali Parrokkjali tal-Ħniena bir-Relikwa insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ mill-Bażilika ta' San Ġorġ għas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu. Fil-pellegrinaġġ inġarr ukoll il-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu meqjum fil-Parroċċa tagħna. Tulu ntqalet it-talba tar-Rużarju, filwaqt li l-pellegrini kellhom iċ-ċans li jerfgħu għal ftit ir-Relikwa ta' San Ġorġ. Il-pellegrinaġġ, li tmexxa mill-Arċipriet Cardona, intemm fis-Santwarju b'messaġġ mill-Isqof.



» **18 ta' Ġunju**
**07.00am:** Ir-Relikwa ta' San Ġorġ kienet esposta għall-qima tal-fidili waqt il-Quddiesa tal-ħin fil-knisja konventwali ta' Santu Wistin.
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bil-kant tat-*Te Deum*, li fiha kkonċelebra wkoll Dun Anton Cassar, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Din ġabet fi tmiemha ż-żjara tar-Reliwka insinji ta' Driegħ San Ġorġ f'Għawdex. Wara, ir-Relikwa ttieħdet Malta għall-festi speċjali fil-Parroċċa Ġorġjaniża ta' Ħal Qormi.
» **19 ta' Ġunju**
**12.30pm:** Sar *Pasta Buffet Lunch* b'risq il-missjoni ta' grupp mill-Parroċċa fil-Gwatemala f'Awwissu.
» **1-2 ta' Lulju**
Saret ħidma minn diversi voluntiera biex jimtela kontejner b'affarijiet varji biex jintbagħat fil-Parroċċa ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala. Din l-attività, li nżammet ħdejn il-garaxxijiet tal-*FXB* fix-Xewkija, kienet parti minn Kampanja ta' Ġenerożità li l-Parroċċa organizzat b'risq il-ħidma missjunarja fil-Gwatemala. Il-kontejner, li mtela kollu, intbagħat fl-14 ta' Lulju u wasal il-Gwatemala fit-18 ta' Awwissu, fejn eventwalment inħatt mill-grupp taż-żgħażagħ Ġorġjani.
» **2 ta' Lulju**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-jiem tan-Novena għall-familji u t-tfal tal-Parroċċa, bit-tema *"Ma' San Ġorġ niskopru Wiċċ il-Ħniena tal-Missier"* b'animazzjoni u spjega tat-tema mis-seminarista Joseph Hili. Tul il-jiem tan-Novena saret Kampanja

ta' Ġenerożità b'risq il-ħidma missjunarja tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Gwatemala.

**» 7 ta' Lulju**

**10.30am:** Dun Simon Mario Cachia mexxa Quddiesa għall-anzjani u l-morda bis-sehem tal-membri u l-voluntiera tal-Ordni ta' San Ġwann, li fiha ġie amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara, sar *get-together* organizzat mil-*Ladies Society* fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 10 ta' Lulju**

**06.00pm:** Is-saċerdot novell Dun Mario Curmi mexxa l-Quddiesa tal-aħħar jum tan-Novena li fiha saret ukoll il-Vestizzjoni tal-abbatini ġodda Jerome Attard, Dilyn Ballucci u Kurt Cutajar. Fl-aħħar ta -Quddiesa saret ċelebrazzjoni ta' kant u drama li ntemmet bid-dħul tal-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ fil-Bażilika. Wara, sar festin kbir fi Pjazza San Ġorġ.

**» 11 ta' Lulju**

**08.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert Grandjuż u Finali tal-*Victoria International Arts Festival* b s-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta u l-vjolinista Andrea Gajic, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella.

**» 12 ta' Lulju**

**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.

**08.00pm:** Inħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa, li ddawret mal-Bażilika fejn wara ġiet imqiegħda fin-nava tan-nofs tal-korsija.

**09.00pm:** Id-djaknu Michael Grima, mill-Parroċċa ta' San Lawrenz, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana bit-tema *Qaddejja bħal Ġorġi!*, organizzata għaż-żgħażagħ mill-Grupp *23four>>*.



**» 13-15 ta' Lulju**

**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Ġużeppi A. Borg, Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, u Mons. Alfred Xuereb, rispettivament. L-omelij tat-Tridu saru mill-Kan. Ġwann Sultana, Rettur tal-knisja ta' Sant'Anton Abbati, ix-Xagħra. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew minn Mons. George Grima, il-Kan. Emanuel Buttigieg u l-Kan. George DeBrincat, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum* tal-Bażilika.

**» 14-15 ta' Lulju**

**09.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni tal-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier, u Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet emeritu, rispettivament.

**» 16 ta' Lulju**

**10.00am:** Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant tat-*Te Deum.*

**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni tal-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ. Fil-bidu tat-Translazzjoni, il-Kan. Dr Joe Zammit ħa l-pussess bħala membru effettiv tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

**» 17 ta' Lulju**

**08.15am:** L-Isqof ippresieda l-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.

**08.30am:** L-Isqof, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Ġorġjan u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal tal-Festa. Niseġ l-omelija Mons. Ġużeppi Gauci.

**06.00pm:** Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex, mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tieni Għasar tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**07.30pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara bdiet ħierġa l-Purċissjoni Solenni mmexxija minn Mons. Tarċisju Camilleri, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella*, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika.

**10.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant tal-Antifona u l-Barka Ewkaristika.

**» 20-26 ta' Lulju**

L-Arċipriet mexxa Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes.

**» 25 ta' Lulju-2 ta' Awwissu**

Żgħażagħ mill-Grupp *23four>>* telgħu Krakovja, il-Polonja, biex, flimkien mal-kontinġent Għawdxi mmexxi mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, jieħdu sehem fil-31 Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Il-grupp minn San Ġorġ kien magħmul minn tnejn u għoxrin bejn adolexxenti u żgħażagħ, li fost l-oħrajn attendew għall-Quddiesa mmexxija mill-Q.T. il-Papa Franġisku fuq *Campus Misericordiæ*. Lauren Grech, żagħżugħa mill-Parroċċa tagħna, telgħet bix-xorti biex toqgħod bilqiegħda fis-sezzjoni iktar qrib tal-altar.

**» 3 ta' Awwissu**

**08.30pm:** Sar *BBQ Buffet* f'Ta' Mena Estate, Marsalforn, b'risq il-ħidma missjunarja fil-Gwatemala.

**» 5-23 ta' Awwissu**

Fil-grupp ta' abbatini Maltin u Għawdxin li telgħu Ruma jagħtu servizz fil-Bażilika ta' San Pietru, kien hemm erbgħa mill-komunità parrokkjali Ġorġjana: Nicholas Vella, abbati tal-Bażilika, li f'konkors li nżamm fil-31 ta' Ottubru 2015 ġie fil-ħames post minn Għawdex; Jurgen Mario Portelli, abbati fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali; waqt li Samuel Aquilina, wieħed miż-żewġ Prefetti tal-abbatini tal-Bażilika, u Anthony Attard, abbati wkoll fil-knisja tal-Agostinjani, intgħażlu bħala "abbatini maturi". Il-grupp kien akkumpanjat ukoll mis-seminarista Joseph Hili.

**» 6 ta' Awwissu**

**09.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità tas-Santissmu Salvatur.

**» 9-31 ta' Awwissu**

Grupp ta' sitt żgħażagħ mill-Parroċċa għamlu esperjenza missjunarja fl-art tal-Gwatemala, fil-Parroċċa ta' Dun Anton Grech, saċerdot mill-Parroċċa tal-Katidral. Il-grupp għen fil-missjoni li qed jagħmel Dun Anton, li kienet tinkludi rinnovar tal-grawnd u l-istands, il-bini ta' *borehole* għall-provista kontinwa

tal-ilma, għajnuna fid-diversi parroċċi li jaqgħu taħtu, u l-ħatt u t-tqassim tal-kontejner li l-Parroċċa ta' San Ġorġ ġabret u bagħtet hemm f'Lulju.

**» 6 ta' Settembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fit-58 anniversarju tal-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-Parroċċa ta' San Ġorġ.

**» 14 ta' Settembru**

**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa Għasar u wara Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa parrokkjali tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

**» 21 ta' Settembru**

**09.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni fil-261 anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

**» 25 ta' Settembru**

**09.45am:** Wara l-waqfa tas-Sajf, Dun Anton Teuma kompla bil-laqgħat ta' tħejjija għas-Sagrament taż-Żwieġ lill-koppji għarajjes.

**» 30 ta' Settembru**

**05.15pm:** Bħala parti mill-Ġublew tal-Ħniena tal-Katekisti, iċ-ċelebrazzjoni djoċesana bdiet fil-Bażilika b'Għasar li tmexxa mill-Isqof Grech, li mbagħad mexxiehom f'pellegrinaġġ sal-knisja Katidrali, fejn waqt il-Quddiesa ngħata wkoll il-mandat lill-katekisti kollha.

**» 2 ta' Ottubru**

**10.00am:** Kompla, wara l-waqfa tas-Sajf, il-Quddies tal-Ħadd għat-tfal u l-familja, immexxi minn Mons. Ġużeppi Gauci.

**» 6 ta' Ottubru**

**04.30 u 05.30pm:** Bdew mill-ġdid il-katekeżi għall-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni, fis-Sala Parrokkjali.

**» 1 ta' Novembru**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fis-Solennità tal-Qaddisin kollha.

**» 2 ta' Novembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fit-Tifkira Solenni tal-Erwieħ Mejtin kollha.

**» 4 ta' Novembru**

**01.50pm:** Il-Kurja tal-Isqof ta' Għawdex ħarġet Stqarrija li fiha ħabbret li Mons. Joseph Curmi, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, li sa dak iż-żmien kien qed jaqdi bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa tan-Nadur, kien qed jieħu post Mons. Pawlu Cardona bħala Arċipriet ta' San Ġorġ. Sadattant, l-Isqof kien qed jaħtar lil Mons. Cardona bħala Vigarju Episkopali għall-Kleru bl-għan li jaħdem għall-komunjoni presbiterali u jsegwi aktar mill-qrib il-kleru.

**07.00pm:** L-Arċipriet il-ġdid Mons. Jospeh Curmi mexxa l-ewwel Quddiesa tiegħu fil-Bażilika.



**» 5 ta' Novembru**

**05.00pm:** Sar it-tieni Pellegrinaġġ Parrokkjali tal-Ħniena lejn il-Bieb Imqaddes tas-Santwarju antik tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala, l tmexxa mill-eks-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Il-pellegrinaġġ sar bl-istatwa ta' Madonna ta' Fatima li twasslet fuq l-ispalla, u matulu l-pellegrini talbu r-Rużarju. Il-pellegrinaġġ, li beda mill-Bazilika, għadda minn Triq Karità, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Għajn Qatet, Pjazza San Ġwann Battista, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq il-Qala, Triq l-Imġarr u Triq il-Kunċizzjoni. L-Arċipriet il-ġdid Curmi għamel messaġġ f'għeluq il-pellegrinaġġ, wara li ngħata il-Barka Sagramentali.

**» 9 ta' Novembru**

**06.00pm:** L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fid-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma.

**» 12 ta' Novembru**

**07.30pm:** Inżamm it-tielet u l-aħħar Pellegrinaġġ Parrokkjali tal-Ħniena, din id-darba lejn il-Katidral bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima, li fi tmiemu, iż-żewġ Arċipirieti l-ġodda, Mons. Joseph Curmi u Mons. Joseph Sultana, mexxew il-Quddiesa fil-Katidral. F'messaġġi fl-aħħar, huma awguraw iktar ħidma konġunta taż-żewġ parroċċi għall-ġid pastorali tal-poplu tal-Belt Victoria.



**» 20 ta' Novembru**

Tħabbar li Dun Richard Nazzareno Farrugia, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu, kien ġie mibgħut mill-Isqof biex jagħti l-għajnuna tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-*weekends*.

**» 4 ta' Diċembru**

**11.00am:** Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr fi tmiem l-arċipretura tiegħu. Fil-bidu tal-Quddiesa, is-Sur Paul Zammit għamillu messaġġ ta' ringrazzjament f' sem il-komunità kollha. Wara, Mons. Isqof għamel indirizz fejn irringrazzja lil Dun Pawl tas-servizz tiegħu bħala Arċipriet ta' San Ġorġ. Lejn l-aħħar tal-

Quddiesa, l-Arċipriet il-ġdid Mons. Joseph Curmi rregala ritratt kommemorattiv li juri lil Mons. Cardona fil-Velja Ġorġjana ta' nhar is-27 ta' April 2014. Rigal ieħor min-naħa tal-komunità kien kwadru mpitter għall-okkażjoni mill-artist Pawlu Camilleri Cauchi li juri l-Madonna tal-Fiduċja, lil San Ġorġ Martri u l-Qaddej ta' Alla Mons. Guglielmo Giaquinta. Mons. Cardona min-naħa tiegħu rregala lill-Parroċċa kwadru bi profil tiegħu, xogħol Manuel Farrugia. Fi tmiem il-Quddiesa, tbierku l-Kmamar tar-Rikonċiljazzjoni li huma l-aħħar proġett li għamel Mons. Cardona. Wara, sar riċeviment fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 9 ta' Diċembru**

**08.00pm:** Dun Richard N. Farrugia mexxa Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, katekeżi, talb u kant li fiha l-komunità kollha, imma speċjalment iż-żgħażagħ, kienu mistiedna jqattgħu ftit ħin ta' talb għall-Arċipriet il-ġdid u miegħu. Fil-velja saret spjegazzjoni dwar ir-riti u s-sinifikati taċ-ċerimonja tal-Pussess ta' Arċipriet. Fiċ-ċelebrazzjoni għamel ukoll il-messaġġ tiegħu l-Arċipriet Curmi.

**» 11 ta' Diċembru**

**09.45am:** L-Arċipriet Curmi wasal fi Triq ir-Repubblika wara li kien telaq mill-Bażilika tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, fejn għamel mument ta' talb mal-Kapitlu.

**09.50am:** Telaq korteo minn Triq ir-Repubblika bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella* u l-*Victoria Scout Group* sa Pjazza San Ġorġ. Mons. Joseph Curmi kien akkumpanjat minn Mons. Pawlu Cardona, Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, familjari u ħbieb.

**10.10am:** L-Isqof Grech, flimkien mal-bqija tal-Kapitlu u l-kleru tal-Parroċċa skjerati fuq it-taraġ tal-Bażilika, taw merħba lill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi fi Pjazza San Ġorġ. Wara, Francesco Pio Attard, Segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, għamel Indirizz ta' Merħba lill-Arċipriet il-ġdid. Mons. Isqof libbes l-istola u ta s-salib lil Dun Joseph, li mbagħad ħabbat fuq il-bieb il-kbir tal-Bażilika u għamel l-ingress solenni.

**10.30am:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni li fih Mons. Joseph Curmi ngħata l-Pussess kanoniku bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Ir-rit kien jinkludi diversi mumenti liturġiċi li jfissru l-bidu tal-ministeru pastorali ta Arċipriet. Wara t-tqarbin, saret preżentazzjoni ta' tliet boroż ta' studju lir-Rettur tas-Seminarju Dun Richard N. Farrugia bħala rigal mill-Parroċċa fl-okkażjoni tal-arċipretura ġdida. Mons. Carmelo Refalo ppreżenta rigal tal-okkażjoni lill-Arċipriet Curmi f'isem il-Parroċċa tax-Xagħra. Wara l-Pontifikal, sar riċeviment fiċ-Ċentru Parrokkjali, fejn, fost l-oħrajn, saret ukoll preżentazzjoni ta' rigal minn delegazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.

**» 12-14 ta' Diċembru**

**05.00-08.00pm:** L-Arċipriet il-ġdid laqa' lill-parruċċani fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 15 ta' Diċembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa n-Novena tal-Milied għall-familji kollha. Id-disat ijiem kienu mżewqa b'diversi mumenti speċjali, bħall-Quddiesa tat-tmien jum li saret għad-dawl tax-xemgħa (*Candlelight Mass*), filwaqt li dawk preżenti ngħataw tifkira. In-Novena kienet tinkludi l-kant tal-*Alma* u l-Barka Ewkaristika.

**» 23 ta' Diċembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar jum tan-Novena li fi tmiemha saret ċelebrazzjoni speċjali b'rappreżentazzjoni drammatika, il-kant tal-*Alma* u l-Barka Ewkaristika. Wara, sar festin fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 24 ta' Diċembru**

**04.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Ewwel Għasar tal-Milied.

**11.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Uffiċċju tal-Qari, li fiha saret il-Prietka tat-Tfajjel mill-abbati Gianfranco Gatt. Wara, il-Liturġija ssoktat b'Konċelebrazzjoni Solenni tal-Vġili tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Wara l-funzjoni, kulħadd kien mistieden jidħol fiċ-Ċentru Parrokkjali għal *agape* flimkien.

**» 24 ta' Diċembru**

Tħabbar fi Stqarrija mill-Kurja tal-Isqof li l-Kan. Ġwann Mercieca, Penitenzier tal-Kapitlu Ġorġjan, ġie maħtur mill-Isqof bħala Monsinjur Onorarju tal-Katidral.



**» 25 ta' Diċembru**

**11.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni ta' nhar il-Milied.

**08.00pm:** Fi Pjazza San Ġorġ, inżamm kunċert għall-karità mill-Kor tat-Tfal *Piccole Stelle*.

**» 27 ta' Diċembru**

**06.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità ta' San Ġwann l-Appostlu.

**» 28-29 ta' Diċembru**

Sar *live-in* għall-adolexxenti tal-Parroċċa f'lukanda Malta.

**» 29 ta' Diċembru**

**07.00pm:** Sar ir-Riċeviment Annwali għall-Benefatturi u l-Kollaboraturi tal-Parroċċa, fiċ-Ċentru Parrokkjali.



**» 30 ta' Diċembru**

Saret ħarġa f'Malta għall-abbatini tal-Parroċċa.

**» 31 ta' Diċembru**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa li tat bidu għal nofstanhar adorazzjoni b'kontinwazzjoni mal-Quddies ta' filgħodu b'radd il-ħajr għas-sena 2016.

**05.00pm:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni tal-Aħħar tas-Sena, li fi tmiemu sar il-kant tat-*Te Deum*.

**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa siegħa adorazzjoni b'radd il-ħajr lil Alla għall-għeluq tas-sena.





▲ **22 ta' April 2015**
Velja Ekumenika Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ fi Pjazza San Ġorġ, fis-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata.

**15 ta' Ġunju 2016** ▶
Merħba fi Pjazza San Ġorġ lir-Relikwa Insinji ta' Driegħ San Ġorġ mill-Katidral ta' Ferrara, l-Italja.



▼ **25 ta' Marzu 2016**
Il-vara ġdida ta' Ġesù Redentur maħduma fl-injam minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi għall-Purċissjoni Penitenzjali tal-Passjoni.

▲ **10 ta' Lulju 2016** (fuq)
Vestizzjoni mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona tal-abbatini ġodda Jerome Attard, Dilyn Ballucci u Kurt Cutajar fl-aħħar jum tan-Novena ta' San Ġorġ.

**16 ta' Lulju 2016** ▼
Ritratt storiku u aktarx uniku tal-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ fil-knisja ta' San Ġakbu fit-Tokk, fejn iddaħħlet is-Sibt tal-Festa filgħodu biex tingħata kenn mir-riħ qawwi.



